UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW | IL-KUNSILL

Strasburgu, 9 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

2018/0243 (COD)
LEX 2092

PE-CONS 41/21

CADREFIN 263
FIN 400
ACP 47
COEST 117
MAMA 88
DEVGEN 105
COLAC 38
COAFR 139
COASI 75
ECOFIN 541
ASIM 34
MIGR 100
ATO 39
PE 56
CODEC 788
POLGEN 83
CORLX 286
COHOM 90

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI JISTABBILIXXI L-ISTRUMENT TA' VIĊINAT, TA' KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP U TA' KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI – EWROPA GLOBALI, LI JEMENDA U LI JĦASSAR ID-DEĊIŻJONI NRU 466/2014/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL U JĦASSAR IR-REGOLAMENT (UE) 2017/1601 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL U R-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) NRU 480/2009

REGOLAMENT (EU) 2021/…
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Ġunju 2021

li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat,
ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali,
li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209 u 212 u l-Artikolu 322(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

[1] ĠU C 110, 22.3.2019, p. 163.

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[3],

---

1 ĠU C 86, 7.3.2019, p. 295.

2 ĠU C 45, 4.2.2019, p. 1.

3 Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta’ Marzu 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-26 ta' Mejju 2021 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' …(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

(1) Jenħtieġ li l-objettiv ġenerali tal-"Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (l-"Istrument"), li huwa programm għall-finijiet tal-qafas finanzjarju pluriennali, ikun li jsostni u jippromwovi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3(5) u fl-Artikoli 8 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

(2) Skont l-Artikolu 21 tat-TUE, l-Unjoni trid tiżgura li jkun hemm konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha u bejn dawn u l-politiki l-oħra tagħha, kif ukoll taħdem lejn grad għoli ta' kooperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali. Jenħtieġ li l-firxa wiesgħa ta' azzjonijiet appoġġjati skont l-Istrument tikkontribwixxi għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21(1) u (2) TUE.

(3) Jenħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni tippromwovi r-rispett għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jenħtieġ li tkun imsejsa fuqu, inkluż id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u fuq id-dritt umanitarju internazzjonali, u jenħtieġ li tkun iggwidata mill-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem.

(4) Skont l-Artikolu 8(1) TUE, l-Unjoni trid tiżviluppa mal-pajjiżi viċini tagħha relazzjonijiet speċjali, bl-għan li tistabbilixxi żona ta' prosperità u ta' viċinat tajjeb, ibbażata fuq il-valuri tal-Unjoni u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni. Jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi għal dak l-objettiv.

(5) L-objettiv primarju tal-politika tal-Unjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huwa li jitnaqqas il-faqar u, fuq terminu twil, il-qerda tiegħu. Il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni tikkontribwixxi wkoll għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari li jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan primarju li jinqered il-faqar, kif stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 21(2) TUE.

(6) L-Unjoni trid tiżgura l-koerenza politika fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp kif meħtieġ mill-Artikolu 208 TFUE. Jenħtieġ li l-Unjoni tqis l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li x'aktarx jolqtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li ser ikun element kruċjali tal-istrateġija biex jitwettqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ("Sustainable Development Goals" (SDGs)) definiti fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (l-"Aġenda 2030") adottati min-Nazzjonijiet Uniti (NU) f'Settembru 2015. L-iżgurar tal-koerenza politika fl-iżvilupp sostenibbli, kif inkorporat fl-Aġenda 2030, jirrikjedi li jitqies l-impatt tal-politiki kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha nazzjonali, fl-Unjoni, f'pajjiżi oħra u fil-livell dinji.

(7) Jenħtieġ li dan l-Istrument jikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-konflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali kif stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 21(2) TUE.

(8) Jenħtieġ li l-Istrument jiġi stabbilit għal perjodu ta' seba' snin sabiex it-tul taż-żmien tiegħu jiġi allinjat ma' dak tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093[1] (il-"QFP 2021-2027") .

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

(9) L-Istrument jenħtieġ li jipprevedi azzjonijiet li jappoġġaw dawk l-objettivi tal-Unjoni u dawk il-politiki ta' azzjoni esterna tal-Unjoni u jibni fuq l-azzjonijiet li qabel kienu appoġġati permezz tar-Regolament (UE) Nru 230/2014[1], (UE) Nru 232/2014[2], (UE) Nru 233/2014[3], (UE) Nru 234/2014[4], (UE) Nru 235/2014[5], (UE) Nru 236/2014[6] u (UE) 2017/1601[7] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8],

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 230/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 1).

2 Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

3 Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perijodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

4 Ir-Regolament (UE) Nru 234/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 77).

5 Ir-Regolament (UE) Nru 235/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 85).

6 Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-finanzjament tal-azzjoni esterna (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 95).

7 Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

8 Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investiment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009[1], (Euratom) Nru 237/2014[2] u (UE) 2015/322[3], u l-Ftehim Intern tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)[4].

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10).

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 237/2014 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 109).

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/322 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 58, 3.3.2015 p. 1).

[4] Il-Ftehim intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1).

(10) Il-kuntest globali għall-azzjoni huwa li tinkiseb ordni dinji bbażat fuq ir-regoli u bbażat fuq il-valuri, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tiegħu u bin-NU fil-qalba tiegħu. L-Aġenda 2030, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet dwar it-Tibdil fil-Klima[1] (il-"Ftehim ta' Pariġi") u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp (l-“Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa”) hija r-rispons tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u x-xejriet dinjija fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli. Bl-SDGs fil-qalba tagħha, l-Aġenda 2030 hija qafas trasformattiv biex jeqred il-faqar u jikseb żvilupp sostenibbli fuq livell dinji. Hija għandha kamp ta' applikazzjoni universali, billi tipprovdi qafas komprensiv kondiviż għal azzjonijiet li japplikaw għall-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħha. Hija tibbilanċja d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li tirrikonoxxi l-interkonnessjonijiet essenzjali bejn l-għanijiet u l-miri tagħha. L-Aġenda 2030 għandha l-għan li ħadd ma jitħalla lura u li l-ewwel tfittex li tilħaq lil dawk li l-aktar baqgħu lura. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 ser tkun koordinata mill-qrib mal-impenji internazzjonali rilevanti l-oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-azzjonijiet appoġġjati skont l-Istrument ikunu ggwidati mill-prinċipji u l-objettivi stabbiliti fl-Aġenda 2030, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-SDGs. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-interkonnessjonijiet bejn l-SDGs u lill-azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jilħqu objettivi multipli b'mod koerenti mingħajr ma jdgħajfu objettivi oħra.

1 ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

(11) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Istrument tkun iggwidata mill-ħames prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (Ġunju 2016) (l-"Istrateġija Globali"), approvata mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2016, li tirrappreżenta l-viżjoni u l-qafas tal-Unjoni għal involviment estern magħqud u responsabbli fi sħubija ma' oħrajn, biex tmexxi 'l quddiem il-valuri u l-interessi tagħha. Jenħtieġ li l-Unjoni ssaħħaħ is-sħubijiet, tippromwovi d-djalogu dwar il-politika u r-rispons kollettiv għall-isfidi ta' tħassib dinji. Jenħtieġ li l-azzjoni tagħha tappoġġa l-interessi, il-prinċipji u l-valuri fundamentali tal-Unjoni fl-aspetti kollha tagħhom. Meta tagħmel dan, jenħtieġ li l-Unjoni tuża approċċ integrat u tikkonforma mal-prinċipji tar-rispett għal standards soċjali, tax-xogħol u ambjentali għolja u tippromwovi dawn il-prinċipji, inkluż fir-rigward tat-tibdil fil-klima, għall-istat tad-dritt u għad-dritt internazzjonali, inkluż fir-rigward tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

(12) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Istrument tkun iggwidata wkoll mill-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp tat-8 ta' Ġunju 2017 (il-'Kunsens') li jipprevedi l-qafas għal approċċ komuni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha biex jimplimentaw l-Aġenda 2030 u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. Il-qerda tal-faqar, l-indirizzar tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi, li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, il-protezzjoni tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u t-tisħiħ tar-reżiljenza jinsabu fil-qalba tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u jenħtieġ li jirfdu l-implimentazzjoni tal-Istrument.

(13) L-Istrument jenħtieġ li jieħu konta tad-dokumenti ta' politika rilevanti, inkluż reviżjonijiet futuri tagħhom, bħal: il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Istatus tar-Refuġjati, il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD, *International Conference on Population and Development*), il-Pjattaforma għal Azzjoni ta' Beijing, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, il-Kunċett tal-UE għal Appoġġ għad-Diżarm, id-Demobilizzazzjoni u r-Reintegrazzjoni, l-Approċċ Komprensiv għall-implimentazzjoni min-naħa tal-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 (2000) u 1820 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCRs) dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, il-Kunċett dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet ta' Medjazzjoni u ta' Djalogu tal-UE, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2011 dwar il-prevenzjoni ta' konflitti, il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjanijiet ta' Azzjoni bbażati fuqu, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2016 dwar qafas strateġiku madwar l-UE għall-appoġġ ta' Riforma fis-Settur tas-Sigurtà li japprovaw il-komunikazzjoni konġunta dwar "Elementi għal qafas strateġiku madwar l-UE għall-appoġġ ta' Riforma fis-Settur tas-Sigurtà", l-istrateġija tal-UE kontra l-armi ħfief, l-armi ta' kalibru żgħir u l-armi tan-nar illeċiti u l-munizzjon tagħhom, il-linji gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, konvenzjonijiet rilevanti oħra tan-NU u l-Konvenzjoni tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika dwar is-Sikurezza Nukleari.

(14) Jenħtieġ li l-Istrument jimmira li jżid il-koerenza u jiżgura l-effettività tal-azzjoni esterna tal-Unjoni biex b'hekk itejjeb l-implimentazzjoni tal-politiki ta' azzjoni esterna differenti.

(15) Skont l-Istrateġija Globali, il-Kunsens u l-Qafas ta' Sendai adottat fit-18 ta' Marzu 2015 għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, jenħtieġ li jingħata rikonoxximent lill-ħtieġa li nimxu lil hinn mir-rispons għall-kriżijiet u l-konteniment tagħhom u nersqu lejn approċċ aktar strutturali u fuq terminu twil li jindirizza b'mod aktar effettiv is-sitwazzjonijiet ta' fraġilità, id-diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem, u l-kriżijiet fit-tul. Huma meħtieġa enfasi akbar u approċċi kollettivi fuq it-tnaqqis tar-riskju, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni u t-tħejjija, u huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex jissaħħaħ ir-rispons rapidu u l-irkupru durabbli. Jenħtieġ, għalhekk, li l-Istrument jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-reżiljenza u biex jorbot l-għajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp, b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet ta' rispons rapidu kif ukoll programmi ġeografiċi u tematiċi rilevanti, filwaqt li jiżgura r-rispett tal-prinċipji umanitarji.

(16) F'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni fir-rigward tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Busan għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp, affermat mill-ġdid fil-Forum ta' Livell Għoli ta' Nairobi fl-2016 u mfakkra fil-Kunsens, jenħtieġ li l-Unjoni tapplika, fil-kuntest tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp ("Official Development Assistance" (ODA)) tagħha u fil-modalitajiet ta' għajnuna kollha, il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp, jiġifieri s-sjieda tal-prijoritajiet għall-iżvilupp mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fokus fuq ir-riżultati, sħubijiet inklużivi għall-iżvilupp, trasparenza u akkontabbiltà reċiproċi, kif ukoll allinjament u armonizzazzjoni. F'dak ir-rigward, huwa importanti li l-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp jinkludu proċessi konsultattivi wiesgħa f'konformità mal-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar Effettività tal-Għajnuna, b'mod partikolari meta dawk iservu bħala bażi għall-programmazzjoni.

(17) Skont l-SDGs, jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi għall-monitoraġġ u għar-rapportar imtejba b'enfasi fuq ir-riżultati, li jkopru l-outputs, l-eżiti u l-impatti f'pajjiżi sħab li jibbenefikaw mill-assistenza finanzjarja esterna tal-Unjoni.

(18) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi ċari ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni biex jiġu pprovduti akkontabbiltà u trasparenza effettivi fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, u biex tkun żgurata valutazzjoni effettiva tal-progress lejn it-twettiq tal-objettivi tal-Istrument. Kull meta jkun possibbli u xieraq, jenħtieġ li r-riżultati tal-azzjoni esterna tal-Unjoni jiġu mmonitorjati u evalwati fuq il-bażi ta' indikaturi predefiniti, trasparenti, speċifiċi għall-pajjiżi u miżurabbli, adattati għall-ispeċifiċitajiet u l-objettivi tal-Istrument u preferibbilment ibbażati fuq il-qafas tar-riżultati tal-pajjiż sieħeb.

(19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja regolarment l-azzjonijiet iffinanzjati skont l-Istrument u tirrieżamina il-progress li jkun sar lejn il-kisba ta' riżultati mistennija, li jkopru l-outputs u l-eżiti. Kull fejn ikun possibbli, jenħtieġ li jintużaw oqfsa ta' riżultati eżistenti. Jenħtieġ li l-indikaturi użati biex jitkejjel il-progress ikunu konformi mal-SDGs u jkunu ċari, rilevanti u jkollhom metodoloġiji robusti. Jenħtieġ li d-data għall-indikaturi tkun faċilment disponibbli u ta' kwalità tajba. Jenħtieġ li l-valuri tal-indikaturi fl-1 ta' Jannar 2021 jintużaw bħala bażi għall-valutazzjoni ta' kemm intlaħqu l-objettivi tal-Istrument u ser iservu ta' kontribut għar-rapporti annwali kif ukoll għall-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u dawk finali tal-Istrument. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel ukoll użu xieraq mill-evalwazzjonijiet esterni indipendenti. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura, fejn rilevanti, l-involviment xieraq tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill kif ukoll ta' partijiet ikkonċernati oħra, inkluż l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

(20) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tibgħat ir-rapporti ta' evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri. L-evalwazzjonijiet jistgħu jiġu diskussi fuq talba tal-Istati Membri skont dan ir-Regolament.

(21) L-Istrument jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-objettiv kollettiv tal-Unjoni li tipprovdi 0,7 % tad-Dħul Nazzjonali Gross ("Gross National Income" (GNI)) bħala ODA fil-perijodu ta' żmien tal-Aġenda 2030, billi jappoġġa azzjonijiet realistiċi u verifikabbli biex jiġi ssodisfat dan l-impenn, li dwaru jenħtieġ li l-progress ikompli jiġi mmonitorjat u rrappurtat. F'dak ir-rigward, mill-anqas 93 % tal-finanzjament skont l-Istrument jenħtieġ li jikkontribwixxi għal azzjonijiet imfassla b'mod li jissodisfaw il-kriterji għall-ODA kif stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD).

(22) Sabiex ikun żgurat li jiġu pprovduti riżorsi fejn hemm l-akbar ħtieġa, speċjalment lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs, *Least Developed Countries*) u lill-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità u kunflitt, l-Istrument jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-mira kollettiva tal-Unjoni li jintlaħqu bejn 0,15 u 0,20 % tal-GNI tal-Unjoni bħala ODA għal- LDCs fit-terminu qasir, u li jintlaħaq 0,20 % tal-GNI bħala ODA fi ħdan l-iskeda ta' żmien tal-Aġenda 2030, billi jiġu appoġġati azzjonijiet realistiċi u verifikabbli biex jiġi ssodisfat dan l-impenn, li fuqu jenħtieġ li jitkompla jiġi mmonitorjat u rrappurtat il-progress. Kif miftiehem fil-Kunsens, l-azzjonijiet taħt l-Istrument huma mistennija li jikkontribwixxu mill-inqas 20 % tal-ODA ffinanzjata taħt l-Istrument għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, inkluż is-servizzi soċjali bażiċi, bħas-saħħa, l-edukazzjoni, in-nutrizzjoni, l-ilma, is-sanità u l-iġjene, u l-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari għal dawk l-aktar marġinalizzati.

(23) Jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa lit-tfal u liż-żgħażagħ bħala aġenti ewlenin tal-bidla u bħala kontributuri għat-twettiq tal-Aġenda 2030, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tagħhom u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom.

(24) L-Istrument jenħtieġ li jirrifletti l-ħtieġa ta' konċentrazzjoni fuq prijoritajiet strateġiċi, kemm ġeografikament – il-Viċinat Ewropew u l-Afrika, kif ukoll pajjiżi li huma f'sitwazzjoni ta' fraġilita' u li huma l-aktar fil-bżonn – iżda wkoll tematikament – is-sigurtà, il-migrazzjoni, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, u d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

(25) Jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà fil-qasam tas-saħħa pubblika globali billi jindirizza t-theddid għas-saħħa pubblika globali, isaħħaħ is-sistemi tas-saħħa, jikseb kopertura tas-saħħa universali, jipprevjeni u jiġġieled il-mard li jittieħed u jgħin biex jiġu żgurati mediċini u vaċċini affordabbli għal kulħadd.

(26) Il-pakketti finanzjarji previsti għall-programmi ġeografiċi tal-Viċinat u tal-Afrika sub-Saħarjana jenħtieġ li jiżdiedu biss, minħabba l-prijorità partikolari li l-Unjoni tagħti lil dawk ir-reġjuni.

(27) Jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif rieżaminata fl-2015 u approvata mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2015, filwaqt li jinżamm bilanċ ġeografiku adegwat, u l-implimentazzjoni ta' oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali, bħall-kooperazzjoni transfruntiera, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali u marittima kif ukoll l-aspetti esterni tal-istrateġiji u l-politiki makroreġjonali u tal-baċiri tal-baħar rilevanti fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, inkluż id-Dimensjoni tat-Tramuntana u l-kooperazzjoni reġjonali tal-Baħar l-Iswed, kif ukoll il-politika integrata tal-Unjoni dwar l-Artiku. Dawk l-inizjattivi joffru oqfsa supplementari politiċi għall-approfondiment tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi sħab u bejniethom, fuq il-bażi tal-prinċipji tal-akkontabbiltà reċiproka, is-sjieda komuni u r-responsabbiltà kondiviża.

(28) Il-Politika Ewropea tal-Viċinat timmira lejn l-approfondiment tad-demokrazija, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u rispett tal-istat tad-dritt, l-istabbilizzazzjoni tal-pajjiżi ġirien u t-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom, b'mod partikolari billi tippromwovi riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali, bħala l-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-Unjoni. Sabiex tilħaq l-objettiv tagħha, il-Politika Ewropea tal-Viċinat, li kienet rieżaminata fl-2015, tiffoka fuq l-oqsma ta' prijorità li ġejjin: il-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, b'enfasi partikolari fuq involviment akbar mas-soċjetà ċivili; l-iżvilupp soċjo-ekonomiku, inkluża l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ, kif ukoll l-edukazzjoni u s-sostenibbiltà ambjentali u konnettività mtejba; is-sigurtà; u l-migrazzjoni u l-mobilità, inkluż l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament furzat. Id-differenzazzjoni u s-sjieda reċiproka akbar, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-inċentivi li jirrispondi għall-prestazzjoni f'oqsma ewlenin, huma l-karatteristika distintiva tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li tirrikonoxxi l-livelli differenti ta' involviment, u tirrifletti l-interessi ta' kull pajjiż fir-rigward tan-natura u l-fokus tas-sħubija tiegħu mal-Unjoni. L-Istrument jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, sħubija u kooperazzjoni, aġendi ta' assoċjazzjoni maqbula b'mod konġunt u prijoritajiet ta' sħubija u dokumenti oħra rilevanti, eżistenti u futuri, maqbula b'mod konġunt mal-pajjiżi fiż-żona tal-Viċinat. Il-viżibbiltà tal-assistenza tal-Unjoni fiż-żona tal-Viċinat jenħtieġ li tissaħħaħ.

(29) L-Istrument jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' Ftehim ta’ Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta’ Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra[1] (“il-Ftehim ta’ Sħubija AKP-UE”), iffirmat f’Cotonou fit-23 ta’ Ġunju 2000 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta’ April 2003, u ftehimiet sussegwenti mal-pajjiżi mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u jippermetti lill-Unjoni u lis-sħab tagħha tal-AKP biex ikomplu jiżviluppaw alleanzi b'saħħithom dwar sfidi dinjija ewlenin. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni stabbilita bejn l-Unjoni u l-Unjoni Afrikana f'konformità mal-Istrateġija Konġunta UE-Afrika u jibni fuq il-Ftehim ta’ Sħubija bejn l-AKP-UE, inkluż permezz ta' approċċ kontinentali lejn l-Afrika, u sħubija ta' benefiċċju reċiproku bejn partijiet ugwali bejn l-Unjoni u l-Afrika.

(30) L-Unjoni jenħtieġ ukoll li tfittex tiżviluppa aktar ir-relazzjonijiet u tibni sħubiji ma' pajjiżi terzi fl-Asja u fil-Kontinent Amerikan. Il-programmi ġeografiċi jenħtieġ li jappoġġaw lill-Paċifiku u lill-Karibew b'ammont indikattiv ta' mill-inqas EUR 500 000 000 u mill-inqas EUR 800 000 000, rispettivament.

(31) Jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi wkoll għall-aspetti relatati mal-kummerċ tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni inkluż id-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-appoġġ reċiproku bejn il-politika kummerċjali tal-Unjoni u l-għanijiet u l-azzjonijiet ta' żvilupp.

---

1 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Il-Ftehim ta’ Sħubija AKP-UE ġie emendat permezz tal-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta’ Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27) u permezz tal-Ftehim iffirmat f’Ouagadougou fit-22 ta’ Ġunju 2010 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

(32) Jenħtieġ li l-Unjoni tfittex l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli biex tottimizza l-impatt tal-azzjoni esterna tagħha. Dak jenħtieġ li jinkiseb permezz ta' koerenza, konsistenza u komplementarjetà bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni stabbilit permezz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ir-'Regolament IPA III') , l-Istrument tal-Għajnuna Umanitarja stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96[1], l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej stabbilita minn Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Greenland u r-Renju tad-Danimarka, min-naħa l-oħra (id-"Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea, inkluża Greenland"), l-Istrument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/…[2+], il-politika estera u ta' sigurtà komuni inkluż, fejn rilevanti, il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509[3] li hija ffinanzjata lil hinn mill-baġit tal-Unjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' sinerġiji ma' politiki u Programmi oħra tal-Unjoni.

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p.1).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/... ta' ... li jistabbilixxi Strument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari li jikkomplementa l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali fuq il-bażi tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 237/2014 (ĠU L …).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 12568/20 [2018/0245 (NLE)] u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).

Dan jinkludi koerenza u komplementarjetà mal-assistenza makrofinanzjarja, fejn rilevanti. Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-interventi mħallta biex jintlaħaq objettiv komuni, jenħtieġ li l-Istrument jippermetti t-taħlit ta' finanzjament ma' programmi oħra tal-Unjoni, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet.

(33) Abbażi tas-suċċess tiegħu, jenħtieġ li l-Istrument jippermetti lill-Unjoni tkompli ssaħħaħ id-dimensjoni esterna tal-programm Erasmus+. Jenħtieġ li ammont indikattiv ta' EUR 1 800 000 000 minn programmi ġeografiċi skont l-Istrument jintuża biex jiffinanzja azzjonijiet taħt id-dimensjoni internazzjonali tal-programm Erasmus+ implimentat skont ir-Regolament (UE) 2021./... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1+] u d-dokument ta' programmazzjoni adottat taħt l-Istrument. Jenħtieġ li l-programmazzjoni taħt l-Istrument issaħħaħ bis-sħiħ il-potenzjal tal-programm Erasmus+.

(34) Jenħtieġ li l-finanzjament tal-Unjoni skont l-Istrument jintuża biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet skont id-dimensjoni internazzjonali tal-programm Ewropa Kreattiva stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2++] sabiex jingħata kontribut għat-trawwim tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali u jingħaraf ir-rwol tal-kultura fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ... jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 (ĠU ...).

\+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 32/21 [2018/0191 (COD)] u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

2 Ir-Regolament (UE) 2021/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (mill-2021 sal-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (ĠU ...).

++ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST PE-CONS 31/21 [2018/0190 (COD)] u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

(35) Jenħtieġ li l-approċċ ewlieni għall-azzjonijiet iffinanzjati skont l-Istrument ikun permezz ta' programmi ġeografiċi, sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-assistenza tal-Unjoni u l-azzjoni tal-Unjoni tinġieb eqreb tal-pajjiżi u l-popolazzjonijiet sħab. Jenħtieġ li dak l-approċċ prinċipali jiġi kkomplementat, fejn rilevanti, minn programmi tematiċi u minn azzjonijiet ta' rispons rapidu, filwaqt li jiġu żgurati l-konsistenza u l-koerenza tal-programmi u l-azzjonijiet kollha.

(36) L-awtoritajiet lokali jinkludu varjetà kbira ta' livelli subnazzjonali u friegħi tal-gvern, inkluż muniċipalitajiet, komunitajiet, distretti, kontej, provinċji, reġjuni u l-assoċjazzjonijiet tagħhom. F'konformità mal-Kunsens, jenħtieġ li l-Unjoni trawwem konsultazzjoni mill-qrib u assoċjazzjoni tal-awtoritajiet lokali, kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħhom fil-kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u għall-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell lokali, b'mod partikolari fir-rigward tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-ġustizzja soċjali u bħala fornituri ta' servizzi soċjali bażiċi. L-Unjoni jenħtieġ li tirrikonoxxi r-rwoli multipli tal-awtoritajiet lokali bħala promoturi ta' approċċ territorjali għall-iżvilupp lokali, inkluż proċessi ta' deċentralizzazzjoni, parteċipazzjoni u akkontabbiltà. L-Unjoni jenħtieġ li tkompli ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet lokali sabiex issaħħaħ il-vuċi tagħhom fil-proċess ta' żvilupp sostenibbli u tavvanza d-djalogu politiku, soċjali u ekonomiku, kif ukoll tippromwovi l-kooperazzjoni deċentralizzata. Jenħtieġ li l-appoġġ lill-awtoritajiet lokali skont il-programmi ġeografiċi jammonta għal mill-inqas EUR 500 000 000 b'mod indikattiv.

(37) Jenħtieġ li l-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni u tal-Istati Membri jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin. Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu magħquda fid-diversità u jaħdmu aħjar flimkien, bl-użu ta' varjetà ta' esperjenzi u approċċi, filwaqt li jqisu l-vantaġġi komparattivi rispettivi tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni trawwem l-inklużività u l-kollaborazzjoni mal-Istati Membri li jfittxu li jimmassimizzaw il-valur miżjud u li jieħdu kont tal-esperjenza u l-kapaċitajiet, biex b'hekk jissaħħu l-interessi, il-valuri u l-għanijiet komuni kondiviżi. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jfittxu wkoll li jippromwovu l-iskambju tal-aħjar prattiki, il-kondiviżjoni tal-għarfien u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fosthom. F'każijiet ta' forom ta' finanzjament tal-Unjoni fejn huma involuti l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri, bħal ġemellaġġ, jenħtieġ li dispożizzjonijiet simplifikati ta' implimentazzjoni u oħrajn kuntrattwali jiġu diskussi mal-Istati Membri u jiġu applikati f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] (ir-'Regolament Finanzjarju').

---

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

(38) F'konformità mal-Kunsens, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jtejbu l-programmazzjoni konġunta sabiex iżidu l-impatt kollettiv tagħhom billi jiġbru flimkien ir-riżorsi u l-kapaċitajiet tagħhom. Jenħtieġ li l-programmazzjoni konġunta tiġi promossa u msaħħa, filwaqt li titħalla volontarja, flessibbli, inklużiva u mfassla apposta skont il-kuntest tal-pajjiż u jenħtieġ li tippermetti li d-dokumenti ta' programmazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri jiġu sostitwiti minn dokumenti tal-programmazzjoni konġunta tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Programmazzjoni konġunta tibni fuq l-involviment, l-approprjazzjoni u s-sjieda tal-pajjiżi sħab. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jfittxu li jappoġġaw lill-pajjiżi sħab permezz ta' implimentazzjoni konġunta, kull meta xieraq. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni konġunta tkun inklużiva u miftuħa għas-sħab kollha tal-Unjoni li jaqblu u li jistgħu jikkontribwixxu għal viżjoni komuni, inkluż l-aġenziji tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji ta' żvilupp tagħhom kif ukoll l-awtoritajiet lokali, is-settur privat, is-soċjetà ċivili u l-akkademja tagħhom.

(39) Jenħtieġ li l-kriterji użati biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet tas-sħab fl-approċċ tal-programmazzjoni jkunu konsistenti mal-prinċipji ta' trasparenza stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(40) Peress li r-rispett għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt huma essenzjali għal ġestjoni finanzjarja tajba u finanzjament effettiv tal-Unjoni kif imsemmi fir-Regolament Finanzjarju, l-assistenza tista’ tiġi sospiża f'każ ta' degradazzjoni fid-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt f'pajjiżi terzi.

(41) L-Unjoni hija impenjata li tiffaċilita l-objettivi tal-kooperazzjoni dwar is-sikurezza nukleari speċifikati fir-Regolament (Euratom) 2021./...+ . Għalhekk, jenħtieġ li r-rekords dimostrabbli tal-pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni tal-obbligi u l-impenji li jikkonċernaw is-sikurezza nukleari jitqiesu u jiġu kkunsidrati fid-djalogu politiku regolari ma' dawk il-pajjiżi. Fejn pajjiż sieħeb b'mod persistenti jonqos milli jirrispetta l-istandards bażiċi tas-sikurezza nukleari u d-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, ikun jenħtieġ li l-Unjoni tieħu l-passi xierqa.

(42) Taħt l-Istrument, jenħtieġ li l-Unjoni tindirizza l-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni fil-livelli kollha. Filwaqt li d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-għoti tas-setgħa lin-nisa jenħtieġ li jiġu riflessi u integrati matul l-implimentazzjoni kollha tal-Istrument, l-assistenza tal-Unjoni permezz tal-programm tematiku għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-programm tematiku għall-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili jenħtieġ li jkollha rwol speċifiku komplementari u addizzjonali minħabba n-natura dinjija tagħha, u l-indipendenza tal-azzjoni tagħha mill-kunsens tal-gvernijiet u tal-awtoritajiet pubbliċi tal-pajjiżi terzi kkonċernati. Jenħtieġ li dak ir-rwol jippermetti kooperazzjoni u sħubija mas-soċjetà ċivili, speċjalment dwar kwistjonijiet sensittivi b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Jenħtieġ li l-Unjoni tagħti attenzjoni partikolari, b'mod flessibbli, lill-pajjiżi u s-sitwazzjonijiet ta' urġenza fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma l-aktar f'riskju u fejn id-diżrispett għal dawk id-drittijiet u l-libertajiet huwa partikolarment qawwi u sistematiku.

\+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 12568/20 [2018/0245(NLE)].

(43) Jenħtieġ li l-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE jikkontribwixxu biex jiżdiedu t-trasparenza u l-fiduċja fil-proċessi elettorali, u jenħtieġ li jipprovdu valutazzjoni informata tal-elezzjonijiet kif ukoll rakkomandazzjonijiet għat-titjib ulterjuri tagħhom, fil-kuntest ta' kooperazzjoni u djalogu politiku tal-Unjoni ma' pajjiżi sħab. Ammont indikattiv li ma jeċċedix l-25 % tar-riżorsi inizjalment allokati għall-programm tematiku għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija jenħtieġ li jiġi ddedikat għall-finanzjament tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE.

(44) L-implimentazzjoni tal-Istrument jenħtieġ li tkun iggwidata mill-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet u tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, u jenħtieġ li tfittex li tipproteġi u tippromwovi d-drittijiet tan-nisa f'konformità mal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru u l-konklużjonijiet tal-Kunsill u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, inkluż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà tal-10 ta' Diċembru 2018. It-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-Unjoni u ż-żieda fl-isforzi biex jintlaħqu l-istandards minimi ta' prestazzjoni indikati mill-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jenħtieġ li jwasslu għal approċċ sensittiv għall-ġeneru u trasformattiv fl-azzjoni esterna u l-kooperazzjoni internazzjonali kollha tal-Unjoni. Mill-inqas 85 % tal-azzjonijiet ġodda implimentati skont l-Istrument jenħtieġ li jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali jew sinifikanti, kif definit mill-indikatur tal-politika tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD. Mill-inqas 5 % ta' dawk l-azzjonijiet jenħtieġ li jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet bħala objettiv prinċipali.

(45) L-Istrument jirrikonoxxi li t-tkabbir demografiku u l-bidliet demografiċi jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kisbiet fil-qasam tal-iżvilupp u fuq il-progress ekonomiku. Sabiex jiġi żgurat li l-ġenerazzjonijiet attwali u futuri jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom b'mod sostenibbli, jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa l-isforzi tas-sħab lejn approċċ integrat li jimminimizza l-isfidi relatati mat-tkabbir tal-popolazzjoni u li jimmassimizza l-benefiċċji ta' dividend demografiku, filwaqt li jirrispetta d-dritt ta' kull pajjiż li jiddeċiedi dwar il-politika demografika tiegħu u filwaqt li jirrispetta, jipproteġi u jissodisfa d-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

(46) L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jinkludu firxa wiesgħa ta' atturi bi rwoli u mandati multipli li jinkludu l-istrutturi kollha mhux Statali, mhux għall-profitt, independenti u mhux vjolenti, li permezz tagħhom persuni jorganizzaw t-twettiq tal-objettivi u ideali kondiviżi, kemm jekk politiċi, kulturali, reliġjużi, ambjentali, soċjali jew ekonomiċi. Huma joperaw mil-livell lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, u jinkludu organizzazzjonijiet urbani u rurali, formali u informali. L-Unjoni tapprezza d-diversità u l-ispeċifiċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u tinvolvi ruħha ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili responsabbli u trasparenti li jikkondividu l-impenn tagħha għall-iżvilupp sostenibbli u għall-valuri fundamentali tal-paċi, il-libertà, id-drittijiet ugwali u d-dinjità tal-bniedem.

Jenħtieġ li l-Istrument jipprovdi appoġġ mill-Unjoni lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jintlaħqu l-valuri, l-interessi u l-objettivi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu kkonsultati kif xieraq u jkollhom aċċess f'waqtu għal informazzjoni rilevanti li tippermettilhom li jkunu involuti b'mod adegwat u li jkollhom rwol sinifikanti matul it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-proċessi assoċjati ta' monitoraġġ tal-programmi. Jenħtieġ li taħt l-Istrument jiġi appoġġat ir-rwol tal-organizzazzjonijiet li jappoġġaw id-demokrazija, l-elezzjonijiet ħielsa, is-soċjetà ċivili, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt madwar id-dinja, bħall-Fond Ewropew għad-Demokrazija, kif ukoll organizzazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali taċ-ċittadini u l-pjattaformi Ewropej u l-pjattaformi reġjonali u globali l-oħra tagħhom.

(47) Jenħtieġ li l-Istrument irawwem il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-għoti ta' kontribut għall-iżvilupp sostenibbli u għall-implimentazzjoni tal-SDGs, fost l-oħrajn fl-oqsma tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-ġustizzja soċjali u s-servizzi soċjali bażiċi.

(48) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-Istrument, li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, skont it-tifsira tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[1], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

---

[1] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

(49) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni li jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi u li jiksbu l-SDGs tan-NU, jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tintlaħaq il-mira ġenerali li 30 % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni jkun b'appoġġ għal objettivi tal-klima. L-azzjonijiet skont l-Istrument huma mistennija li jikkontribwixxu 30 % tal-pakkett finanzjarju kumplessiv tiegħu favur objettivi klimatiċi. Azzjonijiet rilevanti ser jiġu identifikati matul l-implimentazzjoni tal-Istrument, u l-kontribuzzjoni kumplessiva mill-Istrument jenħtieġ li tkun parti mill-monitoraġġ, l-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti. Bil-ħsieb li jikkontribwixxi għat-twaqqif u t-treġġigħ lura tat-tnaqqis tal-bijodiversità, l-Istrument jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ambizzjoni li jiġi pprovdut 7,5 % tal-infiq annwali taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-objettivi tal-bijodiversità fis-sena 2024 u 10 % tal-infiq annwali taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-objettivi tal-bijodiversità fl-2026 u l-2027, filwaqt li jitqiesu s-sovrappożizzjonijiet eżistenti bejn il-miri tal-klima u tal-bijodiversità. Jenħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam tiffavorixxi l-aderenza mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-Konvenzjonijiet tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, mal-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima u mal-Konvenzjoni tan-NU għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni u jenħtieġ li ma tikkontribwix għad-degradazzjoni ambjentali jew tikkawża ħsara lill-ambjent jew lill-klima. B'mod partikolari, il-finanzjament allokat fil-kuntest tal-Istrument jenħtieġ li jkun koerenti mal-mira fit-tul dwar it-temperatura li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt iż-2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C. Jenħtieġ li dan ikun ukoll koerenti mal-objettiv li tiżdied il-kapaċità ta' adattament għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u titrawwem ir-reżiljenza għall-klima. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-azzjonijiet li joħolqu kobenefiċċji u li jilħqu objettivi multipli, inkluż għall-klima, il-bijodiversità u l-ambjent.

(50) Jenħtieġ li l-Unjoni tiffavorixxi impenn kostruttiv dwar il-mobbiltà u l-aspetti kollha tal-migrazzjoni, li jaħdmu biex jiżguraw li l-migrazzjoni sseħħ b'mod sikur u regolat sew. Huwa essenzjali li tiżdied il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi sħab filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri, ħalli jitgawdew il-benefiċċji ta' migrazzjoni b'mod ordnat, sigura, regolari u responsabbli u li effettivament tindirizza l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat. Tali kooperazzjoni jenħtieġ li tikkontribwixxi biex jiġi żgurat l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, it-titjib tal-ġestjoni tal-fruntieri u li jsiru sforzi li jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti, u ssir ħidma fuq ir-ritorn, ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni dinjitużi u sostenibbli fejn rilevanti, fuq il-bażi tal-akkontabbiltà reċiproka u r-rispett sħiħ tal-obbligi umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem skont il-liġi internazzjonali u tal-Unjoni, u b'kollaborazzjoni mad-dijaspori u l-appoġġ tal-perkorsi tal-migrazzjoni legali. Għalhekk, jenħtieġ li l-kooperazzjoni effettiva tal-pajjiżi terzi mal-Unjoni f'dan il-qasam ikun element integrali tal-Istrument. Aktar koerenza bejn il-migrazzjoni u l-politiki tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u politiki esterni oħrajn hija importanti biex jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni tappoġġa lill-pajjiżi sħab jimmaniġġaw il-migrazzjoni b'mod aktar effettiv lejn żvilupp sostenibbli. L-Istrument jenħtieġ li jikkontribwixxi għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, billi jimmassimizza sinerġiji u japplika l-*leverage* meħtieġ.

(51) Jenħtieġ li l-Istrument jippermetti lill-Unjoni, li f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tirrispondi b'mod komprensiv għall-isfidi, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet relatati mal-migrazzjoni u l-ispostament furzat b’mod li tkun koerenti u komplementari mal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni. Biex jikkontribwixxi għal dak il-għan, u mingħajr preġudizzju għal ċirkostanzi mhux previsti, b'mod indikattiv 10 % tal-pakkett finanzjarju għall-Istrument jenħtieġ li jkun iddedikat b'mod partikolari għal azzjonijiet li jappoġġaw il-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni u l-ispostament furzat fi ħdan l-objettivi tal-Istrument. Barra minn hekk, dik il-mira jenħtieġ li tinkludi wkoll azzjonijiet li jindirizzaw il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat meta dawn jindirizzaw direttament l-isfidi speċifiċi relatati mal-migrazzjoni u l-ispostament furzat. L-azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni skont l-Istrument, kif meħtieġ permezz tal-programmi ġeografiċi u tematiċi tiegħu u l-azzjonijiet ta' rispons rapidu, jenħtieġ li jibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, biex jinbnew sħubijiet komprensivi. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jqis il-benefiċċji tal-iżvilupp tal-migrazzjoni regolari. L-azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni skont l-Istrument jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet u d-djalogi tal-UE dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi billi jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni li tiddependi fuq approċċ inċitattiv flessibbli u appoġġata minn mekkaniżmu ta' koordinazzjoni taħt l-Istrument. Il-mekkaniżmu ta’ koordinazzjoni jenħtieġ li jippermetti li l-isfidi tal-migrazzjoni attwali u emerġenti jiġu indirizzati taħt l-Istrument, bl-użu tal-komponenti xierqa kollha permezz ta' finanzjament flessibbli, filwaqt li jirrispetta l-pakketti finanzjarji tiegħu u jiddependi fuq l-implimentazzjoni flessibbli tagħhom. Dawk l-azzjonijiet jenħtieġ li jiġu implimentati b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali, inkluż id-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u l-liġi dwar ir-refuġjati u l-kompetenzi tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa u tuża sistema ta' traċċar robusta u trasparenti biex tkejjel tali nefqa u tirrapporta dwarha.

(52) Jenħtieġ li l-Istrument jikkunsidra soluzzjonijiet diġitali u teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni bħala faċilitaturi b'saħħithom għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir inklużiv, u jenħtieġ li jikkontribwixxi għal promozzjoni akbar tad-diġitalizzazzjoni.

(53) L-azzjonijiet adottati skont l-Istrument fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp jenħtieġ li jkollhom l-għan li jiġġeneraw benefiċċji diretti għas-sigurtà tal-bniedem għall-popolazzjoni, ikun fihom prattiki tajba rilevanti biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-akkontabbiltà fil-perijodu medju u dak fit-tul, inkluż sorveljanza demokratika effettiva, u jenħtieġ li jippromwovu l-istat tad-dritt, it-trasparenza u l-prinċipji stabbiliti tad-dritt internazzjonali.

(54) L-aġenda 2030 tenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' soċjetajiet paċifiċi u inklużivi kemm bħala SDG 16 kif ukoll sabiex jinkisbu eżiti oħra tal-politika tal-iżvilupp. L-SDG 16.a jitlob speċifikament "It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet nazzjonali rilevanti, inkluż permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali, għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-livelli kollha, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex tiġi evitata l-vjolenza u jiġu missielta t-terroriżmu u l-kriminalità".

(55) Fil-Communiqué tal-Laqgħa ta' Livell Għoli tad-19 ta' Frar 2016, il-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD aġġorna d-direttivi ta' rapportar dwar l-ODA fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà. Il-finanzjament tal-azzjonijiet taħt l-Istrument jikkostitwixxi ODA meta jissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dawk id-direttivi ta' rapportar jew kwalunkwe direttiva ta' rapportar sussegwenti, li l-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp ikun jista' jaqbel dwarha.

(56) Jenħtieġ li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp jintuża f'każijiet eċċezzjonali biss, meta l-objettivi tal-Istrument ma jkunux jistgħu jitwettqu permezz ta' rikors għal atturi mhux militari.

(57) Jenħtieġ li l-Istrument jibni fuq l-esperjenza miksuba u l-lezzjonijiet meħuda minn azzjonijiet dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp, b'mod partikolari minn konsultazzjonijiet u evalwazzjonijiet rilevanti, imwettqa fil-qafas tar-Regolament (UE) 2017/2306 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll, fejn xieraq, evalwazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri.

(58) Jenħtieġ li l-Unjoni tippromwovi wkoll approċċ sensittiv għall-konflitti u sensittiv għall-kwistjonijiet tal-ġeneru fl-azzjonijiet u l-programmi kollha skont l-Istrument.

(59) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 322 TFUE japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawk ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, premji, akkwist, ġestjoni indiretta, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u rimborżi lil esperti esterni, u jipprevedu kontrolli dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati skont l-Artikolu 322 TFUE jinkludu wkoll reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

[1] Ir-Regolament (UE) 2017/2306 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 230/2014 li jistabbilixxi strument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (ĠU L 335, 15.12.2017, p. 6).

(60) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu fuq il-bażi tal-kapaċità tagħhom li jiksbu l-objettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Meta tkun qed issir tali għażla, l-użu ta' ammonti f'daqqa, kostijiet unitarji u rati fissi, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet tal-operazzjoni rilevanti kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati.

(61) F'konformità mal-Artikolu 193(2) tar-Regolament Finanzjarju, tista' tingħata għotja għal azzjoni li tkun diġà bdiet, dment li l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li jibda l-azzjoni qabel l-iffirmar tal-ftehim ta' għotja. Madankollu, l-ispejjeż imġarrba qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal għotja mhumiex eliġibbli , ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil fl-appoġġ tal-Unjoni li jista' jkun ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li fid-deċiżjoni ta' finanzjament, matul perijodu limitat ta' żmien fil-bidu tal-QFP 2021-2027, u f'każijiet debitament ġustifikati biss, tkun prevista l-eliġibbiltà ta’ azzjonijiet u spejjeż mill-1 ta' Jannar 2021, anki jekk dawk l-azzjonijiet ġew implimentati u dawk l-ispejjeż imġarrba qabel ma ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal għotja.

(62) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD+) il-ġdid, li nbena fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2017/1601, jenħtieġ li jikkostitwixxi pakkett finanzjarju integrat li jipprovdi kapaċità ta' finanzjament fil-forom ta' għotjiet, assistenza teknika, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji u operazzjonijiet ta’ taħlit madwar id-dinja. L-EFSD+, ikkomplementat bi sforzi biex tittejjeb il-klima tal-investiment tas-sħab, jenħtieġ li jsir parti mill-Pjan ta' Investiment Estern u jikkombina operazzjonijiet ta' taħlit u ta' garanziji baġitarji koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, inkluż dawk li jkopru r-riskji sovrani assoċjati ma' operazzjonijiet ta' self, preċedentement imwettqa taħt il-mandat ta' self estern tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). L-allokazzjoni tal-fondi li għandhom jintużaw għall-operazzjonijiet tal-EFSD+ jenħtieġ li tkun ibbażata fuq id-dokumenti ta' programmazzjoni rilevanti, b'mod partikolari l-prijoritajiet definiti fihom, u jenħtieġ li tqis, fost l-oħrajn, ir-realtajiet u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull pajjiż sieħeb jew reġjun u l-piż relattiv tal-allokazzjoni tal-fondi għal kull żona ġeografika stabbilita f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-programmazzjoni twassal għal bilanċ adatt bejn l-operazzjonijiet ta' taħlit u ta' garanzija baġitarja taħt l-EFSD+ kif ukoll forom oħra ta' finanzjament tal-Unjoni previsti f’dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-EFSD+ jiġi implimentat permezz ta' arkitettura ta' investiment miftuħa u kollaborattiva biex jiġi żgurat l-aħjar użu tal-għarfien espert settorjali u ġeografiku tal-kontropartijiet eliġibbli u jiġi massimizzat l-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp. Jenħtieġ li l-EFSD+ ikun magħmul minn pjattaformi ta' investiment reġjonali fl-oqsma reġjonali koperti minn dan ir-Regolament u, fejn rilevanti, mir-Regolament IPA III.

Sabiex tiġi żgurata li ġestjoni tar-riskji tal-EFSD+ tkun indipendenti, imparzjali, inklużiva u trasparenti jenħtieġ li jiġi stabbilit grupp tekniku ta' valutazzjoni tar-riskju , miftuħ għal esperti mill-BEI, kontropartijiet eliġibbli oħra u Stati Membri interessati, organizzat u mmexxi mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-informazzjoni u l-analiżi jiġu kondiviżi f'waqthom, b'mod trasparenti u inkluživ mal-Istati Membri kollha, bir-rispett dovut għal kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonkludi ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna mal-kontropartijiet eliġibbli kollha magħżula, inkluż il-BEI, wara li tikkonsulta u tqis il-parir tal-grupp tekniku ta' valutazzjoni tar-riskji u jenħtieġ li tippreżenta l-elementi ewlenin ta' dawk il-ftehimiet lill-bord strateġiku kkonċernat.

(63) Minħabba r-rwol tiegħu skont it-Trattati u l-esperjenza tiegħu matul dawn l-aħħar deċennji fl-appoġġ għall-politiki tal-Unjoni, il-BEI jenħtieġ li jibqa' sieħeb naturali tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet taħt il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Jenħtieġ li l-BEI u l-Kummissjoni jsaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tagħhom matul l-implimentazzjoni tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+, inkluż matul il-proċess ta' programmazzjoni u fuq il-post. Jenħtieġ li l-BEI jiġi fdat bl-implimentazzjoni ta' tieqa ta' investiment iddedikata li tkopri kopertura komprensiva tar-riskju għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet sovrani u kontropartijiet sottosovrani mhux kummerċjali, li jenħtieġ li jkunu esklużivi ħlief għal operazzjonijiet li l-BEI ma jistax iwettaq jew jiddeċiedi li ma jwettaqx. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti twieqi ta' investiment iddedikati u mhux esklużivi, addizzjonali, għall-BEI, jekk ikun xieraq, sabiex jipprovdu kopertura komprensiva tar-riskju għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet sottosovrani kummerċjali, u operazzjonijiet għall-promozzjoni tal-investiment dirett barrani, il-kummerċ u l-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomiji tal-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' investimenti diretti barranin eżoġeni, kif ukoll prijoritajiet tematiċi oħra tal-Unjoni b'appoġġ għall-objettivi tal-Istrument u f'konformità mal-SDGs, inkluż ma', iżda mhux limitat għal, Istituzzjonijiet ta' Finanzjament għall-Iżvilupp Ewropej u entitajiet tas-settur privat tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-garanzija tal-UE tipprovdi biss kopertura tar-riskju politiku għall-operazzjonijiet tas-settur privat, li jenħtieġ li tkun koerenti ma' dawk tal-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri.

Jenħtieġ li dawk it-twieqi ta' investiment, li jenħtieġ li jikkostitwixxu l-mandati ddedikati meħtieġa mill-BEI għal ħidma barra mill-Unjoni, japplikaw l-istess regoli u kundizzjonijiet bħal kwalunkwe tieqa ta' investiment oħra taħt l-EFSD+, inkluż ir-regoli ta' governanza, u, ħlief għat-tieqa ta' investiment esklużiva, jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mal-proċedura għal eliġibbilta' u selezzjoni ta' operazzjonijiet u kontropartijiet għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+ prevista f'dan ir-Regolament. Għal dawk it-tliet twieqi ta' investiment iddedikati għall-BEI, jenħtieġ li l-ammont indikattiv globali jkun ta' EUR 26 725 000 000. Jenħtieġ li l-ammonti għal kull waħda mit-twieqi taż investiment jiġu sostanzjati u kkonfermati bħala riżultat tal-proċess ta' programmazzjoni fil-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali u matul ir-rieżamijiet tal-programmazzjoni. Jenħtieġ li l-objettivi, il-prijoritajiet u l-ammonti għal kull waħda mit-twieqi ta' investiment u l-implimentazzjoni tagħhom jiżguraw allinjament sħiħ tal-politika mal-prijoritajiet tal-Unjoni u jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u l-programmi indikattivi pluriennali rilevanti, inkluż il-prijoritajiet ġeografiċi u tematiċi tiegħu. Jenħtieġ li l-metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskju u r-rimunerazzjoni taħt l-EFSD+ jiġu applikati b'mod konsistenti għat-twieqi ta' investiment kollha, inkluż dawk iddedikati għall-BEI, sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet ekwi. It-twieqi ta' investiment implimentati mill-BEI jenħtieġ li jkunu jistgħu jkopru kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi eliġibbli għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, b'mod partikolari fejn l-aktar meħtieġa u f'konformità mal-prijoritajiet ġeografiċi tal-Istrument u, fejn rilevanti, ir-Regolament IPA III. Jenħtieġ li l-garanziji tal-EFSD+ għall-operazzjonijiet tal-BEI ma' kontropartijiet sottosovrani kummerċjali u operazzjonijiet tas-settur privat jitwettqu skont termini simili għal garanziji pprovduti lil kontropartijiet eliġibbli oħra.

Jenħtieġ li jkun possibbli li l-garanziji tal-EFSD+ għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet sovrani u ma' kontropartijiet sottosovrani mhux kummerċjali u operazzjonijiet ma' kontropartijiet sottosovrani kummerċjali li ma jiġġenerawx dħul sostanzjali, imwettqa mill-BEI jew kontropartijiet eliġibbli oħra, ikunu jistgħu ma jiġux remunerati biex jgħinu fit-tnaqqis tal-kost tal-finanzjament għal investimenti tas-settur pubbliku mwettqa minn pajjiżi sħab. F'konformità mal-objettivi u l-prinċipji ġenerali tal-Istrument, mad-dokumenti ta' programmazzjoni indikattivi rilevanti kif ukoll, fejn rilevanti, mar-Regolament IPA III, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-BEI jikkonkludu ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna ddedikati għat-twieqi ta' investiment ddedikati tal-BEI.

(64) Jenħtieġ li l-EFSD+ jimmira li jappoġġa l-investimenti bħala mezz ta' kontribut għat-twettiq tal-SDGs billi jrawwem it-tranżizzjoni tal-iżvilupp ekonomiku, ambjentali u soċjali sostenibbli u inklużiv, għal ekonomija b'valur miżjud sostenibbli u ambjent tal-investiment stabbli, u lejn il-promozzjoni ta' reżiljenza soċjo-ekonomika u ambjentali fil-pajjiżi sħab b'enfasi partikolari fuq il-qerda tal-faqar, filwaqt li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjo-ekonomiċi, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-ħarsien u l-ġestjoni tal-ambjent, il-ħolqien ta' impjiegi deċenti abbażi tal-istandards bażiċi tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), l-opportunitajiet ekonomiċi, il-ħiliet u l-intraprenditorija, is-setturi soċjo-ekonomiċi, inkluż l-intrapriżi soċjali u l-kooperattivi, l-intrapriżi mikro, żgħar u dawk ta' daqs medju ('SMEs'), il-konnettività sostenibbli, l-appoġġ lill-gruppi vulnerabbli, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u taż-żgħażagħ, kif ukoll jindirizza l-kawżi sottostanti soċjo-ekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari u l-kawżi sottostanti tal-ispostament furzat, f'konformità mad-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva rilevanti.

Jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-EFSD+ tikkonforma mal-objettivi, il-prinċipji ġenerali u l-qafas ta' politika tal-Istrument u, fejn rilevanti, ir-Regolament IPA III, b'mod partikolari l-linji gwida, il-prinċipji u l-konvenzjonijiet applikabbli maqbula internazzjonalment dwar l-investiment, inkluż il-Prinċipji tan-NU għall-Investiment Responsabbli, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-Prinċipji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU għal Investiment Responsabbli fis-Sistemi Agrikoli u Alimentari, il-konvenzjonijiet tal-ILO, id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji għall-effettività tal-iżvilupp kif stabbiliti fis-Sħubija ta' Busan għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp u affermati mill-ġdid fil-Forum ta' Livell Għoli f'Nairobi fl-2016, inkluż is-sjieda, l-allinjament, l-attenzjoni fuq ir-riżultati, it-trasparenza u l-akkontabbiltà reċiproka, kif ukoll l-objettiv tan-nonkondizzjonalità tal-għajnuna. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi identifikati bħala li jinsabu f'sitwazzjoni ta' fraġilità jew konflitt, l-LDCs, gżejjer żgħar stati li qed jiżviluppaw, il-pajjiżi mingħajr kosta li qed jiżviluppaw u pajjiżi fqar b'ħafna dejn.

(65) Jenħtieġ li l-EFSD+ jimmassimizza l-addizzjonalità tal-finanzjament, jindirizza l-fallimenti tas-suq u s-sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, jappoġġa l-entitajiet pubbliċi lokali biex iżidu u jiffinanzjaw b'mod awtonomu l-investiment tagħhom, irendi prodotti innovattivi u jattira fondi mis-settur privat. L-addizzjonalità għandha tiġi applikata f'konformità mal-objettivi u l-prinċipji tal-Istrument u ma' politiki rilevanti oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-involviment tas-settur privat, inkluż l-SMEs, fil-kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab permezz tal-EFSD+ iħalli impatt addizzjonali u li jista' jitkejjel fuq l-iżvilupp mingħajr ma jfixkel is-suq lokali u jikkompeti b'mod inġust mal-atturi ekonomiċi lokali. Jenħtieġ li dan ikun kosteffettiv, trasparenti, ibbażat fuq l-akkontabbiltà reċiproka u l-kondiviżjoni tar-riskju u l-kostijiet. Jenħtieġ li l-EFSD+ jopera bħala "one-stop-shop", billi jirċievi proposti ta' finanzjament mingħand istituzzjonijiet finanzjarji u investituri pubbliċi jew privati u li jagħti firxa wiesgħa ta' appoġġ finanzjarju għall-investimenti eliġibbli. Jenħtieġ li l-effett tal-*leverage* tal-EFSD+ jiġi evalwat billi titkejjel il-mobilizzazzjoni ta' finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp sostenibbli permezz tal-użu tal-appoġġ finanzjarju tal-EFSD+. Jenħtieġ li l-effett ta' ingranaġġ jitkejjel skont id-definizzjoni stabbilita fil-punt 38 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli u l-prattiki internazzjonali għall-kejl tal-ammonti mobilizzati mis-settur privat permezz ta' interventi uffiċjali għall-finanzjament tal-iżvilupp, bħall-metodoloġiji tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jkunu jistgħu jistiednu lill-kontropartijiet eliġibbli u lis-soċjetà ċivili għal skambju ta' fehmiet dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment koperti minn dan ir-Regolament.

(66) Jenħtieġ li tiġi stabbilita Garanzija għall-Azzjoni Esterna, li tibni fuq il-Garanzija tal-EFSD eżistenti stabbilita permezz tar-Regolament (UE) 2017/1601 u fuq il-garanziji appoġġati mill-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni stabbilit mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009. Jenħtieġ li l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tappoġġa l-operazzjonijiet tal-EFSD+ koperti minn garanziji baġitarji, assistenza makrofinanzjarja u self lil pajjiżi terzi abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom[1]. Jenħtieġ li dawk l-operazzjonijiet ikunu appoġġati minn approprjazzjonijiet taħt l-Istrument, flimkien ma' dawk taħt ir-Regolament IPA III u r-Regolament (Euratom) 2021/…[+] , li jenħtieġ li jkopru wkoll l-approviżjonament u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn self ta' assistenza makrofinanzjarja u minn self lil pajjiżi terzi msemmi fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (Euratom) 2021/…[+] , rispettivament. Meta jiġu ffinanzjati l-operazzjonijiet tal-EFSD+, jenħtieġ li tingħata prijorità lil dawk li jimmassimizzaw l-addizzjonalità u l-impatt fuq l-iżvilupp, inkluż dawk li għandhom impatt kbir fuq il-ħolqien ta' impjiegi deċenti u li l-bilanċ bejn il-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom isaħħaħ is-sostenibbiltà tal-investiment u li jipprevedu s-sostenibbiltà u l-impatt fuq l-iżvilupp fit-tul. Jenħtieġ li l-operazzjonijiet appoġġati bil-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jkunu akkumpanjati b'valutazzjoni *ex ante* dettaljata tal-aspetti ambjentali, finanzjarji u soċjali, kif ikun xieraq u f'konformità mar-rekwiżiti għal Regolamentazzjoni

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 12568/20 [2018/0245(NLE)].

Aħjar.Il-garanziji baġitarji u l-istrumenti finanzjarji jenħtieġ li jaderixxu mal-politika tal-Unjoni dwar ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u mal-aġġornamenti tagħha, kif stabbilit fl-atti legali rilevanti tal-Unjoni u l-konklużjonijiet tal-Kunsill, b'mod partikolari l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2016 u l-Anness għalihom kif ukoll il-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. Id-dispożizzjonijiet rilevanti kollha tar-Regolament Finanzjarju japplikaw, b'mod partikolari dawk dwar il-ġestjoni indiretta stabbiliti fit-Titolu VI tar-Regolament Finanzjarju. Jenħtieġ li l-forniment ta' servizzi pubbliċi essenzjali jibqa' responsabbiltà tal-gvern.

(67) Sabiex tiġi prevista l-flessibbiltà, tiżdied l-attrazzjoni għas-settur privat u jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investimenti, jenħtieġ li tingħata deroga mir-regoli relatati mal-metodi tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, kif stipulat fir-Regolament Finanzjarju, fir-rigward tal-kontropartijiet eliġibbli. Dawk il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jkunu wkoll korpi li ma jkunux fdati bl-implimentazzjoni ta' xi sħubija pubblika privata jew korpi regolati b'liġi privata ta' pajjiż sieħeb.

(68) Sabiex jiżdied l-impatt tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-partijiet kontraenti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[2] jkollhom il-possibbiltà jipprovdu kontribuzzjonijiet fil-forma ta' flus jew garanzija. Jenħtieġ li l-kontribuzzjoni fil-forma ta' garanzija ma taqbiżx il-50 % tal-ammont tal-operazzjonijiet iggarantiti mill-Unjoni. Jenħtieġ li l-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn dik il-garanzija ma jiġux proviżjonati u jenħtieġ li r-riżerva ta' likwidità tiġi proviżjonata mill-fond komuni ta' proviżjonament stabbilit permezz tal-Artikolu 212 tar-Regolament Finanzjarju.

---

[1] Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73)

[2] ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

(69) L-azzjonijiet esterni huma ta' spiss implimentati f'ambjent volatili ħafna li jkun jeħtieġ adattament kontinwu u rapidu għall-ħtiġijiet li jevolvu tas-sħab tal-Unjoni u għall-isfidi dinjija għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza tajba, is-sigurtà u l-istabbiltà, it-tibdil fil-klima u l-ambjent u l-oċeani, u għall-isfidi marbuta mal-migrazzjoni u l-ispostament furzat u l-kawżi fundamentali tagħhom. Ir-rikonċiljazzjoni tal-prinċipju tal-prevedibbiltà mal-ħtieġa ta' reazzjoni rapida għal ħtiġijiet ġodda konsegwentement ifisser l-adattament tal-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi. Biex tiżdied il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għal ħtiġijiet mhux previsti, u billi jibni fuq l-esperjenza ta' suċċess tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, ammont jenħtieġ li jitħalla mhux allokat bħala riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet li jinħolqu. Jenħtieġ li din ir-riżerva tiġi mobilizzata skont il-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(70) Ir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti jenħtieġ tiggarantixxi r-riżorsi addizzjonali li ġejjin: EUR 200 000 000 għall-programm tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tematika, EUR 200 000 000 għall-programm tematiku tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u EUR 600 000 000 għall-programm tematiku Sfidi Globali.

(71) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma fid-dettall lill-Parlament Ewropew qabel ma timmobilizza l-fondi tar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti u jenħtieġ li tqis bis-sħiħ l-osservazzjonijiet tiegħu dwar in-natura, l-objettivi u l-ammonti finanzjarji previsti.

(72) Għalhekk, filwaqt li jirrispetta l-prinċipju li l-baġit tal-Unjoni jiġi stabbilit kull sena, jenħtieġ li dan ir-Regolament jippreserva l-possibbiltà li l-flessibbiltajiet li diġà huma permessi mir-Regolament Finanzjarju jiġu applikati għal politiki oħra, jiġifieri r-riporti u l-impenn mill-ġdid ta' fondi, sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni kemm għaċ-ċittadini tal-Unjoni kif ukoll għall-pajjiżi sħab, u b'hekk jiġu mmassimizzati l-fondi tal-Unjoni disponibbli għall-interventi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

(73) Jenħtieġ li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi militari f'pajjiżi terzi jitwettaq bħala parti mill-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni, meta din prinċipalment taħdem għal objettivi fil-qasam tal-iżvilupp u bħala parti mill-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-Unjoni meta prinċipalment taħdem għal objettivi fil-qasam tal-paċi u s-sigurtà, f'konformità mal-Artikolu 40 TUE. Dan ir-Regolament jirrispetta l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-portata tas-setgħat tal-istituzzjonijiet skont il-politika tal-Unjoni ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-PESK tal-Unjoni.

(74) Jenħtieġ li l-azzjonijiet skont l-Istrument li jinvolvu l-forniment jew il-finanzjament ta' tagħmir, servizzi jew teknoloġija jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni, nazzjonali u internazzjonali, b'mod partikolari mar-regoli stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK[1], mal-miżuri restrittivi tal-Unjoni kif ukoll mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2+]. Il-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa mill-Kummissjoni taħt l-Istrument huma mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni mwettqa mill-Istati Membri. Jenħtieġ li kull Stat Membru jivvaluta l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni magħmula lilu, inkluż dawk relatati ma' trasferimenti minn gvern għal gvern, għal oġġetti fuq il-Lista Militari Komuni tal-UE, abbażi ta' każ b'każ skont il-kriterji stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK. Skont ir-Regolament (UE) 2019/125 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] jenħtieġ li dawn l-azzjonijiet ma jiffinanzjawx il-forniment ta' xi tip ta' tagħmir li jista' jintuża għat-tortura jew għal trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

---

1 Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

2 Ir-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU ...).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS No 54/20 [2016/0295(COD)] u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

3 Ir-Regolament (UE) 2019/125 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (ĠU L 30, 31.1.2019, p. 1).

(75) Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea, inkluża Greenland, tistabbilixxi l-pakkett finanzjarju għall-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Unjoni. Dak il-pakkett finanzjarju huwa s-sors ewlieni ta' finanzjament għall-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej. Skont id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea, inkluża Greenland, persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej jenħtieġ li jkunu eliġibbli għal finanzjament taħt dik id-Deċiżjoni, soġġett għar-regoli u għall-objettivi tiegħu u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu l-pajjiż jew territorju extra-Ewropew rilevanti jkun marbut. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi sħab u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropew kif ukoll ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni skont l-Artikolu 349 TFUE jenħtieġ li tiġi mħeġġa f'oqsma ta' interess komuni.

(76) Sabiex jissaħħu s-sjieda tal-proċessi ta' żvilupp min-naħa tal-pajjiżi sħab u s-sostenibbiltà tal-assistenza esterna, jenħtieġ li l-Unjoni, fejn ikun rilevanti, tiffavorixxi l-użu tal-istituzzjonijiet, il-kapaċitajiet u l-għarfien espert proprji tal-pajjiżi sħab u tas-sistemi u l-proċeduri tal-pajjiżi sħab għal kull aspett taċ-ċiklu tal-proġett għall-kooperazzjoni filwaqt li tiżgura l-involviment sħiħ tal-gvernijiet lokali u tas-soċjetà ċivili. Jenħtieġ li l-Unjoni tagħmel disponibbli informazzjoni u taħriġ dwar kif issir applikazzjoni għal finanzjament tal-Unjoni għall-benefiċjarji potenzjali ta' finanzjament mill-Unjoni.

(77) Il-komunikazzjoni trawwem dibattitu demokratiku, issaħħaħ il-kontroll u l-iskrutinju istituzzjonali fuq il-finanzjament tal-Unjoni, u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kredibilità tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Unjoni u l-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Unjoni jtejbu l-viżibbiltà tal-azzjoni tal-Unjoni, u jikkomunikaw b'mod adegwat il-valur miżjud tal-appoġġ tal-Unjoni. F'dak ir-rigward, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, jenħtieġ li l-ftehimiet konklużi mar-riċevituri ta' finanzjament tal-Unjoni jkun fihom obbligi li jiżguraw viżibbiltà xierqa u jenħtieġ li l-Kummissjoni taġixxi b'mod xieraq u f'waqtu fejn ma jitwettqux dawn l-obbligi.

(78) Il-pjanijiet ta' azzjoni annwali jew pluriennali u miżuri msemmija f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkostitwixxu programmi ta' ħidma skont ir-Regolament Finanzjarju. Pjanijiet ta' azzjoni annwali jew pluriennali jenħtieġ li jikkonsistu f'sett ta' miżuri miġbura f'dokument wieħed.

(79) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95[2], (Euratom, KE) Nru 2185/96[3] u (UE) 2017/1939[4], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

---

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal- Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta’ Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

5 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi mill-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Għal dik ir-raġuni, ftehimiet ma' pajjiżi u territorji terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u kwalunkwe kuntratt jew ftehim li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Istrument, jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet li espliċitament jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu dawn l-awditi, il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u jiżguraw li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(80) Jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi għall-ġlieda internazzjonali kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, il-frodi, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus.

(81) Sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-fatt li jiġu emendati l-ammont ta' azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp, l-ammont massimu għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna , ir-rati ta' proviżjonament u l-ammont massimu ta' proviżjonament għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, l-oqsma ta' kooperazzjoni u l-intervent elenkati fl-Annessi II, III u IV, l-oqsma ta' prijorità tal-operazzjonijiet tal-EFSD+ elenkati fl-Anness V, l-indikaturi fl-Anness VI, kif ukoll fir-rigward tal-fatt li jiġi ssupplimentat dan ir-Regolament b'objettivi speċifiċi u b'oqsma ta' prijorità tal-kooperazzjoni mislutin mill-oqsma ta' kooperazzjoni għall-programmi ġeografiċi stabbiliti fl-Anness II, inkluż prijoritizzazzjoni għal kull sottoreġjun, miri tematiċi u allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għal ċerti sottoreġjuni, u fir-rigward tal-fatt li jiġi ssupplimentat dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti bħas-soċjetà ċivili u l-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[1]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

1 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(82) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] .

(83) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li dan l-Istrument jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità ma' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, kif ukoll ir-regolamentazzjoni żejda. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Istrument fil-prattika.

(84) Ir-referenzi tal-Unjoni għall-istrumenti ta' assistenza esterna fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE[2], li huma sostitwiti b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jinqraw bħala referenzi għal dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li dan ir-Regolament jiġi implimentat skont ir-rwol tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna kif previst f'dik id-Deċiżjoni.

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

(85) Jenħtieġ li l-azzjonijiet u l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament, fejn ikun rilevanti, jikkomplementaw, ikunu konsistenti ma' u jirrispettaw il-miżuri adottati mill-Unjoni sabiex jitwettqu l-objettivi tal-PESK fi ħdan il-qafas tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V TUE u l-miżuri adottati fi ħdan il-qafas tat-Titolu IV tal-Parti Ħamsa TFUE.

(86) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(87) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tiġi emendata u mħassra, u jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2017/1601 u (KE, Euratom) Nru 480/2009 jitħassru.

(88) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u biex l-implimentazzjoni tkun tista' tibda mill-bidu tal-QFP 2021-2027, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li japplika, b'effett retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2021.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (l-"Istrument"), inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (l-"EFSD +", *European Fund for Sustainable Development Plus*) u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, għall-perijodu tal-QFP 2021-2027.

Huwa jistabbilixxi l-objettivi tal-Istrument, il-baġit għall-perijodu mill-2021 sal-2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-forniment ta' tali finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) ''programm indikattiv għall-pajjiż'' tfisser programm indikattiv li jkopri pajjiż wieħed;

(2) ‘'programm indikattiv għal diversi pajjiżi’' tfisser programm indikattiv li jkopri aktar minn pajjiż wieħed;

(3) ‘'programm indikattiv reġjonali’' tfisser programm indikattiv għal diversi pajjiżi li jkopri aktar minn pajjiż terz wieħed fl-istess żona ġeografika kif stabbilit fl-Artikolu 4(2);

(4) ‘programm indikattiv transreġjonali’' tfisser programm indikattiv għal diversi pajjiżi li jkopri aktar minn pajjiż terz wieħed minn żoni ġeografiċi differenti kif stabbilit fl-Artikolu 4(2);

(5) ‘kooperazzjoni transfruntiera’' tfisser il-kooperazzjoni bejn Stat Membru wieħed jew aktar, u pajjiż terz u territorju wieħed jew aktar tul il-fruntieri esterni fuq l-art u marittimi kontigwi tal-Unjoni u għandha tinftiehem li tkopri wkoll il-kooperazzjoni tranżnazzjonali fuq territorji tranżnazzjonali akbar jew madwar il-baċiri tal-baħar u l-kooperazzjoni interreġjonali kif stipulat f’Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ir-“Regolament Interreg”);

(6) ‘entità ġuridika’ tfisser persuna fiżika jew persuna ġuridika maħluqa u rikonoxxuta bħala tali skont il-liġi tal-Unjoni, nazzjonali jew internazzjonali, li għandha personalità ġuridika u l-kapaċita' li taġixxi f'isimha stess, teżerċita drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi, jew entità li ma għandhiex personalità ġuridika kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 197(2) tar-Regolament Finanzjarju;

(7) ‘'organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili’ tfisser firxa wiesgħa ta’ atturi bi rwoli u mandati multipli, li jistgħu jvarjaw maż-żmien u bejn l-istituzzjonijiet u l-pajjiżi, u tinkludi l-istrutturi indipendenti u mhux vjolenti kollha mhux Statali, mingħajr skop ta' qligħ, li permezz tagħhom persuni jorganizzaw it-twettiq tal-objettivi u ideali kondiviżi, inkluż dawk politiċi, kulturali, reliġjużi, ambjentali, soċjali jew ekonomiċi, u li joperaw fil-livelli lokali, nazzjonali, reġjonali jew internazzjonali, u li jinkludu organizzazzjonijiet urbani u rurali, formali u informali;

(8) ‘awtorità lokali’ tinkludi istituzzjonijiet pubbliċi b'personalità ġuridika, li huma komponenti tal-istruttura tal-Istat, taħt il-livell tal-gvern ċentrali, bħal irħula, muniċipalitajiet, distretti, kontej, provinċji jew reġjuni, u li jagħtu kont ta' xogħolhom liċ-ċittadini u normalment magħmula minn korp deliberattiv jew tat-tfassil tal-politika, bħal kunsill jew assemblea, u korp eżekuttiv, bħal sindku jew uffiċjal eżekuttiv ieħor, li jkunu eletti jew magħżulin direttament jew indirettament fil-livell lokali;

(9) ‘tieqa ta' investiment’ tfisser qasam immirat għall-appoġġ mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+ għal portafolji ta' investimenti f'reġjuni, pajjiżi jew setturi speċifiċi;

(10) ‘addizzjonalità’ tfisser il-prinċipju bbażat fuq l-Artikolu 209(2) tar-Regolament Finanzjarju, li skontu, fil-kuntest ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament IPA III, l-appoġġ tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+ jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli b'operazzjonijiet li ma setgħux jitwettqu mingħajr dik il-Garanzija, jew li jiksbu riżultati pożittivi akbar u lil hinn minn dak li seta' jinkiseb mingħajrha. Il-prinċipju ta' addizzjonalità jfisser ukoll li l-operazzjonijiet appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom jattiraw il-finanzjament mis-settur privat u jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment kif ukoll itejbu l-kwalità, is-sostenibbiltà, l-impatt jew l-iskala ta' investiment. Il-prinċipju jiżgura wkoll li l-operazzjonijiet tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna ma jissostitwixxux l-appoġġ ta' Stat Membru, il-finanzjament privat jew intervent finanzjarju ieħor mill-Unjoni jew internazzjonali, u jevitaw li jeskludu investimenti pubbliċi jew privati oħra sakemm mhux debitament ġustifikati f'konformità mal-objettivi u l-prinċipji tal-Istrument. Il-proġetti appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tipikament ikollhom profil ta' riskju ogħla mill-portafoll tal-investimenti appoġġat mill-kontropartijiet eliġibbli fil-qafas tal-politiki ta' investiment normali tagħhom mingħajr il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna;

(11) ‘operazzjoni ma' kontropartijiet sovrani u kontropartijiet sottosovrani mhux kummerċjali’ tfisser kwalunkwe operazzjoni fejn il-kontroparti tkun jew direttament Stat jew entità pubblika appoġġata bis-sħiħ minn garanzija espliċita tal-Istat minħabba li ma jkollhiex il-kapaċità ġuridika jew l-awtonomija finanzjarja jew il-kapaċità li tibbenefika mill-finanzjament dirett meħtieġ;

(12) ‘operazzjonijiet ma' kontropartijiet sottosovrani kummerċjali’ tfisser kwalunkwe operazzjoni fejn il-kontroparti hija entità pubblika li mhux appoġġata minn garanzija espliċita ta' Stat u li hija finanzjarjament kapaċi tissellef għar-riskju proprju tagħha u għandha l-kapaċità ġuridika li tagħmel dan;

(13) ‘kontributur’ tfisser istituzzjoni ta’ finanzjament internazzjonali, Stat Membru jew istituzzjoni pubblika ta' Stat Membru, aġenzija pubblika jew entità pubblika jew privata li tikkontribwixxi għall-fond komuni ta' proviżjonament;

(14) ‘pajjiż sħab’ tfisser pajjiż jew territorju li jista’ jibbenefika mill-appoġġ tal-Unjoni taħt l-Istrument skont l-Artikolu 4.

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, fejn issir referenza għad-drittijiet tal-bniedem, din għandha tinftiehem li tinkludi l-libertajiet fundamentali.

Artikolu 3

Objettivi tal-Istrument

1. L-objettivi ġenerali tal-Istrument huma li:

(a) jsostni u jippromwovi l-valuri, il-prinċipji u l-interessi fundamentali tal-Unjoni madwar id-dinja sabiex jiġu segwiti l-objettivi u l-prinċipji tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 3(5) u fl-Artikoli 8 u 21 tat-TUE, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis u, fuq perijodu fit-tul, għall-qerda tal-faqar, għall-konsolidazzjoni, l-appoġġ u l-promozzjoni tad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-iżvilupp sostenibbli u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għall-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat, inkluż il-kawżi fundamentali tagħhom.

(b) jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-multilateraliżmu, it-twettiq tal-impenji u l-objettivi internazzjonali li l-Unjoni qablet magħhom, b'mod partikolari l-SDGs, l-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi;

(c) jippromwovi sħubiji aktar b'saħħithom ma' pajjiżi terzi, inkluż mal-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ibbażati fuq interessi u sjieda reċiproċi bil-ħsieb li jitrawmu l-istabbilizzazzjoni, il-governanza tajba u t-tisħiħ tar-reżiljenza.

2. L-objettivi speċifiċi tal-Istrument huma li:

(a) jappoġġa u jippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u reġjuni fil-Viċinat, fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Asja u fil-Paċifiku, u fil-Kontinent Amerikan u fil-Karibew;

(b) jiżviluppa sħubijiet imsaħħa speċjali u kooperazzjoni politika mtejba mal-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, imsejsa fuq il-kooperazzjoni, il-paċi u l-istabbiltà u impenn kondiviż għall-valuri universali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u li jimmiraw lejn demokrazija profonda u sostenibbli u integrazzjoni soċjo-ekonomika progressiva kif ukoll kuntatti bejn il-persuni;

(c) fil-livell globali:

(i) jipproteġi, jippromwovi u javvanza d-demokrazija, l-istat tad-dritt, inkluż il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà, u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fl-aktar ċirkostanzi diffiċli u sitwazzjonijiet urġenti;

(ii) jappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(iii) iġedded l-istabbiltà u l-paċi u jevita l-kunflitt, u b'hekk jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili; u

(iv) jindirizza sfidi globali oħra bħat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ambjent, kif ukoll il-migrazzjoni u l-mobbiltà;

(d) jirrispondi b'ħeffa għal:

(i) sitwazzjonijiet ta' kriżi, instabbiltà u kunflitt, inkluż dawk li jistgħu jirriżultaw minn flussi migratorji, spostament furzat u theddid ibridu;

(ii) sfidi ta' reżiljenza, inkluż diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, u r-rabta bejn l-għajnuna umanitarja u l-azzjoni għall-iżvilupp; u

(iii) ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera tal-Unjoni.

3. It-twettiq tal-objettivi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu għandu jitkejjel permezz ta' indikaturi rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 41.

4. Mill-anqas 93 % tan-nefqa skont l-Istrument għandha tissodisfa l-kriterji għall-ODA, stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD, biex b'hekk tikkontribwixxi għal impenji kollettivi ta' ODA, inkluż favur l-LDCs. L-ispeċifiċità tan-nefqa relatata mal-pajjiżi sħab u territorji elenkati fl-Anness I għandha tiġi kkunsidrata.

Artikolu 4

Kamp ta' applikazzjoni u struttura

1. Il-finanzjament tal-Unjoni skont l-Istrument għandu jiġi implimentat permezz ta':

   (a) programmi ġeografiċi;

   (b) programmi tematiċi;

   (c) azzjonijiet ta' rispons rapidu.

2. Il-programmi ġeografiċi għandhom jinkludu kooperazzjoni ma' pajjiż wieħed u ma' diversi pajjiżi fiż-żoni li ġejjin:

   (a) il-Viċinat;

   (b) l-Afrika sub-Saħarjana;

   (c) l-Asja u l-Paċifiku;

   (d) il-Kontinent Amerikan u l-Karibew.

   Il-programmi ġeografiċi jistgħu jkopru l-pajjiżi terzi kollha, ħlief il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali kif definiti fir-Regolament IPA III u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej.

Jistgħu jiġu stabbiliti programmi ġeografiċi b'kamp ta' applikazzjoni kontinentali jew transreġjonali, b'mod partikolari programm pan-Afrikan li jkopri l-pajjiżi Afrikani skont il-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu u programm li jkopri l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku skont il-punti (b), (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu.

Il-programmi ġeografiċi fiż-żona tal-Viċinat jistgħu jkopru kwalunkwe pajjiż jew territorju elenkat fl-Anness I.

Sabiex jitwettqu l-objettivi stabbiliti tal-Istrument, il-programmi ġeografiċi għandhom ikunu bbażati fuq l-oqsma ta' kooperazzjoni stabbiliti fl-Anness II.

3. Il-programmi tematiċi għandhom jinkludu azzjonijiet marbuta mat-twettiq tal-SDGs fuq livell dinji, fl-oqsma li ġejjin:

(a) id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija;

(b) Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili;

(c) il-Paċi, l-Istabbiltà u l-Prevenzjoni ta' Konflitti;

(d) l-Isfidi Dinjija.

Il-programmi tematiċi jistgħu jkopru l-pajjiżi terzi kollha kif ukoll il-pajjiżi u territorji extra-Ewropej.

Sabiex jitwettqu l-objettivi tal-Istrument, il-programmi tematiċi għandhom ikunu bbażati fuq l-oqsma ta' intervent stabbiliti fl-Anness III.

4. L-azzjonijiet ta' rispons rapidu għandhom jippermettu azzjoni bikrija biex:

(a) jikkontribwixxu għall-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni ta' konflitti f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, ta' kriżi emerġenti, ta' kriżi u wara kriżi, inkluż dawk li jistgħu jirriżultaw minn flussi migratorji u spostament sfurzat;

(b) jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-istati, tas-soċjetajiet, tal-komunitajiet u tal-individwi u għall-kollegament tal-azzjoni tal-għajnuna umanitarja u tal-iżvilupp u, fejn rilevanti, il-konsolidazzjoni tal-paċi;

(c) jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera tal-Unjoni.

L-azzjonijiet ta' rispons rapidu jistgħu jkopru l-pajjiżi terzi kollha kif ukoll il-pajjiżi u territorji extra-Ewropej.

Sabiex jitwettqu l-objettivi tal-Istrument, l-azzjonijiet ta' rispons rapidu għandhom ikunu bbażati fuq l-oqsma ta' intervent stabbiliti fl-Anness IV.

5. L-azzjonijiet taħt l-Istrument għandhom jiġu implimentati primarjament permezz ta' programmi ġeografiċi.

L-azzjonijiet implimentati permezz ta' programmi tematiċi għandhom ikunu komplementari għall-azzjonijiet iffinanzjati skont il-programmi ġeografiċi u għandhom jappoġġaw inizjattivi globali u transreġjonali li huma mmirati lejn l-ilħuq ta' għanijiet miftiehma internazzjonalment, b'mod partikolari l-SDGs u l-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll lejn il-protezzjoni ta' beni pubbliċi globali jew l-indirizzar ta' sfidi globali. L-azzjonijiet implimentati permezz ta' programmi tematiċi jistgħu jitwettqu wkoll fejn:

(a) ma jkun hemm l-ebda programm ġeografiku;

(b) il-programm ġeografiku jkun ġie sospiż;

(c) ma jkun hemm l-ebda ftehim dwar l-azzjoni mal-pajjiż sieħeb ikkonċernat; jew

(d) l-azzjoni ma tkunx tista' tiġi indirizzata adegwatament mill-programmi ġeografiċi.

L-azzjonijiet ta' rispons rapidu għandhom ikunu komplementari għall-programmi ġeografiċi u tematiċi. Azzjonijiet ta’ rispons rapidu għandhom jiġu mfassla u implimentati biex jippermettu, fejn rilevanti, il-kontinwità tagħhom taħt programmi ġeografiċi jew tematiċi.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 44 fir-rigward ta' emendi fl-Annessi II, III u IV.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 44 sal-31 ta' Diċembru 2021, biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet li jistabbilixxu:

(a) objettivi speċifiċi u oqsma prijoritarji ta' kooperazzjoni meħuda mill-oqsma ta' kooperazzjoni għall-programmi ġeografiċi fl-Anness II, inkluż prijoritizzazzjoni, għas-sottoreġjuni li ġejjin: Il-Viċinat tan-Nofsinhar, il-Viċinat tal-Lvant, l-Afrika tal-Punent, l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika Ċentrali, l-Afrika tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan, il-Lvant Nofsani, l-Asja Ċentrali, l-Asja tan-Nofsinhar, l-Asja tat-Tramuntana u tax-Xlokk, il-Paċifiku, il-kontinent Amerikan u l-Karibew;

(b) miri tematiċi indikattivi għall-pilastru ġeografiku; u

(c) allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-Afrika tal-Punent, l-Afrika tal-Lvant u l-Afrika Ċentrali, l-Afrika tan-Nofsinhar u s-sottoreġjuni tal-Oċean Indjan.

L-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu għandu jiġi rieżaminat fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmija fl-Artikolu 42(2).

Artikolu 5

Konsistenza, koerenza, sinerġiji u komplementarjetà

1. Fl-implimentazzjoni tal-Istrument, għandhom jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetà mal-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, inkluż strumenti oħra ta' finanzjament esterni, u ma' politiki u programmi rilevanti oħra tal-Unjoni, kif ukoll il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.

   Għal dak il-għan, l-Unjoni għandha tieħu kont tal-impatt tal-politiki interni u esterni kollha dwar l-iżvilupp sostenibbli u għandha tfittex li tippromwovi aktar sinerġiji u komplementarjetajiet b'mod partikolari mal-politika kummerċjali, il-kooperazzjoni ekonomika u kooperazzjoni settorjali oħra.

2. Azzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1257/96 ma għandhomx ikunu ffinanzjati taħt l-Istrument.

3. Fejn xieraq, azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni taħt l-Istrument tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn programm ieħor tal-Unjoni, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. L-Istrument jista' jikkontribwixxi wkoll għall-miżuri stabbiliti taħt programmi oħra tal-Unjoni, dment li l-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni. L-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkulat fuq bażi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għall-appoġġ.

Artikolu 6

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Istrument għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ta' EUR 79 462 000 000 fi prezzijiet attwali.

2. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun magħmul minn:

   (a) EUR 60 388 000 000 għall-programmi ġeografiċi:

   – Il-viċinat: mill-inqas EUR 19 323 000 000,

   – l-Afrika sub-Saħarjana: mill-anqas EUR 29 181 000 000,

   – l-Asja u l-Paċifiku: EUR 8 489 000 000,

   – il-kontinent Amerikan u l-Karibew: EUR 3 395 000 000;

   (b) EUR 6 358 000 000 għall-programmi tematiċi:

   – Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija: EUR 1 362 000 000,

   – Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili: EUR 1 362 000 000,

– Paċi, Stabbiltà u Prevenzjoni tal-Konflitti: EUR 908 000 000,

– Sfidi Dinjija: EUR 2 726 000 000;

(c) EUR 3 182 000 000 għal azzjonijiet ta' rispons rapidu.

3. Ir-riżervi ta' EUR 9 534 000 000 għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti għandhom iżidu l-ammonti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 17.

4. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 għandu jikkorrispondi għal mill-inqas 75 % tal-pakkett finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1.

5. L-azzjonijiet skont l-Artikolu 9 għandhom jiġu ffinanzjati sal-ammont ta' EUR 270 000 000. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 44 sabiex temenda dak l-ammont.

Artikolu 7

Qafas tal-politika

Il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, il-ftehimiet ta' sħubija u ta' kooperazzjoni, il-ftehimiet multilaterali li l-Unjoni hija parti fihom, u ftehimiet oħra li jistabbilixxu relazzjoni legalment vinkolanti bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, il-konklużjonijiet tal-Kunsill, id-dikjarazzjonijiet ta' summits jew il-konklużjonijiet ta' laqgħat ma' pajjiżi sħab fil-livell tal-kapijiet ta' stat jew ta' gvern jew ministri, ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew, il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), għandhom jikkostitwixxu l-qafas kumplessiv ta' politika għall-implimentazzjoni tal-Istrument.

Artikolu 8

Prinċipji ġenerali

1. L-Unjoni għandha tfittex li tippromwovi, tiżviluppa u tikkonsolida l-prinċipji tad-demokrazija, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-universalità u l-indiviżibbiltà tagħhom, u l-libertajiet fundamentali u r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u tas-solidarjetà li fuqhom hija mibnija, permezz ta' djalogu u kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab, ir-reġjuni u s-soċjetà ċivili, inkluż permezz ta' azzjoni fil-fora multilaterali.

2. L-Istrument għandu japplika approċċ ibbażat fuq id-drittijiet li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem, kemm ċivili kif ukoll politiċi jew ekonomiċi, soċjali u kulturali sabiex jiġu integrati l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, biex jiġu appoġġati d-detenturi tad-dritt fil-pretensjoni tad-drittijiet tagħhom, b'enfasi fuq persuni u gruppi aktar foqra, marġinalizzati u vulnerabbli, inkluż persuni b'diżabilità, u biex jiġu megħjuna l-pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dak l-approċċ għandu jkun iggwidat mill-prinċipji li "ħadd ma jitħalla jibqa' lura", l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi.

3. L-Istrument għandu jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u tal-bniet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom u n-nondiskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, permezz ta' azzjonijiet immirati u integrati. Huwa għandu jagħti wkoll attenzjoni partikolari lid-drittijiet tat-tfal u lit-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ.

4. L-Istrument għandu jiġi implimentat f'konformità sħiħa mal-impenn tal-Unjoni għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet kollha tal-bniedem u għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u għadu impenjat lejn is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet, f'dan il-kuntest. Filwaqt li jittieħed kont ta' dan, l-Istrument għandu jappoġġa l-impenn tal-Unjoni għall-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. Għandu wkoll jappoġġa l-ħtieġa għal aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni affordabbli, komprensivi u ta' kwalità dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi tal-kura tas-saħħa.

5. L-Unjoni għandha tappoġġa, kif xieraq, l-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni u djalogu bilaterali, reġjonali u multilaterali, il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u ta' kummerċ, il-ftehimiet ta' sħubija u l-kooperazzjoni triangolari.

L-Unjoni għandha tippromwovi approċċ multilaterali bbażat fuq ir-regoli u bbażat fuq il-valuri għall-beni globali u l-isfidi u għandha tikkoopera mal-Istati Membri, il-pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u donaturi oħra f'dak ir-rigward.

L-Unjoni għandha tippromwovi multilateraliżmu effettiv fit-trawwim tal-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u donaturi oħra.

L-Unjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni u għandhom jiġu diskussi fid-djalogu politiku regolari ma' pajjiżi sħab ir-rekord tagħhom fl-implimentazzjoni ta' obbligi u impenji, inkluż l-Aġenda 2030, il-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u konvenzjonijiet oħrajn, inkluż dawk dwar standards tas-sigurtà nukleari, il-ftehimiet internazzjonali, b'mod partikolari il-Ftehim ta' Pariġi, u r-relazzjonijiet kuntrattwali mal-Unjoni, b'mod partikolari l-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, il-ftehimiet ta' sħubija u ta' kooperazzjoni, u l-ftehimiet kummerċjali.

6. Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, minn naħa waħda, u l-pajjiżi sħab, min-naħa l-oħra, għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp u għandha tippromwovihom, fejn applikabbli, fil-modalitajiet kollha, jiġifieri: is-sjieda ta' prijoritajiet tal-iżvilupp mill-pajjiżi sħab, enfasi fuq ir-riżultati, sħubiji inklużivi għall-iżvilupp, it-trasparenza u l-akkontabbiltà reċiproka. L-Unjoni għandha tippromwovi mobilizzazzjoni u użu effettivi u effiċjenti tar-riżorsi.

Skont il-prinċipju tas-sħubija inklużiva u tat-trasparenza, fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-pajjiżi sħab, inkluż organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali, jiġu kkonsultati kif dovut u jkollhom aċċess f'waqtu għall-informazzjoni rilevanti biex ikunu jistgħu jkunu involuti b'mod adegwat u jaqdu rwol sinifikanti fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-proċessi assoċjati ta' monitoraġġ tal-programmi. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li jiġi segwit djalogu msaħħaħ mas-settur privat.

Skont il-prinċipju tas-sjieda, il-Kummissjoni, fejn xieraq, għandha tiffavorixxi l-użu tal-istituzzjonijiet u s-sistemi tal-pajjiżi sħab għall-implimentazzjoni tal-programmi.

7. Sabiex jippromwovu l-komplementarjetà u l-effiċjenza tal-azzjoni u l-inizjattivi tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni tal-politiki tagħhom u għandhom jikkonsultaw b'mod regolari lil xulxin dwar il-programmi tagħhom ta' għajnuna, inkluż f'organizzazzjonijiet internazzjonali u matul konferenzi internazzjonali.

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-programmi rispettivi tagħhom ta' appoġġ bil-għan li jżidu l-effettivita u l-effiċjenza.

L-Unjoni għandha trawwem l-inklużività fl-implimentazzjoni tal-Istrument u l-kollaborazzjoni mal-Istati Membri li jfittxu li jimmassimizzaw il-valur miżjud u tieħu kont tal-esperjenza u l-kapaċitajiet, biex b'hekk issaħħaħ l-interessi, il-valuri u l-għanijiet komuni kondiviżi. L-Unjoni għandha tinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-kondiviżjoni tal-għarfien bejn korpi u esperti tal-Istati Membri.

8. Il-programmi u l-azzjonijiet skont l-Istrument għandhom jintegraw il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-ħarsien tal-ambjent, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u, fejn rilevanti, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u għandhom jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn l-SDGs, biex jippromwovu azzjonijiet integrati li jistgħu joħolqu kobenefiċċji u jissodisfaw diversi objettivi b'mod koerenti. Dawk il-programmi u l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq analiżi komprensiva u multidixxiplinarja tal-kuntest, il-kapaċitajiet, ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet, jintegraw approċċ ta' reżiljenza u jkunu sensittivi għall-konflitti filwaqt li jieħdu kont tal-prevenzjoni tal-konflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi. Huma għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji ta' "la tagħmilx ħsara" u ta' "ħadd ma jitħalla jibqa' lura".

9. L-Istrument għandu jippromwovi l-użu tad-diġitalizzazzjoni bħala faċilitatur b'saħħtu għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir inklużiv.

10. Approċċ aktar koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni għandu jiġi segwit mas-sħab, b'kont meħud tal-importanza li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat. Hija għandha timmassimizza s-sinerġiji u tibni sħubiji komprensivi, filwaqt li tagħti attenzjoni speċifika lill-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu. Dak l-approċċ għandu jikkombina l-għodod xierqa kollha u l-*leverage* meħtieġ permezz ta' approċċ inċitattiv flessibbli u, kif xieraq f'dan il-kuntest, bil-possibbiltà ta' bidliet fl-allokazzjoni ta' finanzjament relatat mal-migrazzjoni f'konformità mal-prinċipji ta' programmazzjoni tal-Istrument. Huwa għandu jqis il-kooperazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-ftehimiet u d-djalogi tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni. Dawk l-azzjonijiet għandhom jiġu implimentati b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali, inkluż id-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u l-liġi dwar ir-refuġjati, il-kompetenzi tal-Unjoni u dawk nazzjonali. L-effettività ta' dak l-approċċ għandha tiġi vvalutata kull sena jew kif meħtieġ. L-azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni skont l-Istrument għandhom jiġu implimentati b'appoġġ għall-objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni permezz ta' mekkaniżmu ta' finanzjament flessibbli.

11. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-azzjonijiet adottati skont l-Istrument fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp jiġu implimentati f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż id-drittijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u id-dritt umanitarju. Għal dak il-għan il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas xieraq għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tar-riskju. F'dak il-qafas, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida operazzjonali biex tiżgura li jitqiesu d-drittijiet tal-bniedem fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawk l-azzjonijiet.

Tali azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq analiżi regolari u robusta tal-konflitti biex tiġi żgurata s-sensittività għall-konflitti u biex jiġi implimentat approċċ ta' riforma tas-settur tas-sigurtà li jikkontribwixxi għall-governanza demokratika, l-akkontabbiltà u s-sigurtà tal-bniedem, inkluż il-benefiċċji għall-popolazzjoni lokali. Dawk il-miżuri għandhom jiġu inkorporati, fejn rilevanti, fil-kuntest ta' għajnuna aktar fit-tul bil-għan tar-riforma tas-settur tas-sigurtà.

12. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u, fuq l-inizjattiva ta' kwalunkwe waħda minn dawk l-istituzzjonijiet, ikollha skambji ta' fehmiet magħhom, inkluż dwar l-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi li jirreaġixxi għall-prestazzjoni f'oqsma ewlenin, imsemmija fl-Artikolu 20. Il-Parlament Ewropew jista' jkollu skambji regolari ta' fehmiet mal-Kummissjoni rigward il-programmi ta' assistenza tiegħu stess, dwar kwistjonijiet bħat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inkluż il-medjazzjoni u d-djalogu relatati, u l-osservazzjoni tal-elezzjonijiet.

13. Il-Kummissjoni għandha tiskambja informazzjoni fuq bażi regolari mas-soċjetà ċivili.

14. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u ssegwi oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju, inkluż miżuri ta' valutazzjoni u ta' mitigazzjoni.

15. Il-finanzjament tal-Unjoni skont l-Istrument ma għandux jintuża biex jiġi ffinanzjat l-akkwist ta' armi jew ta' munizzjon, jew operazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

Artikolu 9

Tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp

1. Sabiex tikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli, li jirrikjedi l-kisba ta' soċjetajiet stabbli, paċifiċi u inklużivi, l-assistenza tal-Unjoni skont l-Istrument tista' tintuża fil-kuntest ta' riforma aktar wiesgħa fis-settur tas-sigurtà jew biex tibni l-kapaċità tal-atturi militari fil-pajjiżi sħab, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali stabbiliti fil-paragrafu 3, biex jitwettqu attivitajiet ta' żvilupp u sigurtà għall-attivitajiet ta' żvilupp.

2. L-għajnuna skont dan l-Artikolu tista' tkopri b'mod partikolari l-forniment ta' programmi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-iżvilupp u għas-sigurtà għall-iżvilupp, inkluż taħriġ, mentoraġġ u pariri, kif ukoll il-forniment ta' tagħmir, titjib tal-infrastruttura u servizzi relatati direttament ma' dik l-għajnuna.

3. L-għajnuna skont dan l-Artikolu għandha tingħata biss:

   (a) fejn ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati rekwiżiti b'rikors għal atturi mhux militari biex adegwatament jitwettqu objettivi tal-Unjoni skont l-Istrument u jkun hemm theddida għall-eżistenza ta' istituzzjonijiet Statali li jiffunzjonaw jew għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istituzzjonijiet Statali ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' dik it-theddida; kif ukoll

(b) fejn jeżisti konsensus bejn il-pajjiż sieħeb ikkonċernat u l-Unjoni li l-atturi militari huma kruċjali għall-preservazzjoni, l-istabbiliment jew l-istabbiliment mill-ġdid tal-kundizzjonijiet essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż fi kriżijiet u f'kuntesti u sitwazzjonijiet fraġli jew destabilizzati.

4. L-għajnuna tal-Unjoni skont dan l-Artikolu ma għandhiex tintuża biex tiffinanzja t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' atturi militari għal finijiet oħra għajr it-twettiq ta' attivitajiet ta' żvilupp u s-sigurtà għal attivitajiet ta' żvilupp. B'mod partikolari, ma għandhiex tintuża biex tiffinanzja kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) nefqa militari rikorrenti;

(b) l-akkwist ta' armi u ta' munizzjon, jew kwalunkwe apparat ieħor imfassal biex iwassal forza letali;

(c) taħriġ li huwa maħsub biex jikkontribwixxi speċifikament għall-kapaċità ta' ġlied tal-forzi armati.

5. Waqt it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tippromwovi s-sjieda tal-pajjiż sieħeb. Hija għandha tiżviluppa wkoll l-elementi neċessarji u l-prattiki tajbin meħtieġa biex ikunu żgurati s-sostenibbiltà u l-akkontabbiltà fit-terminu medju u dak twil u għandha tippromwovi l-istat tad-dritt u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali stabbiliti.

TITOLU II
IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRUMENT

Kapitolu I
Programmazzjoni

Artikolu 10

Kamp ta' applikazzjoni tal-programmi ġeografiċi

1. Sabiex jitwettqu l-objettivi tal-Istrument, il-programmi ġeografiċi għandhom jitfasslu mill-oqsma ta' kooperazzjoni li ġejjin:

(a) il-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

(b) il-qerda tal-faqar, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni, u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem;

(c) migrazzjoni, spostament furzat tal-popolazzjoni u mobbiltà;

(d) ambjent u tibdil fil-klima;

(e) tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli, kif ukoll impjieg deċenti;

(f) paċi, stabbiltà u prevenzjoni ta' konflitti;

(g) sħubija.

2. Aktar dettalji fuq kull waħda mill-oqsma ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 11

Kamp ta' applikazzjoni tal-programmi tematiċi

1. Sabiex ikunu jistgħu jinkisbu l-objettivi tal-Istrument, programmi tematiċi għandhom ikopru l-oqsma ta' intervent li ġejjin:

(a) Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija: għall-avvanz ta’:

(i) il-valuri fundamentali tad-demokrazija;

(ii) l-istat tad-dritt;

(iii) l-universalità, l-indiviżibbiltà u l-interdipendenza tad-drittijiet tal-bniedem;

(iv) ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem;

(v) il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, tal-ugwaljanza u s-solidarjetà;

(vi) ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-NU u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

(b) Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili:

(i) soċjetà ċivili inklużiva, parteċipatorja, responsabbilizzata u indipendenti u spazju demokratiku fil-pajjiżi sħab;

(ii) djalogu inklużiv u miftuħ mal-atturi tas-soċjetà ċivili u bejniethom;

(iii) sensibilizzazzjoni, fehim, għarfien u involviment taċ-ċittadini Ewropej fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' żvilupp;

(c) Il-Paċi, l-Istabbiltà u l-Prevenzjoni ta' Konflitti:

(i) assistenza għall-prevenzjoni ta' konflitti, il-konsolidazzjoni tal-paċi u t-tħejjija għal kriżijiet;

(ii) assistenza fl-indirizzar ta' theddid u thedded emerġenti globali u transreġjonali;

(d) L-Isfidi Dinjija:

(i) saħħa;

(ii) edukazzjoni;

(iii) ugwaljanza bejn il-ġeneri u tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet;

(iv) tfal u żgħażagħ;

(v) migrazzjoni, spostament furzat tal-popolazzjoni u mobbiltà;

(vi) impjieg diċenti, protezzjoni soċjali, inugwaljanza u inklużjoni;

(vii) kultura;

(viii) żgurar ta' ambjent b'saħħtu u indirizzar tat-tibdil fil-klima;

(ix) enerġija sostenibbli;

(x) tkabbir sostenibbli u inklużiv, impjiegi deċenti u involviment tas-settur privat;

(xi) sigurtà alimentari u tan-nutrizzjoni;

(xii) tisħiħ tar-rwol tal-awtoritajiet lokali bħala atturi tal-iżvilupp;

(xiii) promozzjoni ta' soċjetajiet inklużivi u inizjattivi b'diversi partijiet ikkonċernati, governanza ekonomika tajba, inkluż mobilizzazzjoni ġusta u inklużiva tad-dħul domestiku;

(xiv) appoġġ għall-valutazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tas-sħubiji u tal-effettività.

2. Aktar dettalji fuq kull waħda mil-oqsma ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jinsabu fl-Anness III.

Artikolu 12

Approċċ ġenerali ta' programmazzjoni

1. Il-kooperazzjoni u l-interventi taħt l-Istrument għandhom jiġu pprogrammati, ħlief l-azzjonijiet ta' rispons rapidu msemmija fl-Artikolu 4(4).

2. Fuq il-bażi tal-Artikolu 7, il-programmazzjoni taħt l-Istrument għandha tkun ibbażata fuq dan li ġej:

   (a) id-dokumenti ta' programmazzjoni għandhom jipprovdu qafas koerenti għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab jew reġjuni, konsistenti mal-fini ġenerali u l-kamp ta' applikazzjoni, l-objettivi u l-prinċipji stabbiliti f'dan ir-Regolament;

   (b) waqt it-tfassil tad-dokumenti ta' programmazzjoni għall-pajjiżi sħab u r-reġjuni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, wara kriżi jew ta' fraġilita' u vulnerabbilta', għandha titwettaq analiżi tal-konflitti biex tiġi żgurata s-sensittività għall-konflitti u għandu jittieħed kont debitu tal-ħtiġijiet u taċ-ċirkostanzi speċjali tal-pajjiżi sħab jew ir-reġjuni kkonċernati u tal-popolazzjoni tagħhom; fejn pajjiżi sħab jew reġjuni, ikunu direttament involuti fi, jew affettwati minn sitwazzjoni ta' kriżi, ta' wara kriżi jew ta' fraġilità, għandha ssir enfasi speċjali fuq it-tisħiħ tal-koordinazzjoni fost l-atturi rilevanti kollha biex tiġi megħjuna t-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' emerġenza għal żvilupp sostenibbli u paċi stabbli, inkluż il-prevenzjoni tal-vjolenza;

(c) l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw konsultazzjonijiet inklużivi ma' xulxin fi stadju bikri tal-proċess ta' programmazzjoni u matulu, sabiex jippromwovu l-koerenza, il-komplementarjetà u l-konsistenza bejn l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom; il-programmazzjoni konġunta għandha tkun l-approċċ preferut għall-programmazzjoni tal-pajjiżi u l-implimentazzjoni tagħha għandha tkun flessibbli, inklużiva u mmexxija fil-livell ta' pajjiż. Il-programmazzjoni konġunta għandha tkun miftuħa għad-donaturi u l-atturi rilevanti l-oħra jekk l-Unjoni u l-Istati Membri jqisu li dan huwaa rilevanti; barra minn hekk, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, kull fejn xieraq, ifittxu li jappoġġaw lill-pajjiżi sħab permezz ta' implimentazzjoni konġunta;

(d) l-Unjoni għandha, fi stadju bikri u matul il-proċess ta' programmazzjoni, tinkoraġġixxi djalogu regolari u inklużiv bejn diversi partijiet ikkonċernati u donaturi u atturi oħra, inkluż awtoritajiet lokali, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, fondazzjonijiet u s-settur privat, fejn rilevanti, sabiex tiffaċilita l-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom, kif xieraq, u biex tiżgura li jaqdu rwol sinifikanti fil-proċess tal-programmazzjoni;

(e) il-programm tematiku tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Demokrazija u l-programm tematiku tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 4(3), rispettivament, għandhom jipprovdu assistenza indipendentement mill-kunsens tal-gvernijiet u awtoritajiet pubbliċi oħra tal-pajjiżi terzi kkonċernati: dawn il-programmi tematiċi għandhom fil-parti l-kbira jappoġġaw atturi tas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha filwaqt li jieħdu kont tal-forom u l-metodi ta' implimentazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 27(3).

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati dwar l-eżitu tal-konsultazzjonijiet previsti skont il-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu.

3. Id-dokumenti ta' programmazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati u, jinkludu, kull fejn possibbli, miri u indikaturi ċari. Fejn xieraq, l-indikaturi għandhom ikunu bbażati fuq il-miri u l-indikaturi miftiehma internazzjonalment, b'mod partikolari dawk stabbiliti għall-SDGs, kif ukoll l-oqfsa tar-riżultati fil-livell ta' pajjiż, biex jiġi valutat u komunikat il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għar-riżultati, fil-livell ta' outputs, eżiti u impatt.

Artikolu 13

Prinċipji ta' programmazzjoni għal programmi ġeografiċi

1. Il-programmazzjoni ta' programmi ġeografiċi għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

(a) mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5, l-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati, sa fejn possibbli, fuq djalogu bikri, kontinwu u inklużiv bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab ikkonċernati, inkluż awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, li jinvolvi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, parlamenti nazzjonali, reġjonali u lokali u partijiet ikkonċernati oħra, sabiex tittejjeb is-sjieda demokratika tal-proċess u biex jiġi inkoraġġut l-appoġġ għall-istrateġiji nazzjonali u reġjonali;

(b) fejn xieraq, il-perijodu ta' programmazzjoni għandu jiġi sinkronizzat u allinjat maċ-ċikli ta' strateġija ta' pajjiżi sħab;

(c) il-programmazzjoni tista' tipprevedi attivitajiet ta' kooperazzjoni ffinanzjati mill-allokazzjonijiet differenti stabbiliti fl-Artikolu 6(2) u minn programmi oħra tal-Unjoni skont l-atti bażiċi tagħhom.

2. Il-programmazzjoni ta' programmi ġeografiċi għandha tipprovdi qafas speċifiku u mfassal apposta għall-kooperazzjoni, ibbażat fuq:

(a) il-ħtiġijiet tas-sħab, stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi, filwaqt li jittieħed kont tal-popolazzjoni, il-faqar, l-inugwaljanza, l-iżvilupp tal-bniedem, il-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali, u r-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà, u l-impatt ta' kriżijiet fit-tul u rikorrenti;

(b) il-kapaċità u l-impenn tas-sħab li jippromwovu l-valuri, il-prinċipji u l-interessi kondiviżi, inkluż id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-ispazju ċiviku miftuħ u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li jappoġġaw għanijiet komuni u alleanzi u kooperazzjoni multilaterali, sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, kif ukoll it-tmexxija 'l quddiem tal-prijoritajiet tal-Unjoni;

(c) l-impenji tas-sħab, inkluż dawk miftiehma b'mod konġunt mal-Unjoni, u l-prestazzjoni stabbilita abbażi ta' kriterji bħar-riforma politika; u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, is-sostenibbiltà ambjentali, u l-użu effettiv tal-għajnuna, filwaqt li jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet u l-livell ta' żvilupp ta' pajjiżi sħab;

(d) l-impatt potenzjali ta' finanzjament tal-Unjoni fil-pajjiżi sħab u r-reġjuni;

(e) il-kapaċitajiet tas-sħab li jimmobilizzaw u jagħmlu użu effettiv mir-riżorsi domestiċi kif ukoll li jaċċessaw ir-riżorsi finanzjarji, jimmaniġġaw ir-riżorsi b'mod trasparenti b'appoġġ għall-prijoritajiet ta' żvilupp nazzjonali u l-kapaċitajiet ta' assorbiment tagħhom.

3. Il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, b'mod partikolari l-LDCs, il-pajjiżi b'introjtu baxx, il-pajjiżi f'sitwazzjoni ta' kriżi, wara kriżi jew fraġilita' u vulnerabbilta', inkluż stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw u stati mingħajr kosta li qed jiżviluppaw, għandhom jingħataw prijorità fil-proċess ta' allokazzjoni tar-riżorsi.

4. Barra minn hekk, l-Unjoni għandha tindirizza l-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi bi dħul medju u b'mod partikolari l-pajjiżi li jgħaddu minn status ta' introjtu aktar baxx għal wieħed aktar għoli.

5. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati għandha tiffoka fuq il-promozzjoni tal-Unjoni u ta' interessi u valuri reċiproċi, kif ukoll l-objettivi miftiehma b'mod komuni u l-multilateraliżmu.

6. L-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-azzjonijiet stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/…[+]. Minn dan ir-Regolament għandu jitfassal dokument wieħed ta' programmazzjoni għal seba' snin, li jinkludi fondi mir-Regolament IPA III. Ir-Regolament (UE) 2021/…[+] għandu japplika għall-użu ta' dawk il-fondi.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 32/21 [2018/0191(COD)].

Artikolu 14

Dokumenti ta' programmazzjoni għal programmi ġeografiċi

1. Fil-każ tal-programmi ġeografiċi, l-implimentazzjoni tal-Istrument għandha titwettaq permezz ta' programmi indikattivi pluriennali għall-pajjiż u għal diversi pajjiżi.

2. Il-programmi indikattivi pluriennali għandhom jistabbilixxu l-oqsma ta' prijorità magħżula għal finanzjament tal-Unjoni, l-objettivi speċifiċi, ir-riżultati mistennija, indikaturi tal-prestazzjoni ċari u speċifiċi, u l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi, kemm kumplessivament kif ukoll għal kull qasam ta' prijorità u, fejn applikabbli, il-metodi ta' implimentazzjoni.

3. Il-programmi indikattivi pluriennali għandhom ikunu mibnija fuq:

(a) strateġija nazzjonali jew reġjonli fil-forma ta' pjan nazzjonali ta' żvilupp jew dokument simili aċċettat mill-Kummissjoni bħala bażi għall-programm indikattiv pluriennali korrispondenti, meta jiġi adottat dan id-dokument tal-aħħar;

(b) dokument qafas li jistabbilixxi l-politika tal-Unjoni lejn is-sieħeb jew is-sħab ikkonċernati, li jinkludi dokument konġunt bejn l-Unjoni u l-Istati Membri;

(c) dokument konġunt bejn l-Unjoni u s-sieħeb jew is-sħab kkonċernati li jistabbilixxi l-prijoritajiet komuni u l-impenji reċiproċi.

4. Sabiex jiżdied l-impatt tal-kooperazzjoni kollettiva tal-Unjoni, fejn possibbli u xieraq, dokument ta' programmazzjoni konġunta għandu jissostitwixxi d-dokumenti ta' programmazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Madankollu, tali dokument ta' programmazzjoni konġunta għandu jissostitwixxi biss il-programm indikattiv pluriennali tal-Unjoni, dment li dan ikun approvat f'att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 16, jikkonforma mal-Artikoli 12 u 13, ikun fih l-elementi elenkati stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jistabbilixxi t-tqassim tax-xogħol bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.

Artikolu 15

Dokumenti ta' programmazzjoni għal programmi tematiċi

1. Fil-każ tal-programmi tematiċi, l-implimentazzjoni tal-Istrument għandha titwettaq permezz ta' programmi indikattivi pluriennali.

2. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi tematiċi għandhom jistabbilixxu l-istrateġija tal-Unjoni, il-prijoritajiet magħżula għall-finanzjament mill-Unjoni, l-għanijiet speċifiċi, ir-riżultati mistennija, indikaturi tal-prestazzjoni ċari u speċifiċi, is-sitwazzjoni internazzjonali, u l-attivitajiet tas-sħab ewlenin għat-tema kkonċernata.

   Fejn applikabbli, għandhom jiġu stipulati prijoritajiet fir-rigward tar-riżorsi u tal-interventi għall-parteċipazzjoni f'inizjattivi globali.

3. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi tematiċi għandhom jistabbilixxu l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva, kumplessivament, skont il-qasam ta' kooperazzjoni u skont il-prijorità. L-allokazzjoni finanzjarja indikattiva tista' tingħata fil-forma ta' firxa.

Artikolu 16

Adozzjoni u emendar ta' programmi indikattivi pluriennali

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, programmi indikattivi pluriennali msemmija fl-Artikoli 14 u 15. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2). Dik il-proċedura għandha tapplika wkoll għar-rieżamijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, li għandhom l-effett li jimmodifikaw b'mod sinifikanti l-kontenut tal-programm indikattiv pluriennali.

2. Meta jiġu adottati d-dokumenti ta' programmazzjoni pluriennali konġunta msemmija fl-Artikolu 14, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tapplika biss għall-kontribut tal-Unjoni għad-dokument ta' programmazzjoni pluriennali konġunta.

3. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi ġeografiċi għandhom jiġu rieżaminati wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmija fl-Artikolu 42(2), kif ukoll fuq bażi *ad hoc* kif meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7 jew wara sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' wara kriżi.

4. Il-programmi indikattivi pluriennali għall-programmi tematiċi għandhom jiġu rieżaminati wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmija fl-Artikolu 42(2), kif ukoll fuq bażi *ad hoc* kif meħtieġ għall-implimentazzjoni effettiva, b'mod partikolari fejn ikun hemm bidliet sostanzjali fil-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7.

5. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati, bħal kriżijiet jew theddid immedjat għall-paċi, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni tista' temenda l-programmi indikattivi pluriennali msemmija fl-Artikoli 14 u 15 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 45(4).

Artikolu 17

Riżervi għal sfidi u prijoritajiet emerġenti

1. L-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(3) għandu jintuża fejn l-aktar ikun meħtieġ u debitament ġustifikat, fost l-oħrajn:

(a) biex jiżgura rispons xieraq tal-Unjoni f'każ ta' ċirkostanzi mhux previsti;

(b) biex jindirizza ħtiġijiet ġodda jew sfidi emerġenti, bħal dawk fil-fruntieri tal-Unjoni jew tal-ġirien tagħha marbuta ma' sitwazzjonijiet ta' kriżi, kemm jekk naturali kif ukoll jekk ikkawżata mill-bniedem, konflitti vjolenti u sitwazzjonijiet ta' wara kriżi jew ta' pressjoni migratorja u spostament furzat;

(c) biex jippromwovi inizjattivi jew prijoritajiet ġodda internazzjonali jew immexxija mill-Unjoni.

2. L-użu ta' dawk il-fondi għandu jiġi deċiż skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 16 u 25.

Kapitolu II

Dispożizzjonijiet speċifiċi għaż-żona tal-Viċinat

Artikolu 18

Għanijiet speċifiċi għaż-żona tal-Viċinat

F'konformità mal-Artikoli 3 u 4, l-għanijiet speċifiċi tal-appoġġ tal-Unjoni taħt l-Istrument għaż-żona tal-Viċinat għandhom:

(a) jippromwovu kooperazzjoni politika msaħħa u jsaħħu u jikkonsolidaw demokrazija profonda u sostenibbli, l-istabbiltà, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;

(b) jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni, jew ftehimiet oħra eżistenti u futuri, kif ukoll ta' aġendi ta' assoċjazzjoni miftiehma b'mod konġunt u prijoritajiet ta' sħubija jew dokumenti ekwivalenti, inkluż permezz tal-kooperazzjoni istituzzjonali u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet;

(c) jippromwovu sħubija msaħħa ma' soċjetajiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab, u fost il-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' kuntatti bejn in-nies, u firxa wiesgħa ta' attivitajiet b'fokus speċifiku fuq iż-żgħażagħ;

(d) isaħħu kooperazzjoni reġjonali u transkonfinali, b'mod partikolari fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant, l-Unjoni għall-Mediterran, il-kollaborazzjoni mal-Viċinat Ewropew kollu kif ukoll il-kooperazzjoni reġjonali tal-Baħar l-Iswed, il-kooperazzjoni dwar l-Artiku u d-Dimensjoni tat-Tramuntana, inkluż fl-oqsma tal-enerġija u s-sigurtà;

(e) jiksbu integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u kooperazzjoni settorjali u transsettorjali msaħħa, inkluż permezz ta' approssimazzjoni leġiżlattiva u konverġenza regolatorja lejn in-normi u l-istandards tal-Unjoni u normi u standards internazzjonali rilevanti oħra, kif ukoll aċċess aħjar għas-suq inkluż permezz ta' oqsma profondi u komprensivi ta' kummerċ ħieles, il-bini ta' istituzzjonijiet u l-investiment relatati;

(f) isaħħu sħubijiet dwar migrazzjoni u mobbiltà ġestiti tajjeb u sikuri u, fejn applikabbli u dment li jkunu fis-seħħ kondizzjonijiet għal mobbiltà ġestita tajjeb u sigura, jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' reġimi eżistenti mingħajr viża, f'konformità mal-mekkaniżmu rivedut ta' sospensjoni tal-viża, djalogi dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża u ftehimiet u arranġamenti bilaterali jew reġjonali ma' pajjiżi terzi, inkluż sħubiji ta' mobbiltà;

(g) jappoġġjaw tisħiħ tal-fiduċja u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà, il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti, inkluż appoġġ lill-popolazzjonijiet milqutin u r-rikostruzzjoni.

Artikolu 19

Dokumenti ta' programmazzjoni u kriterji ta' allokazzjoni

1. Għall-pajjiżi sħab u għat-territorji elenkati fl-Anness I, l-oqsma ta' prijorità għall-finanzjament tal-Unjoni għandhom jintgħażlu prinċipalment minn dawk inklużi fil-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, is-sħubija u kooperazzjoni, l-aġendi ta' assoċjazzjoni maqbula b'mod konġunt u l-prijoritajiet ta' sħubija jew id-dokumenti l-oħra rilevanti, eżistenti u futuri, maqbula b'mod konġunt imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3), bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab f'formati bilaterali u multilaterali, inkluż, kif rilevanti, fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant u d-dimensjoni tan-Nofsinhar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 18 u l-oqsma ta' kooperazzjoni għall-programmi ġeografiċi stabbiliti fl-Anness II.

2. B'deroga mill-Artikolu 13(2) u (3), l-appoġġ tal-Unjoni skont il-programmi ġeografiċi fiż-żona tal-Viċinat għandu jiġi differenzjat fil-forma u fl-ammonti, filwaqt li jittieħed kont :

(a) tal-ħtiġijiet tal-pajjiż sieħeb, bl-użu ta' indikaturi bħall-popolazzjoni, l-inugwaljanzi u l-livell ta' żvilupp;

(b) l-impenn lejn, u l-progress tal-pajjiż sieħeb fl-implimentazzjoni ta' objettivi ta' riforma politika, ekonomika u soċjali miftiehma b'mod konġunt;

(c) l-impenn lejn, u l-progress tal-pajjiż sieħeb fil-bini ta' demokrazija profonda u sostenibbli, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

(d) is-sħubija tal-pajjiż sieħeb mal-Unjoni, inkluż il-livell ta' ambizzjoni għal dik is-sħubija;

(e) il-kapaċità ta' assorbiment tal-pajjiż sieħeb u l-impatt potenzjali ta' appoġġ tal-Unjoni skont l-Istrument.

3. L-appoġġ tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi rifless fid-dokumenti ta' programmazzjoni għall-programmi ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 14.

Artikolu 20

Approċċ ibbażat fuq l-inċentivi

1. B'mod indikattiv, 10 % tal-pakkett finanzjarju stabbilit fl-ewwel inċiż tal-punt (a) tal-Artikolu 6(2) biex jissupplimenta l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi għall-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 14 għandu jiġi allokat lill-pajjiżi sħab u lit-territorji elenkati fl-Anness I bħala inċentiv għar-riformi. Tali allokazzjonijiet għandhom jiġu deċiżi fuq il-bażi tal-prestazzjoni u l-progress tagħhom fid-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt inkluż il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, id-drittijiet tal-bniedem inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni, il-governanza ekonomika u r-riformi, b'mod partikolari dawk ir-riformi li kienu ġew miftiehma b'mod konġunt. Il-progress ta' pajjiżi sħab għandu jiġi valutat regolarment, b'mod partikolari permezz ta' rapporti ta' progress li jinkludu x-xejriet meta mqabbla mas-snin preċedenti.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-appoġġ lis-soċjetà ċivili, il-prevenzjoni tal-konflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi, il-kuntatti bejn il-persuni, inkluż il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet lokali, l-appoġġ għat-titjib tad-drittijiet tal-bniedem jew il-miżuri ta' appoġġ relatati mal-kriżijiet. F'każ ta' degradazzjoni serja jew persistenti tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, l-appoġġ għal dawk l-azzjonijiet għandu jiżdied, fejn possibbli u xieraq.

Artikolu 21

Programmi indikattivi għal diversi pajjiżi

Programmi indikattivi għal diversi pajjiżi għandhom jindirizzaw sfidi komuni għall-pajjiżi sħab kollha jew għadd minnhom, abbażi tal-prijoritajiet tas-Sħubija tal-Lvant u d-dimensjoni tan-Nofsinhar tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u b'kont meħud tal-ħidma mwettqa fil-kuntest tal-Unjoni għall-Mediterran, u kooperazzjoni reġjonali, transreġjonali u sottoreġjonali, primarjament bejn żewġ pajjiżi sħab jew aktar, inkluż ukoll fil-qafas tad-Dimensjoni tat-Tramuntana u l-kooperazzjoni reġjonali tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed.

Artikolu 22

Kooperazzjoni Transfruntiera

1. Il-kooperazzjoni transfruntiera, kif definita fil-punt (5) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2, għandha tkopri l-kooperazzjoni tul il-fruntieri esterni tal-art u tal-baħar biswit xulxin, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali fuq territorji tranżnazzjonali akbar jew madwar baċiri tal-baħar, kif ukoll il-kooperazzjoni interreġjonali.

2. Iż-żona tal-Viċinat għandha tikkontribwixxi għall-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera kif imsemmija fil-paragrafu 1 kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fil-qafas tar-Regolament Interreg. Sa 5 % tal-pakkett finanzjarju għall-qasam tal-Viċinat għandu jiġi allokat b'mod indikattiv b'appoġġ għal dawk il-programmi.

3. Il-kontribuzzjonijiet għal programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera għandhom jiġu determinati u użati skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Interreg.

4. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni ma għandhiex tkun ogħla minn 90 % tan-nefqa eliġibbli ta' programm ta' kooperazzjoni transfruntiera.

5. Il-prefinanzjament għal programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera jista' jaqbeż il-perċentwal imsemmi fl-Artikolu 51 tar-Regolament Interreg. Fuq talba tal-awtorità maniġerjali, għal kull sena finanzjarja, ir-rata ta' prefinanzjament tista' tkun sa 80 % tal-impenji annwali għall-programm.

6. Dokument ta' strateġija pluriennali għal kooperazzjoni transfruntiera, li jistabbilixxi l-elementi msemmija fl-Artikolu 14(2) ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi adottat f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Interreg.

7. Fejn il-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera ma jitkomplewx f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament Interreg, l-appoġġ mill-pakkett finanzjarju għaż-żona tal-Viċinat għall-programm li ma jitkompliex u li jibqa' disponibbli jista' jintuża primarjament biex jiffinanzja programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera oħra jew kwalunkwe attività oħra skont il-pakkett finanzjarju kif xieraq.

Kapitolu III

Pjanijiet ta' azzjoni, miżuri u metodi ta' implimentazzjoni

Artikolu 23

Pjanijiet ta' azzjoni u miżuri

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri annwali jew pluriennali. Il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri individwali, miżuri speċjali, miżuri ta' appoġġ jew miżuri ta' għajnuna eċċezzjonali. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jieħdu kont tal-kuntest speċifiku u għandhom jispeċifikaw għal kull azzjoni l-objettivi segwiti, ir-riżultati mistennija u l-attivitajiet ewlenin, il-metodi ta' implementazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni kif ukoll il-baġit u kwalunkwe nefqa ta' appoġġ assoċjata.

2. Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti ta' programmazzjoni, ħlief għall-każijiet imsemmija fil-paragrafi 5 u 6. Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jiġu mħejjija b'mod inklużiv, trasparenti u f'waqthom. Kull meta xieraq, il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jiġu diskussi b'mod konġunt mal-Istati Membri fil-kuntest ta' 'ħidma aħjar flimkien'.

3. Fejn meħtieġ, azzjoni tista' tiġi adottata bħala miżura individwali qabel jew wara l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Il-miżuri individwali għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti ta' programmazzjoni, ħlief għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 5 u f'każijiet debitament ġustifikati oħra.

4. Fil-każ ta' ħtiġijiet jew ċirkostanzi mhux previsti, u fejn ma jkunx possibbli finanzjament minn sorsi aktar xierqa, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri speċjali mhux previsti fid-dokumenti ta' programmazzjoni.

5. Jistgħu jintużaw pjanijiet ta' azzjoni annwali jew pluriennali u miżuri individwali biex jiġu implimentati l-azzjonijiet ta' rispons rapidu msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 4(4).

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' għajnuna eċċezzjonali għal azzjonijiet ta' rispons rapidu kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 4(4).

Miżura ta' assistenza eċċezzjonali jista' jkollha tul sa 18-il xahar, li jista' jiġi estiż darbtejn b'perijodu ieħor li ma jaqbiżx is-sitt xhur, sa żmien massimu ta' 30 xahar, fil-każ ta' ostakli oġġettivi u mhux mistennija għall-implimentazzjoni tagħha, dment li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-ammont finanzjarju tal-miżura.

F'każijiet ta' kriżijiet u konflitti fit-tul, il-Kummissjoni tista' tadotta t-tieni miżura ta' għajnuna eċċezzjonali ta' durata sa 18-il xahar. F'każijiet debitament ġustifikati jistgħu jiġu adottati miżuri ulterjuri fejn il-kontinwità tal-azzjoni tal-Unjoni tkun essenzjali u ma tistax tiġi żgurat b'mezzi oħra.

Artikolu 24

Miżuri ta' sostenn

1. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jkopri n-nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrument u għat-twettiq tal-objettivi tiegħu, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat mal-attivitajiet ta' tħejjija, segwitu, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni meħtieġa għal dik l-implimentazzjoni, kif ukoll in-nefqa fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fuq l-appoġġ amministrattiv u ta' koordinazzjoni meħtieġ għall-Istrument, u l-ġestjoni tal-operazzjonijiet iffinanzjati skont l-Istrument, inkluż l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni u s-sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

2. Fejn in-nefqa ta' appoġġ ma tkunx inkluża fil-pjanijiet ta' azzjoni jew fil-miżuri msemmija fl-Artikolu 23, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' appoġġ, fejn xieraq. Il-finanzjament tal-Unjoni skont il-miżuri ta' appoġġ jista' jkopri:

   (a) studji, laqgħat, informazzjoni, sensibilizzazzjoni, taħriġ, tħejjija u skambju tat-tagħlimiet miksuba u tal-aħjar prattiki, attivitajiet ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe nefqa amministrattiva u ta' għajnuna teknika oħra meħtieġa għall-programmazzjoni u l-ġestjoni ta' azzjonijiet, inkluż esperti esterni remunerati;

(b) attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u studji dwar kwistjonijiet rilevanti u d-disseminazzjoni tagħhom;

(c) nefqa relatata mal-forniment ta' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji ta' komunikazzjoni u l-komunikazzjoni u l-viżibbiltà korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni.

Artikolu 25

Adozzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni u tal-miżuri

1. Pjanijiet ta' azzjoni u miżuri għandhom jiġu adottati permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).

2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun meħtieġa għal:

(a) miżuri individwali li għalihom il-finanzjament tal-Unjoni ma taqbiżx l-EUR 5 000 000;

(b) miżuri speċjali u ta' appoġġ kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni adottati sabiex jiġu implimentati azzjonijiet ta' rispons rapidu li għalihom il-finanzjament tal-Unjoni ma jaqbiżx l-EUR 10 000 000;

(c) il-miżuri ta' assistenza eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 23(4) li għalihom il-finanzjament tal-Unjoni ma jaqbiżx EUR 20 000 000;

(d) emendi tekniċi għall-pjanijiet ta' azzjoni u miżuri, dment li dawk l-emendi ma jaffettwawx b'mod sostanzjali l-għanijiet tal-pjan ta' azzjoni jew tal-miżura kkonċernata, bħalma huma:

(i) bidla fil-metodu tal-implimentazzjoni;

(ii) estensjonijiet tal-perijodu tal-implimentazzjoni;

(iii) tqassim mill-ġdid tal-fondi bejn l-azzjonijiet kontenuti fi pjan ta' azzjoni;

(iv) żidiet jew tnaqqis tal-baġit tal-pjanijiet ta' azzjoni u tal-miżuri b'mhux aktar minn 20 % tal-baġit inizjali u li ma jaqbżux l-EUR 10 000 000.

Fil-każ ta' pjanijiet ta' azzjoni u miżuri pluriennali, il-livelli limiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) u punt (d)(iv) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandhom ikunu applikabbli fuq bażi annwali.

Meta jiġu adottati skont dan il-paragrafu, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri, ħlief il-miżuri ta' assistenza eċċezzjonali u l-emendi tekniċi, għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri permezz tal-kumitat rilevanti msemmi fl-Artikolu 45 fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

3. Qabel l-adozzjoni jew l-estensjoni ta' miżuri ta' assistenza eċċezzjonali li ma jaqbżux l-EUR 20 000 000, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar in-natura u l-objettivi tagħhom u tal-ammonti finanzjarji previsti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qabel ma tagħmel bidliet sostantivi sinifikanti f'miżuri ta' assistenza eċċezzjonali diġà adottati. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont tal-approċċ ta' politika rilevanti għall-ippjanar u l-implimentazzjoni sussegwenti ta' tali miżuri, fl-interess tal-konsistenza tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

4. Fejn raġunijiet imperattivi ta' urġenza, debitament iġġustifikati, bħal kriżijiet, inklużi diżastri naturali jew magħmula mill-bniedem jew theddid immedjat għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem jew il-libertajiet fundamentali jirrikjedu dan, il-Kummissjoni tista' tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri, bħal atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 45(4).

5. Għandu jitwettaq skrutinju ambjentali xieraq, fil-livell tal-azzjonijiet, inkluż għall-impatti fuq it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, f'konformità mal-atti leġiżlattivi applikabbli tal-Unjoni, inkluż id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE[2], li jinkludi, fejn applikabbli, valutazzjoni tal-impatt ambjentali, inkluż l-impatt fuq it-tibdil fil-klima, l-ekosistemi u l-bijodiversità, għal azzjonijiet ta' sensittività ambjentali, b'mod partikolari għal infrastruttura ġdida maġġuri.

Valutazzjonijiet *ex-ante* xierqa oħra li huma proporzjonati għall-objettivi u l-ammonti tal-azzjonijiet u l-miżuri previsti għandhom jitwettqu, biex jiġu ddeterminati l-implikazzjonijiet u r-riskji possibbli ta’ dawk l-azzjonijiet u miżuri fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, l-aċċess għar-riżorsi naturali bħall-art, u l-istandards soċjali inkluż fil-forma ta' valutazzjonijiet tal-impatt għal azzjonijiet u miżuri maġġuri li huma mistennija li jkollhom impatt sinifikanti fuq dawk l-oqsma.

Fejn rilevanti, għandhom jintużaw valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi, inkluż l-impatt fuq it-tibdil fil-klima, fl-implementazzjoni ta' programmi settorjali. Għandhom jiġu żgurati l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-valutazzjonijiet ambjentali u l-aċċess pubbliku għar-riżultati ta' tali valutazzjonijiet.

---

1 Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (kodifikazzjoni) (ĠU L 26, 28.1.2012, p.1).

2 Id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40).

Artikolu 26

Metodi ta' kooperazzjoni

1. Kif previst mir-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha timplimenta l-finanzjament taħt l-Istrument - jew direttament mill-Kummissjoni, jew permezz ta’ delegazzjonijiet tal-Unjoni jew ta’ aġenziji eżekuttivi, jew indirettament permezz ta' kwalunkwe waħda mill-entitajiet elenkati fil-punt (c) tal-Artikolu 62(1) ta’ dak ir-Regolament.

2. Il-finanzjament skont l-Istrument jista' jiġi pprovdut ukoll permezz ta' kontribuzzjonijiet għal fondi internazzjonali, reġjonali jew nazzjonali, bħal dawk stabbiliti jew ġestiti mill-BEI, mill-Istati Membri, mill-pajjiżi sħab u r-reġjuni, minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew minn donaturi oħra.

3. L-entitajiet elenkati fil-punt (c) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju u kontropartijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 35(4) ta' dan ir-Regolament għandhom jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont l-Artikolu 155 tar-Regolament Finanzjarju annwalment. Ir-rekwiżiti ta' rapportar għal kwalunkwe waħda minn dawk l-entitajiet huma stipulati fil-ftehim qafas ta' sħubija finanzjarja, fil-ftehim ta' kontribuzzjoni, fil-ftehim dwar il-garanziji baġitarji jew fil-ftehim ta' finanzjament.

4. L-azzjonijiet iffinanzjati skont l-Istrumenti jistgħu jiġu implimentati permezz ta' kofinanzjament parallel jew konġunt.

5. Fil-każ ta' kofinanzjament parallel, azzjoni tinqasam f'għadd ta' komponenti identifikabbli b'mod ċar li kull wieħed minnhom huwa ffinanzjat mis-sħab differenti li jipprovdu l-kofinanzjament b'tali mod li dejjem jista' jiġu identifikat l-użu finali tal-finanzjament u li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-finanzjament.

6. F'każ ta' kofinanzjament konġunt, il-kost totali ta' azzjoni għandu jinqasam bejn is-sħab li jipprovdu l-kofinanzjament u r-riżorsi jinġabru flimkien b'tali mod li ma jibqax possibbli li jiġi identifikat is-sors ta' finanzjament għal kwalunkwe attività partikolari mwettqa bħala parti mill-azzjoni.

7. Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha tista' tieħu l-forma, ta', pereżempju:

   (a) arranġamenti triangolari li permezz tagħhom l-Unjoni tikkoordina ma' pajjiżi terzi l-finanzjament tagħha ta' għajnuna lil pajjiż sieħeb jew reġjun;

(b) miżuri ta' kooperazzjoni amministrattiva u teknika, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, inkluż biex jiġu kondiviżi esperjenzi tal-implimentazzjoni ta' tranżizzjoni jew ta' riforma tal-Istati Membri, bħall-kooperazzjoni deċentralizzata permezz ta' sħubiji jew ġemellaġġ, bejn istituzzjonijiet pubbliċi, inkluż awtoritajiet lokali, korpi tal-liġi pubblika jew entitajiet tad-dritt privat responsabbli mill-kompiti ta' servizz pubbliku ta' Stat Membru u dawk ta' pajjiż sieħeb jew reġjun, kif ukoll miżuri ta' kooperazzjoni li jinvolvu esperti tas-settur pubbliku mibgħuta mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom;

(c) kontribuzzjonijiet għall-kostijiet meħtieġa għall-istabbiliment u l-amministrazzjoni ta' sħubija pubblika-privata, inkluż dawk għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ indipendenti tagħhom, kull fejn ikun possibbli minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(d) programmi ta' appoġġ għall-politika tas-settur li permezz tagħhom l-Unjoni tipprovdi appoġġ għal programm tas-settur tal-pajjiż sieħeb;

(e) kontribuzzjonijiet għall-kost tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi fi programmi tal-Unjoni, u għall-azzjonijiet implimentati mill-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, kif ukoll għal korpi jew persuni responsabbli mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V TUE.

Artikolu 27

Forom ta' finanzjament tal-Unjoni

1. Finanzjament tal-Unjoni jista' jiġi pprovdut permezz tat-tipi ta' finanzjament previsti mir-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari:

(a) għotjiet;

(b) kuntratti ta' akkwist għal servizzi, provvisti jew xogħlijiet;

(c) appoġġ baġitarju;

(d) kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji stabbiliti mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 234 tar-Regolament Finanzjarju;

(e) strumenti finanzjarji;

(f) garanziji baġitarji;

(g) operazzjonijiet ta' taħlit;

(h) ħelsien mid-dejn fil-kuntest ta' programm miftiehem internazzjonalment dwar il-ħelsien mid-dejn;

(i) għajnuna finanzjarja;

(j) esperti esterni b'remunerazzjoni.

2. Fil-ħidma mal-partijiet ikkonċernati tal-pajjiżi sħab bħal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u awtoritajiet lokali, il-Kummissjoni għandha tieħu kont tal-ispeċifiċitajiet tagħhom, inkluż il-ħtiġijiet tagħhom u l-kuntest rilevanti, meta tiddefinixxi l-modalitajiet ta' finanzjament, it-tip ta' kontribuzzjoni, il-modalitajiet tal-għotja u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għall-ġestjoni ta' għotjiet, bil-ħsieb li jinkiseb u li jingħata l-aħjar rispons għall-firxa l-aktar wiesgħa possibbli ta' tali partijiet ikkonċernati. Għandhom jiġu inkoraġġuti modalitajiet speċifiċi f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, bħal ftehimiet ta' sħubija, awtorizzazzjonijiet ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, għoti dirett jew sejħiet għal proposti ristretti għall-eliġibbiltà, jew somom f'daqqa, kostijiet unitarji u finanzjament b'rata fissa kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-kostijiet kif previst fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

3. Minbarra l-każijiet imsemmija fl-Artikolu 195 tar-Regolament Finanzjarju, il-proċedura ta' għoti dirett tista' tintuża għal:

(a) għotjiet ta' valur baxx għal difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex jiffinanzjaw azzjonijiet u ħtiġijiet ta' protezzjoni urġenti, inkluż permezz ta' mekkaniżmi għall-protezzjoni ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju, kif ukoll għal medjaturi u atturi oħra tas-soċjetà ċivili involuti fi kriżi u konflitt armat relatati mad-djalogu, ir-riżoluzzjoni ta' konflitti, ir-rikonċiljazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-paċi, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa għall-kofinanzjament;

(b) għotjiet, fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament, biex jiffinanzjaw azzjonijiet fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli fejn ma tkunx xierqa l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti, inkluż sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas serju ta' libertajiet fundamentali, inkluż ksur tad-drittijiet tal-bniedem, theddid għall-istituzzjonijiet demokratiċi, eskalazzjoni ta' kriżi jew konflitt armat, fejn is-sigurtà tal-bniedem tkun l-aktar f'riskju jew fejn organizzazzjonijiet u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, medjaturi u atturi oħra tas-soċjetà ċivili involuti fi djalogu relatat ma' kriżi u konflitt armat, ir-rikonċiljazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-paċi joperaw fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli; tali għotjiet ma għandhomx jaqbżu EUR 1 000 000 u d-durata tagħhom ma għandhiextkun ta’ aktar minn 18-il xahar, li tista' tiġi estiża bi 12-il xahar ulterjuri f'każ ta' ostakli oġġettivi u mhux previsti għall-implementazzjoni tagħhom;

(c) għotjiet lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll lill-Kampus Globali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liċ-Ċentru Inter-Universitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, u n-network assoċjat tiegħu ta' universitajiet li jipprovdu diplomi postgraduate dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż boroż ta' studju lil studenti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn pajjiżi terzi;

(d) għotjiet ta' valur baxx lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jużaw, sa fejn possibbli, forom simplifikati ta' finanzjament f'konformità mal-Artikolu 125 tar-Regolament Finanzjarju.

L-appoġġ baġitarju, inkluż permezz ta' kuntratti ta' prestazzjoni tar-riforma settorjali, għandu jkun ibbażat fuq is-sjieda tal-pajjiż, l-akkontabbiltà reċiproka u l-impenn ta' pajjiżi sħab, filwaqt li jittieħed kont tar-rekord u l-progress tagħhom fir-rigward tal-valuri universali, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubiji bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab. Huwa għandu jinkludi djalogu dwar il-politika msaħħaħ, tisħiħ tal-kapaċitajiet u governanza mtejba, li jikkomplementa l-isforzi tas-sħab biex jiġbru aktar u biex jonfqu aħjar sabiex jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, u l-ħolqien tal-impjiegi deċenti, inkluż għaż-żgħażagħ, il-qerda tal-faqar, it-tnaqqis tal-inugwaljanza, u jibnu u jikkonsolidaw id-demokraziji u s-soċjetajiet paċifiċi. L-appoġġ baġitarju għandu jikkontribwixxi wkoll għall-inugwaljanza bejn il-ġeneri.

Kwalunkwe deċiżjoni biex tipprovdi l-appoġġ baġitarju għandha tkun ibbażata fuq politiki ta' appoġġ baġitarju miftiehma mill-Unjoni, sett ċar ta' kriterji ta' eliġibbiltà u valutazzjoni bir-reqqa tar-riskji u tal-benefiċċji.

4. L-appoġġ baġitarju għandu jiġi differenzjat b'tali mod li jwieġeb aħjar għall-kuntest politiku, ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-pajjiż sieħeb, filwaqt li jittieħed kont tas-sitwazzjonijiet ta' fraġilità.

Meta tipprovdi appoġġ baġitarju f'konformità mal-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar u timmonitorja l-kriterji għal kondizzjonalità tal-appoġġ baġitarju, inkluż il-progress fir-riformi u t-trasparenza, u għandha tappoġġa l-iżvilupp ta' kontroll parlamentari, il-kapaċitajiet nazzjonali ta' awditjar u ż-żieda fit-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.

5. L-iżborż tal-appoġġ baġitarju għandu jkun ibbażat fuq l-indikaturi li juru li jkun qed isir progress sodisfaċenti biex jitwettqu l-objettivi miftiehma mal-pajjiż sieħeb.

6. F'konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 193(2) tar-Regolament Finanzjarju, fil-każijiet debitament ġustifikati speċifikati fid-deċiżjoni dwar il-finanzjament, l-attivitajiet appoġġati skont l-Istrument u l-kostijiet sottostanti li ngarrbu fl-2021 jistgħu jitqiesu eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2021, saħansitra jekk dawk l-attivitajiet ikunu ġew implimentati u dawk il-kostijiet ikunu ġew imġarrba qabel ma ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal għotja.

7. L-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji u l-operazzjonijiet ta' taħlit skont l-Istrument għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 209(1) tar-Regolament Finanzjarju u kull meta possibbli taħt it-tmexxija tal-BEI, istituzzjoni ta' finanzjament Ewropea multilaterali, bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, jew istituzzjoni ta' finanzjament Ewropea bilaterali, bħal banek tal-iżvilupp, possibbilment magħquda ma' forom oħra addizzjonali ta' appoġġ finanzjarju, kemm mill-Istati Membri kif ukoll minn partijiet terzi.

Il-kontribuzzjonijiet għal strumenti finanzjarji skont l-Istrument jistgħu jsiru mill-Istati Membri kif ukoll minn kwalunkwe entità msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju.

8. L-istrumenti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 7 jistgħu jinġabru f'faċilitajiet għall-finijiet tal-implimentazzjoni u tar-rapportar.

9. Il-finanzjament tal-Unjoni ma għandux jiġġenera jew jattiva l-ġbir ta' taxxi, dazji jew imposti speċifiċi.

10. Taxxi, dazji u imposti debitati mill-pajjiżi sħab jistgħu jkunu eliġibbli għall-finanzjament skont l-Istrument.

Artikolu 28

Persuni u entitajiet eliġibbli

1. Il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist, ta' għotjiet u ta' għoti ta' premjijiet għall-azzjonijiet iffinanzjati skont programmi ġeografiċi u skont il-programm tematiku tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u l-programm tematiku tal-Isfidi Dinjija għandha tkun miftuħa għal organizzazzjonijiet internazzjonali u għall-entitajiet ġuridiċi l-oħra kollha, inkluż organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li huma ċittadini tal-pajjiżi li ġejjin, u fil-każ ta' persuni ġuridiċi, li huma wkoll effettivament stabbiliti fihom:

(a) L-Istati Membri, il-benefiċjarji elenkati fl-Anness rilevanti tar-Regolament IPA III u l-partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea;

(b) Pajjiżi sħab tal-viċinat u l-Federazzjoni Russa meta l-proċedura rilevanti sseħħ fil-kuntest tal-programmi msemmija fl-Anness I li tipparteċipa fihom;

(c) pajjiżi u territorji li qed jiżviluppaw, kif inklużi fil-lista ta' riċevituri tal-ODA, ippubblikata mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD, li mhumiex membri tal-grupp G-20, u pajjiżi u territorji extra-Ewropej;

(d) pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif inklużi fil-lista ta' riċevituri tal-ODA, li huma membri tal-grupp G-20, u pajjiżi u territorji oħra, meta l-proċedura rilevanti sseħħ fil-kuntest ta' azzjoni ffinanzjata mill-Unjoni taħt l-Istrument li jipparteċipaw fiha;

(e) pajjiżi li għalihom ikun stabbilit aċċess reċiproku għall-finanzjament estern mill-Kummissjoni; dak l-aċċess jista' jingħata, għal perijodu limitat ta' mill-inqas sena, kull meta pajjiż jagħti l-eliġibbiltà fuq termini ugwali lil entitajiet mill-Unjoni u minn pajjiżi eliġibbli skont l-Istrument; il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-aċċess reċiproku u dwar id-durata tiegħu wara konsultazzjoni mal-pajjiż jew il-pajjiżi riċevituri kkonċernati;

(f) membri sħab tal-OECD, fil-każ ta' kuntratti implimentati f'wieħed mil-LDCs jew f'pajjiż fqir b'ħafna dejn, kif inkluż fil-lista ta' riċevituri tal-ODA.

2. Mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet inerenti fin-natura u l-objettivi tal-azzjoni, il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' akkwist, għotja u għoti ta' premjijiet għall-azzjonijiet iffinanzjati skont il-programm tematiku tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-programm tematiku tad-Demokrazija u tal-Istabbiltà u tal-Paċi kif ukoll azzjonijiet ta' rispons rapidu, għandha tkun miftuħa mingħajr limitazzjonijiet.

3. Il-provvisti u l-materjali kollha ffinanzjati skont l-Istrument jistgħu joriġinaw minn kwalunkwe pajjiż.

4. Ir-regoli ta' eliġibbiltà stipulati f'dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw, u ma għandhomx joħolqu restrizzjonijiet ta' nazzjonalità għal persuni fiżiċi impjegati jew b'xi mod ieħor ikkuntrattati legalment minn kuntrattur eliġibbli jew, fejn applikabbli, minn subkuntrattur.

5. Għall-azzjonijiet kofinanzjati konġuntament minn entità, jew implimentati b'ġestjoni diretta jew indiretta ma' entitajiet kif imsemmi fil-punti minn (c)(ii) sa (viii) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju, għandhom japplikaw ukoll ir-regoli ta' eliġibbiltà ta' dawk l-entitajiet.

6. Fejn id-donaturi jipprovdu finanzjament għal fond fiduċjarju stabbilit mill-Kummissjoni jew permezz ta' dħul assenjat estern, għandhom japplikaw ir-regoli ta' eliġibbiltà fl-att kostituttiv tal-fond fiduċjarju jew, fil-każ ta' dħul assenjat estern, fil-ftehim mad-donatur.

7. Fil-każ ta' azzjonijiet iffinanzjati skont l-Istrument u taħt programm ieħor tal-Unjoni, l-entitajiet eliġibbli skont xi wieħed minn dawk il-programmi tal-Unjoni għandhom jitqiesu bħala eliġibbli.

8. Fil-każ ta' azzjonijiet minn diversi pajjiżi, l-entitajiet ġuridiċi li jkunu ċittadini ta', u fl-każ ta' persuni ġuridiċi, li jkunu wkoll effettivament stabbiliti fil-pajjiżi u t-territorji koperti mill-azzjoni, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli.

9. Ir-regoli tal-eliġibbiltà stabbiliti f’dan l-Artikolu jistgħu jkunu ristretti fir-rigward tan-nazzjonalità, il-pożizzjoni ġeografika jew in-natura tal-applikanti, fejn tali restrizzjonijiet ikunu meħtieġa min-natura u l-objettivi speċifiċi tal-azzjoni u fejn ikunu neċessarji għall-implimentazzjoni effettiva tagħha.

10. Offerenti, applikanti u kandidati minn pajjiżi mhux eliġibbli jistgħu jiġu aċċettati bħala eliġibbli f'każ ta' urġenza jew in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' servizzi fis-swieq tal-pajjiżi jew it-territorji kkonċernati, jew f'każijiet debitament sostanzjati oħra fejn l-applikazzjoni tar-regoli ta' eliġibbiltà tirrendi t-twettiq ta' azzjoni impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

11. Sabiex jiġu promossi kapaċitajiet, swieq u xiri lokali, fejn ir-Regolament Finanzjarju jipprevedi għotja fuq il-bażi ta' offerta waħda, għandha tingħata prijorità lill-kuntratturi lokali u reġjonali. Fil-każijiet l-oħra kollha, il-parteċipazzjoni ta' kuntratturi lokali u reġjonali għandha tiġi promossa f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak ir-Regolament. Għandhom jiġu promossi l-kriterji tas-sostenibbiltà u d-diliġenza dovuta.

12. Skont il-programm tematiku tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, kwalunkwe entità li ma tkunx koperta mid-definizzjoni ta' entità ġuridika fil-punt 6 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 għandha tkun eliġibbli meta dan ikun neċessarju biex issir ħidma fl-oqsma ta' intervent ta' dan il-programm.

Artikolu 29

Attivitajiet esklużi

Il-finanzjament tal-Unjoni skont l-Istrument ma għandux jappoġġa azzjonijiet jew miżuri li:

(a) jistgħu jirriżultaw fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi sħab;

(b) huma inkompatibbli mal-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC, *Nationally Determined Contribution*) tal-pajjiż riċevitur taħt il-Ftehim ta' Pariġi, jew li jippromwovu investimenti fil-karburanti fossili, jew li, skont l-iskrinjar ambjentali u l-valutazzjoni tal-impatt, jikkawżaw effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent jew il-klima, sakemm tali azzjonijiet jew miżuri ma jkunux strettament meħtieġa biex jitwettqu l-objettivi tal-Istrument u jkunu akkumpanjati minn miżuri xierqa biex jevitaw, jipprevjenu jew inaqqsu u, jekk possibbli, jikkumpensaw dawn l-effetti, inkluż appoġġ biex jiġu eliminati gradwalment is-sussidji għall-karburanti fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

Artikolu 30

Riporti, pagamenti akkont annwali, approprjazzjonijiet ta' impenn, pagamenti mill-ġdid u dħul iġġenerat minn strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji

1. Minbarra l-Artikolu 12(4) tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li ma jintużawx skont l-Istrument għandhom jiġu riportati b'mod awtomatiku u jistgħu jiġu impenjati u użati, rispettivament, sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja ta' wara. L-ammont riportat għandu jintuża l-ewwel fis-sena finanzjarja ta' wara.

   Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' impenn riportati skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Minn barra r-regoli stipulati fl-Artikolu 15 tar-Regolament Finanzjarju dwar li l-approprjazzjonijiet jerġgħu isiru disponibbli, l-approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammont ta' diżimpenji magħmula b'riżultat tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali ta' azzjoni skont l-Istrument, għandhom jerġgħu jsiru disponibbli għall-benefiċċju tal-linja baġitarja tal-oriġini.

3. L-impenji baġitarji għall-azzjonijiet li jkunu ta' aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq diversi snin f'pagamenti akkont annwali, skont l-Artikolu 112(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 114(2) tar-Regolament Finanzjarju ma għandux japplika għall-azzjonijiet pluriennali msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja b'mod awtomatiku kwalunkwe porzjon ta' impenn baġitarju għal azzjoni li, sal-31 ta' Diċembru tal-ħames sena wara dik tal-impenn baġitarju, ma jkunx intuża għall-fini ta' prefinanzjament jew biex isiru pagamenti interim, jew li għalih ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda dikjarazzjoni ċertifikata tan-nefqa jew l-ebda talba għall-pagament.

Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal pagamenti akkont annwali.

4. B'deroga mill-Artikolu 209(3) tar-Regolament Finanzjarju, ir-ripagamenti u d-dħul iġġenerati minn strument finanzjarju u garanziji baġitarji għandhom jiġu assenjati lil-linja baġitarja tal-oriġini bħala dħul assenjat intern wara li jitnaqqsu l-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni. Kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha teżamina l-kontribut li jkun sar biex jitwettqu l-objettivi tal-Unjoni permezz tal-istrumenti finanzjarji eżistenti u l-effikaċja tal-istrumenti finanzjarji eżistenti.

Kapitolu IV
EFSD+, il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi

Artikolu 31

Kamp ta' applikazzjoni u finanzjament

1. Il-pakkett finanzjarju msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu (6)(2) għandu jkopri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

2. L-għan tal-EFSD+ bħala pakkett finanzjarju integrat li jipprovdi kapaċità finanzjarja fil-forma ta' għotjiet, assistenza teknika, strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji u operazzjonijiet ta' taħlit imsemmija fl-Artikolu 27(1) ta' dan ir-Regolament għandu jkun li jappoġġa l-investimenti u jżid l-aċċess għall-finanzjament, bħala mezz li jikkontribwixxi għat-twettiq tal-objettivi u tal-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikoli 3 u 8 ta' dan ir-Regolament, u, fejn rilevanti, tal-objettivi ta' tar-Regolament IPA III filwaqt li jimmassimizza l-addizzjonalità u l-impatt tal-iżvilupp u jwassal għal prodotti innovattivi, inkluż lill-SMEs.

B'mod partikolari, l-EFSD+ għandu jrawwem żvilupp ekonomiku, ambjentali u soċjali sostenibbli u inklużiv, tranżizzjoni għal ekonomija b'valur miżjud sostenibbli u ambjent stabbli ta' investiment. Għandu wkoll jippromwovi reżiljenza soċjo-ekonomika u ambjentali fil-pajjiżi sħab b'enfasi partikolari fuq il-qerda tal-faqar. L-EFSD+ għandu b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjo-ekonomiċi, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ambjent, il-ħolqien ta' impjiegi deċenti abbażi tal-istandards fundamentali tax-xogħol tal-ILO, l-opportunitajiet ekonomiċi, il-ħiliet u l-intraprenditorija, is-setturi soċjo-ekonomiċi, inkluż l-intrapriżi soċjali u l-kooperattivi, l-SMEs, il-konnettività sostenibbli, l-appoġġ għal gruppi vulnerabbli, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u taż-żgħażagħ, kif ukoll jindirizza l-kawżi fundamentali soċjo-ekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari u l-kawżi fundamentali tal-ispostament furzat, f'konformità mal-oqsma ta' prijorità deskritti fl-Anness V u mad-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva rilevanti.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil pajjiżi identifikati bħala li jinsabu f'sitwazzjoni ta' fraġilità jew konflitt, lil-LDCs u lil pajjiżi foqra b'ħafna dejn, inkluż billi jingħataw appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali, għall-governanza ekonomika u l-assistenza teknika.

3. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tappoġġa l-operazzjonijiet tal-EFSD+ koperti mill-garanziji baġitarji f'konformità mal-Artikoli 32 sa 39 ta' dan ir-Regolament. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tappoġġa wkoll l-assistenza makrofinanzjarja u s-self lill-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (Euratom) 2021/…[+] .

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 12568/20 [2018/0245(COD)].

4. Skont il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, l-Unjoni tista' tiggarantixxi operazzjonijiet, skont il-ftehimiet ta' Garanzija ffirmati bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027, sa EUR 53 449 000 000.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 44 biex jiġi emendat l-ammont massimu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna sa 20 %.

5. Ir-rata ta' proviżjonament għandha tvarja bejn 9 % u 50 % skont it-tip ta' operazzjonijiet.

Ammont massimu ta' EUR 10 000 000 000 mill-baġit tal-Unjoni jista' jintuża għall-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex jiġi emendat dan l-ammont massimu biex jiġi żgurat li l-ammont ta' proviżjonament jirrifletti l-ammont u r-rati ta' proviżjonament għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, filwaqt li jittieħed kont tat-tip ta' operazzjonijiet garantiti.

Ir-rata ta' proviżjonament għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tkun ta' 9 % għall-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni u għall-garanziji baġitarji li jkopru r-riskji sovrani assoċjati mal-operazzjonijiet ta' self.

Ir-rati ta' proviżjonament għandhom jiġu rieżaminati mill-inqas kull tliet snin mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament stipulata fl-Artikolu 51. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex jiġu emendati r-rati ta’ proviżjonament.

6. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha titqies bħala garanzija unika fil-fond komuni ta' proviżjonament stabbilit mill-Artikolu 212 tar-Regolament Finanzjarju.

7. L-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jistgħu jappoġġaw operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment f'pajjiżi sħab fiż-żoni ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 4(2). Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-programmi ġeografiċi rilevanti stabbiliti mill-punt (a) tal-Artikolu 6(2) u għandu jiġi ttrasferit fil-fond komuni ta' proviżjonament. L-EFSD+ u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna jistgħu jappoġġaw ukoll operazzjonijiet fil-benefiċjarji elenkati fl-Anness rilevanti tar-Regolament IPA III. Il-finanzjament għal dawk l-operazzjonijiet taħt l-EFSD+ u għall-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandu jiġi ffinanzjat mir-Regolament IPA III. Il-proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għal self lil pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (Euratom) 2021/…[+] għandu jiġi ffinanzjat minn dak ir-Regolament.

8. Il-proviżjonament imsemmi fl-Artikolu 211(2) tar-Regolament Finanzjarju għandu jiġi kostitwit abbażi tal-obbligazzjonijiet totali tal-Unjoni awtorizzati skont dan ir-Regolament. L-ammont annwali ta' proviżjonament meħtieġ jista' jiġi kostitwit matul perijodu li ma jeċċedix is-seba' snin. Il-proviżjonament ta' garanziji awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2017/1601 u tal-garanziji, l-assistenza finanzjarja u s-self tal-Euratom lil pajjiżi terzi awtorizzati skont l-atti bażiċi li l-proviżjonament tagħhom ikun irregolat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009, għandu jkompli jsegwi d-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-Regolamenti.

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 12568/20 [2018/0245(NLE)].

9. L-assi netti fil-...[ĠU: daħħal id-data tal-aħħar jum tax-xahar wara x-xahar tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD u tal-Fond ta' garanzija għall-azzjonijiet esterni stabbiliti mir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009, rispettivament, għandhom jiġi ttrasferiti fil-fond komuni ta' proviżjonament għall-fini ta' proviżjonament tal-garanziji baġitarji awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2017/1601 u l-garanziji, l-assistenza finanzjarja u s-self tal-Euratom lil pajjiżi terzi awtorizzati skont l-atti bażiċi li l-proviżjonament tagħhom ikun irregolat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009.

Artikolu 32

Struttura tal-EFSD+

1. L-EFSD+ għandu jkun magħmul minn pjattaformi ta' investiment reġjonali fiż-żoni reġjonali stipulati fl-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament u fir-Regolament IPA III u stabbiliti abbażi tal-metodi ta' ħidma, il-proċeduri u l-istrutturi tal-faċilitajiet esterni ta' taħlit eżistenti tal-Unjoni, li jistgħu jikkombinaw l-operazzjonijiet ta' taħlit tagħhom u l-operazzjonijiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna skont il-EFSD+.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-ġestjoni tal-EFSD+.

Artikolu 33

Il-bord strateġiku tal-EFSD+

1. Għall-finijiet li tiżgura l-ġestjoni tal-EFSD+, il-Kummissjoni għandha tingħata pariri minn bord strateġiku (il-“bord strateġiku tal-EFSD+”), ħlief fil-każ tal-operazzjonijiet li jkopru l-benefiċjarji tal-Balkani tal-Punent elenkati fl-Anness rilevanti tar-Regolament IPA III, li għandu jkollhom il-bord strateġiku speċifiku tagħhom.

2. Il-bord strateġiku tal-EFSD+ għandu jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-orjentazzjoni strateġiku u l-prijoritajiet ta' investimenti tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+, inkluż għat-twieqi ta’ investiment imsemmija fl-Artikolu 36, u jikkontribwixxi għall-allinjament tagħhom mal-prinċipji gwida u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, tal-politika tal-iżvilupp, tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, kif ukoll mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u mal-għan tal-EFSD+ kif stabbilit fl-Artikolu 31. Il-bord strateġiku tal-EFSD+ għandu jappoġġa wkoll lill-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' miri ġenerali tal-investiment fir-rigward tal-użu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna biex jiġu appoġġati l-operazzjonijiet tal-EFSD+ u tiġi monitorjata kopertura ġeografika u tematika xierqa u diversifikata għat-twieqi ta' investiment.

3. Il-bord strateġiku tal-EFSD+ għandu jappoġġa wkoll il-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza ġenerali bejn il-pjattaformi ta' investiment reġjonali, bejn it-tliet pilastri tal-Pjan ta' Investiment Estern, bejn il-Pjan ta' Investiment Estern u l-isforzi l-oħra tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, inkluż il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll ma' programmi esterni tal-Unjoni u strumenti ta' finanzjament.

4. Il-bord strateġiku tal-EFSD+ għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli, tal-Istati Membri kollha u tal-BEI. Il-Parlament Ewropew għandu jkollu status ta' osservatur. Il-kontributuri, il-kontropartijiet eliġibbli, il-pajjiżi sħab, l-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti u l-partijiet ikkonċernati l-oħra, jistgħu jingħataw status ta' osservatur, fejn xieraq. Il-bord strateġiku tal-EFSD+ għandu jiġi konsultat qabel l-inklużjoni ta' kwalunkwe osservatur ġdid. Il-bord strateġiku tal-EFSD+ għandu jkun kopresedut mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli.

5. Il-bord strateġiku tal-EFSD+ għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena u, fejn possibbli, jadotta opinjonijiet b'kunsens. Laqgħat addizzjonali jistgħu jiġu organizzati fi kwalunkwe ħin mill-president jew fuq it-talba ta' terz tal-membri tiegħu. Fejn ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, għandhom japplikaw id-drittijiet tal-vot kif maqbula matul l-ewwel laqgħa tal-bord strateġiku tal-EFSD+ u stipulat fir-regoli ta' proċedura tiegħu. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu l-qafas rigward ir-rwol ta' osservaturi. Il-minuti u l-aġendi tal-laqgħat tal-bord strateġiku tal-EFSD+ għandhom, wara l-adozzjoni tagħhom, isiru pubbliċi.

6. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-bord strateġiku tal-EFSD+ dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-EFSD+. Il-bord strateġiku li jkopri l-Balkani tal-Punent għandu jinforma dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-istrument ta' garanzija għal dak ir-reġjun biex jikkomplementa r-rapportar imsemmi hawn fuq. Il-bordijiet strateġiċi għandhom jeżaminaw ir-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 42(5) u għandu jieħu kont tagħhom.

Il-bord strateġiku tal-EFSD+ għandu jorganizza b'mod regolari konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar l-orjentazzjoni strateġika u l-implimentazzjoni tal-EFSD+.

7. L-eżistenza tal-bord strateġiku tal-EFSD+ u tal-bord strateġiku li jkopri l-Balkani tal-Punent ma għandhiex tinfluwenza l-ħtieġa li jkun hemm qafas ta' ġestjoni tar-riskju wieħed u unifikat tal-EFSD+.

8. Il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji għall-garanziji taħt l-EFSD+ għandha tieħu kont tal-objettivi u tal-prinċipji tal-Istrument. Il-metodoloġiji tal-valutazzjoni tar-riskju u tar-remunerazzjoni taħt l-EFSD+ għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti għat-twieqi kollha ta' investimenti, inkluż dawk imsemmija fl-Artikolu 36. Għandu jiġi stabbilit grupp tekniku ta' valutazzjoni tar-riskju mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-funzjoni indipendenti, imparzjali u inklużiva ta' kwalità għolja tal-grupp tekniku ta' valutazzjoni tar-riskju. Il-Kummissjoni għandha wkoll tiżgura li l-informazzjoni u l-analiżi jiġu kondiviżi f'waqthom, b'mod trasparenti u inklużiv mal-Istati Membri kollha, bir-rispett dovut għall-kunfidenzjalità. Il-kompożizzjoni, ir-regoli ta' proċedura u l-metodi ta' ħidma tal-grupp tekniku ta' valutazzjoni tar-riskju għandhom ikunu inklużivi, miftuħa għal esperti mill-BEI, għal kontropartijiet eliġibbli oħra u għal Stati Membri interessati, u għandhom jiġu ppreżentati lill-bord strateġiku tal-EFSD+. Il-Kummissjoni għandha tiżvela lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-kompożizzjoni, it-termini ta' referenza u r-regoli ta' proċedura tal-grupp tekniku ta' valutazzjoni tar-riskju u tiżgura l-imparzjalità u n-nuqqas ta' konflitt ta' interess tal-membri tiegħu.

9. Matul il-perijodu ta' applikazzjoni tal-EFSD+, il-bord strateġiku tal-EFSD+ għandu, kemm jista' jkun malajr, jadotta u jippubblika linji gwida li jistabbilixxu kif għandha tiġi żgurata l-konformità ta' operazzjonijiet tal-EFSD+ mal-għan, l-objettivi u l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti fl-Artikoli 31 u 35.

Artikolu 34

Bordijiet operazzjonali reġjonali

Il-bordijiet operazzjonali tal-pjattaformi ta' investiment reġjonali, filwaqt li jittieħed kont tal-parir tal-bord strateġiku kkonċernat u l-valutazzjonijiet tar-riskju rilevanti, għandhom jappoġġaw lill-Kummissjoni fil-livell ta' implimentazzjoni biex jiġu definiti l-miri ta' investiment reġjonali u settorjali u t-twieqi ta' investiment reġjonali, settorjali u tematiċi, u għandhom jifformulaw opinjonijiet dwar l-operazzjonijiet ta' taħlit u dwar l-użu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna li tkopri l-programmi ta' investiment propost tal-EFSD+.

Artikolu 35

Eliġibbiltà u għażla tal-operazzjonijiet u tal-kontropartijiet għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+

1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli għall-appoġġ permezz tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom ikunu konsistenti u allinjati mal-politiki tal-Unjoni, id-dokumenti ta' programmazzjoni rilevanti, kif ukoll mal-istrateġiji u l-politiki ta' pajjiżi sħab. Għandhom jappoġġaw b'mod partikolari l-objettivi, il-prinċipji ġenerali u l-qafas ta' politika tal-Istrument u, fejn rilevanti, ir-Regolament IPA III, filwaqt li jittieħed kont debitu tal-oqsma ta' prijorità stipulati fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tappoġġa l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 209(2) tar-Regolament Finanzjarju fir-rigward b'mod partikolari tal-ħtieġa li tinkiseb addizzjonalità, inkluż billi jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, l-allinjament ta' interessi tal-kontropartijiet eliġibbli, filwaqt li jiġu evitati t-tfixkil tal-kompetizzjoni, u, fejn xieraq, li jiġi massimizzat l-investiment privat, u li:

(a) jgħaddu minn evalwazzjonijiet *ex ante*, skont l-Artikolu 34 tar-Regolament Finanzjarju, li għandhom ikunu proporzjonali għall-objettivi u l-ammonti tal-operazzjonijiet previsti biex jiġu determinati l-implikazzjonijiet u r-riskji possibbli ta' dawn l-operazzjonijiet fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards ambjentali, tax-xogħol u dawk soċjali inkluż fil-forma ta' valutazzjonijiet tal-impatt għal programmi ewlenin li huma mistennija li jkollhom impatt sinifikanti fuq dawn l-oqsma, skont l-għan tal-EFSD+ stipulat fl-Artikolu 31(2) ta' dan ir-Regolament u filwaqt li jittieħed kont debitu tal-prinċipju ta' kunsens liberu u infurmat minn qabel ta' komunitajiet affettwati f'investimenti relatati mal-art;

(b) jiżguraw il-komplementarjetà fil-pilastri differenti tal-Pjan ta' Investiment Estern kif ukoll ma' inizjattivi oħra;

(c) ikunu ekonomikament u finanzjarjament vijabbli, b'kont dovut tal-appoġġ u l-kofinanzjament possibbli mis-sħab pubbliċi u privati fil-proġett, filwaqt li jittieħed kont tal-ambjent operattiv u l-kapaċitajiet speċifiċi ta' pajjiżi identifikati bħala li jinsabu f'sitwazzjoni ta' fraġilità jew konflitt, LDCs, stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp mingħajr kosta u l-pajjiżi fqar b'ħafna dejn li jistgħu jibbenefikaw minn termini aktar aġevolanti;

(d) ikunu teknikament vijabbli u jkunu sostenibbli minn perspettiva ambjentali u soċjali u jimmassimizzaw l-impatt tal-iżvilupp;

(e) ma jfixklux is-swieq fil-pajjiżi sħab u r-reġjuni u ma jikkompetux b'mod inġust ma' atturi lokali;

(f) ikunu implimentati f'konformità mal-qafas ta' politika msemmi fl-Artikolu 7, l-obbligi u l-istandards applikabbli ambjentali, soċjali u tal-liġi tax-xogħol, u linji gwida, prinċipji u konvenzjonijiet maqbula internazzjonalment dwar investimenti, b'mod partikolari dawk adottati min-NU u mill-OECD, b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll f'konformità mal-objettivi u mal-prinċipji ġenerali stipulati fl-Artikoli 3 u 8.

3. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandha tintuża biex tkopri r-riskji għall-istrumenti li ġejjin:

(a) self, inkluż self fil-munita lokali;

(b) garanziji;

(c) kontrogaranziji;

(d) strumenti tas-suq tal-kapital;

(e) kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament jew titjib tal-kreditu, assigurazzjoni, u parteċipazzjonijiet f'ekwità jew kważi ekwità.

4. Il-kontropartijiet eliġibbli għall-finijiet tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom ikunu dawk identifikati fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju, inkluż dawk minn pajjiżi sħab u pajjiżi terzi li jikkontribwixxu għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 37 ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, u b'deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju, korpi rregolati minn dritt privat ta' Stat Membru, pajjiż sieħeb jew pajjiż terz li jkun ikkontribwixxa għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna f'konformità mal-Artikolu 37 ta' dan ir-Regolament, u li jipprovdu assigurazzjoni adegwata tal-kapaċità finanzjarja tagħhom għandhom ikunu eliġibbli għall-fini tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

5. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jikkonformaw mar-regoli u l-kondizzjonijiet previsti fil-punt (c) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju. Fil-każ ta' korpi rregolati minn dritt privat ta' Stat Membru, pajjiż sieħeb jew pajjiż terz li jkun ikkontribwixxa għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna f'konformità mal-Artikolu 37 ta' dan ir-Regolament, għandha tingħata preferenza lil dawk il-korpi li jiżvelaw informazzjoni relatata mal-kriterji ambjentali, soċjali, tat-taxxa u tal-governanza korporattiva.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-użu effettiv, effiċjenti u ġust tar-riżorsi disponibbli fost il-kontropartijiet eliġibbli, inkluż il-kontropartijiet żgħar u ta' daqs medju, filwaqt li tippromwovi l-kooperazzjoni bejniethom u tieħu kont debitu tal-kapaċitajiet, il-valur miżjud u l-esperjenza tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura trattament ekwu għall-kontropartijiet eliġibbli kollha, f'konformità mal-Artikolu 27(7), u għandha tiżgura li l-konflitti ta' interess jiġu evitati matul il-perijodu ta' implimentazzjoni tal-EFSD+. Sabiex tiżgura l-komplementarjetà, il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti mill-kontropartijiet eliġibbli dwar l-operazzjonijiet tagħhom li mhumiex tal-EFSD+.

6. Il-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 219(4) tar-Regolament Finanzjarju dwar il-kontribuzzjonijiet bir-riżorsi proprji għandha tapplika għal kull kontroparti eliġibbli allokata b'garanzija baġitarja skont l-Istrument fuq bażi ta' portafoll.

7. Il-Kummissjoni għandha tagħżel il-kontropartijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 154 tar-Regolament Finanzjarju, filwaqt li tieħu kont debitu ta':

(a) il-parir tal-bordijiet operazzjonali strateġiċi u reġjonali;

(b) l-objettivi tat-tieqa ta' investiment;

(c) l-esperjenza u l-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskji tal-kontroparti eliġibbli;

(d) l-ammont ta' riżorsi proprji u addizzjonali, kif ukoll ta' kofinanzjament mis-settur privat, li l-kontroparti eliġibbli tkun lesta timmobilizza għat-tieqa ta' investiment filwaqt li jittieħed kont debitu tad-daqs tal-investiment;

(e) l-għarfien espert settorjali jew ġeografiku tal-kontropartijiet eliġibbli;

(f) il-benefiċċji tal-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn il-kontropartijiet eliġibbli.

8. Abbażi tal-programmi indikattivi pluriennali u tal-parir mogħti mill-bord strateġiku tal-EFSD+ u mill-bord strateġiku li jkopri l-Balkani tal-Punent, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-bordijiet operazzjonali reġjonali u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, għandha tistabbilixxi twieqi ta' investiment għal reġjuni jew pajjiżi sħab speċifiċi, jew it-tnejn li huma, għal setturi speċifiċi, jew għal proġetti speċifiċi jew kategoriji speċifiċi ta' benefiċjarji finali, jew it-tnejn li huma, li għandhom jiġu ffinanzjati taħt l-Istrument, li għandu jiġu koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna sa ammont fiss. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif it-twieqi ta' investiment jikkonformaw ma' dan l-Artikolu u dwar il-prijoritajiet ta' finanzjament dettaljati tagħhom. It-talbiet kollha għal appoġġ finanzjarju fit-twieqi ta' investiment għandhom isiru lill-Kummissjoni.

L-għażla ta' twieqi ta' investiment għandha tkun debitament ġustifikata minn analiżi tal-falliment tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali u valutazzjoni tal-allinjament tagħha mal-prijoritajiet ta' dan ir-Regolament u, fejn rilevanti, ir-Regolament IPA III. Il-Kummissjoni għandha twettaq dik l-analiżi f'kooperazzjoni mal-kontropartijiet u l-partijiet ikkonċernati potenzjalment eliġibbli.

Il-kontropartijiet eliġibbli jistgħu jipprovdu l-istrumenti msemmija fil-paragrafu 3 taħt tieqa ta' investiment jew proġett individwali amministrat minn kontroparti eliġibbli. Dawk l-istrumenti jistgħu jiġu pprovduti għall-benefiċċju ta' pajjiżi sħab, inkluż pajjiżi li jinsabu f'sitwazzjoni ta' fraġilità jew konflitt, jew pajjiżi li qed jiffaċċjaw sfidi fir-rikostruzzjoni u fl-irkupru wara konflitt, għall-benefiċċju ta' dawk l-istituzzjonijiet tal-pajjiżi sħab, inkluż il-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji lokali pubbliċi nazzjonali u privati tagħhom, kif ukoll għall-benefiċċju ta' entitajiet fis-settur privat, inkluż SMEs, ta' dawk il-pajjiżi sħab. Kumpaniji kkontrollati mill-militar jew mis-settur tas-sigurtà statali ma għandhomx jibbenefikaw minn dawk l-istrumenti, ħlief għal każijiet debitament ġustifikati.

9. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-operazzjonijiet appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna skont il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3, fejn possibbli tuża s-sistemi eżistenti għall-kejl tar-riżultati tal-Unjoni u tal-kontropartijiet eliġibbli. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista ta' kontroll tal-kriterji ta' eliġibbiltà kif stabbiliti fl-Artikolu 31, l-Artikolu 35 (1) u (2) u għandha tivvaluta u tagħżel il-proposti kollha li għandhom jiġu appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna skont din il-lista ta' kontroll, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-kontropartijiet eliġibbli. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha titlob lill-kontropartijiet eliġibbli sabiex jiċċaraw jew jemendaw l-informazzjoni pprovduta. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq bażi annwali l-listi ta' kontroll u r-riżultati tal-valutazzjoni tagħha għal kull tieqa ta' investiment imqassam skont il-pajjiż u s-settur.

10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex jiġu emendati l-oqsma ta' prijorità fl-Anness V.

Artikolu 36

Rwol tal-BEI

1. Il-BEI għandu jimplimenta tieqa ta' investiment iddedikata eskluživa li tkopri kopertura komprensiva tar-riskju għal operazzjonijiet ma’ kontropartijiet sovrani u kontropartijiet sottosovrani mhux kummerċjali b'ammont minimu indikattiv ta' EUR 11 000 000 000 li għandu jiġi pprogrammat f'konformità mal-proċeduri stipulati fil-Kapitoli I u III ta' dan it-Titolu.

Il-BEI għandu jkollu l-esklussività għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet sovrani u kontropartijiet sottosovrani mhux kummerċjali skont it-tieqa ta’ investiment iddedikata eskluživa. Skont it-tieqa ta’ investiment iddedikata eskluživa, il-kontribuzzjoni tar-riżorsi proprji għandha tinftiehem bħala s-suppożizzjoni ta' riskju residwu u l-garanzija tal-UE għandha tkopri 65 % tal-ammont aggregat żborżat u garantit skont l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bl-ammonti rimborżati mnaqqsa, flimkien mal-ammonti relatati kollha.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, jekk il-BEI ma jkunx jista' jwettaq operazzjonijiet skont it-tieqa ta’ investiment iddedikata eskluživa jew jiddeċiedi li ma jwettaqhomx, l-implimentazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet għandha tkun miftuħa għal kontropartijiet eliġibbli oħra, skont il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu stipulati fil-ftehimiet rilevanti ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna rilevanti, li għandhom jieħdu kont tal-kondizzjonijiet offruti lill-BEI għall-istess tip ta' operazzjonijiet u l-ħtiġijiet, iċ-ċirkostanzi u n-natura speċifiċi tal-kontroparti eliġibbli li timplimenta dawn l-operazzjonijiet.

2. Il-BEI għandu jkun eliġibbli għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ma' kontropartijiet sottosovrani mhux koperti skont it-tieqa ta’ investiment iddedikata esklużiva msemmija fil-paragrafu 1 u operazzjonijiet mas-settur privat. Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 35 għandha tintuża biex jiġi fdat il-BEI, jekk xieraq, b'żewġt itwieqi ta’ investiment iddedikati addizzjonali li jkopru:

(a) kopertura komprensiva mhux esklussiva tar-riskju għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet kummerċjali sottosovrani; u

(b) operazzjonijiet mhux esklussivi għall-promozzjoni tal-investiment dirett barrani, il-kummerċ u l-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomiji tal-pajjiżi sħab, li jipprovdu kopertura tar-riskju politiku għall-operazzjonijiet tas-settur privat.

3. L-ammont indikattiv għat-twieqi ta’ investiment iddedikati msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun ta' EUR 26 725 000 000.

Fl-implimentazzjoni tat-twieqi ta’ investiment iddedikati msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-BEI għandu jikkonforma ma' dan ir-Regolament, inkluż l-objettivi ġenerali tiegħu u dawk tal-EFSD+ u, fejn rilevanti, tar-Regolament IPA III, kif ukoll mad-dokumenti ta' programmazzjoni rilevanti u mal-obbligi ta' rapportar.

4. Skont il-punt (f) tal-Artikolu 209(2) tar-Regolament Finanzjarju, minħabba n-natura u l-objettiv ta' politika tat-tieqa ta’ investiment iddedikata esklużiva msemmija fil-paragrafu 1, il-ftehim ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna rilevanti jista' jipprevedi li l-Unjoni ma għandhiex tiġi remunerata għal operazzjonijiet skont dik it-tieqa ta’ investiment.

5. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, operazzjonijiet sottosovrani għandhom jitqiesu kummerċjali sakemm ma jkunx debitament ġustifikat mod ieħor mill-BEI u kkonfermat mill-Kummissjoni.

   L-operazzjonijiet skont it-tieqa ta' investiment iddedikata msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għandhom ikunu koerenti ma' dawk tal-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-Istati Membri.

6. Il-BEI għandu jkun soġġett għall-opinjoni tal-bordijiet stipulati fl-Artikoli 33 u 34, rispettivament.

   Għall-operazzjonijiet tal-BEI li jaqgħu taħt it-twieqi ta’ investiment imsemmija f’dan l-Artikolu, il-valutazzjoni ta' eliġibbiltà stipulata fl-Artikolu 35(9) għandha tiġi ssodisfata fil-qafas tal-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Protokoll Nru 5 tal-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment anness mat-TFUE. Il-BEI għandu jipprovdi fil-ħin l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Kummissjoni għal dak il-għan. L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jaqgħu taħt dawk it-twieqi ta’ investiment ma għandhomx ikunu koperti mill-garanzija tal-UE fejn il-Kummissjoni tagħti opinjoni sfavorevoli skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 19 tal-Protokoll Nru 5 tal-tal-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment anness mat-TFUE. Il-modalitajiet l-oħra kollha applikabbli għall-BEI għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

7. Il-BEI għandu jkun eliġibbli għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet skont twieqi ta' investiment oħra stabbiliti skont l-Artikolu 35(8).

8. F'konformità ma' dan ir-Regolament, inkluż l-objettivi u l-prinċipji tiegħu u d-dokumenti ta' programmazzjoni rilevanti kif ukoll, fejn rilevanti, ir-Regolament IPA III, il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jikkonkludu ftehimiet dedikati ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna għat-twieqi ta' investiment iddedikati msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 37

Kontribuzzjoni minn donaturi oħra għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna

1. Stati Membri, pajjiżi terzi u terzi persuni oħra jistgħu jikkontribwixxu għall-Fond ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet jew fil-forma ta' garanziji jew flus kontanti.

Pajjiżi terzi għajr il-partijiet kontraenti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u partijiet terzi oħra għandhom jipprovdu kontribuzzjonijiet fil-forma ta' flus kontanti u soġġetta għall-opinjoni tal-bord strateġiku tal-EFSD+ u għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-kontribuzzjonijiet tagħhom jiġu allokati għall-bidu ta' azzjonijiet f'reġjuni, pajjiżi, setturi jew twieqi ta' investiment eżistenti speċifiċi. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien dwar il-kontribuzzjonijiet approvati.

2. Il-kontribuzzjonijiet fil-forma ta' garanzija ma għandhomx jaqbżu l-50 % tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 31(4).

Il-kontribuzzjonijiet magħmula mill-Istati Membri u mill-partijiet kontraenti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea fil-forma ta' garanzija jistgħu jintużaw biss għal sejħiet għal pagament ta' garanzija wara li l-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, miżjud bi kwalunkwe kontribuzzjoni oħra fi flus kontanti, ikun intuża fuq sejħiet għal pagamenti ta' garanziji.

Kwalunkwe kontribuzzjoni tista' tintuża biex tkopri sejħiet ta' garanzija irrispettivament mill-allokazzjoni.

Għandu jiġi konkluż ftehim ta' kontribuzzjoni bejn il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, u l-kontributur, u għandu jinkludi, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet ta' pagamenti.

Artikolu 38

Implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna

1. F'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna mal-kontropartijiet eliġibbli magħżula skont l-Artikolu 35. Dawk il-ftehimiet jistgħu jiġu konklużi ma' konsorzju ta' żewġ kontropartijiet eliġibbli jew aktar. F'konformità mal-Artikolu 219(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-garanziji baġitarji għandhom ikunu irrevokabbli, mhux kondizzjonali u mitluba għat-tipi ta' operazzjonijiet koperti skont il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Meta tikkonkludi ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissjoni għandha tieħu kont debitu tal-pariri u l-gwida tal-bordijiet u tal-grupp tekniku ta' valutazzjoni tar-riskju.

2. Għandu jiġi konkluż ftehim ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna wieħed jew aktar għal kull tieqa ta' investiment bejn il-Kummissjoni u l-kontroparti eliġibbli jew il-kontropartijiet eliġibbli magħżula. Barra minn hekk, sabiex jiġu indirizzati ħtiġijiet speċifiċi, il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tista' tingħata għal operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment individwali.

   Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu notifikati dwar l-iffirmar tal-ftehimiet kollha ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Fuq talba tagħhom, dawk il-ftehimiet għandhom isiru disponibbli lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, filwaqt li jittieħed kont tal-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.

3. Il-ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

(a) regoli dettaljati dwar il-kopertura, ir-rekwiżiti, l-eliġibbiltà, il-kontropartijiet eliġibbli, u l-proċeduri;

(b) regoli dettaljati dwar l-għoti tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, inkluż l-arranġamenti tagħha dwar il-kopertura u l-kopertura definita tagħha ta' portafolli u ta' proġetti ta' tipi speċifiċi ta' strumenti, kif ukoll analiżi tar-riskju tal-proġetti u l-portafolli tal-proġetti, inkluż fil-livelli settorjali, reġjonali, u nazzjonali;

(c) referenza għall-objettivi u l-għan tal-Istrument, valutazzjoni tal-ħtiġijiet u indikazzjoni tar-riżultati mistennija, filwaqt li jittieħed kont tal-promozzjoni tar-responsabilità soċjali korporattiva u tal-kondotta kummerċjali responsabbli, inkluż b'mod partikolari permezz tar-rispett tal-linji gwida, il-prinċipji u l-konvenzjonijiet miftiehma internazzjonalment dwar l-investiment imsemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 35(2);

(d) ir-remunerazzjoni tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, li għandha tirrifletti l-livell ta' riskju, u l-possibbiltà li r-remunerazzjoni tiġi parzjalment sussidjata sabiex jingħataw termini aktar aġevolanti f'każijiet debitament ġustifikati; u, b'mod partikolari lil pajjiżi li jinsabu f’sitwazzjoni ta’ fraġilità jew konflitt, LDCs u pajjiżi fqar b'ħafna dejn;

(e) rekwiżiti għall-użu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, inkluż il-kondizzjonijiet ta' pagamenti, bħall-oqfsa speċifiċi ta' żmien, l-imgħax li għandu jitħallas fuq l-ammonti dovuti, l-ispejjeż u l-kostijiet ta' rkupru, u possibbilment, l-arranġamenti ta' likwidità meħtieġa;

(f) proċeduri tal-pretensjonijiet, inkluż, iżda mhux limitat għal, avvenimenti skattaturi u perijodi ta' stennija, u proċeduri rigward l-irkupru ta' pretensjonijiet;

(g) obbligi ta' monitoraġġ, rapportar, trasparenza, u evalwazzjoni;

(h) proċeduri ta' lmenti ċari u aċċessibbli għal partijiet terzi li jistgħu jiġu affettwati mill-implimentazzjoni ta' proġetti appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

4. Il-kontroparti eliġibbli għandha tapprova l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment skont ir-regoli u l-proċeduri tagħha stess u f'konformità mal-ftehim ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna.

5. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna tista' tkopri:

(a) għall-istrumenti tad-dejn, il-kapital u l-imgħax u l-ammonti dovuti kollha lill-kontroparti eliġibbli magħżula, iżda li din ma tkunx irċeviet f'konformità mat-termini tal-operazzjonijiet ta' finanzjament wara li jkun seħħ avveniment ta' inadempjenza;

(b) għall-investimenti ta' ekwità, l-ammonti investiti u l-kostijiet ta' finanzjament assoċjat tagħhom;

(c) għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u investiment l-oħra imsemmija fl-Artikolu 35(2), l-ammonti użati u l-kostijiet ta' finanzjament assoċjat tagħhom;

(d) l-ispejjeż u l-kostijiet ta' rkupru rilevanti kollha relatati ma' avveniment ta' inadempjenza, sakemm ma jkunux tnaqqsu mir-rikavati tal-irkupru.

6. Għall-finijiet tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni u tar-rapportar tagħha dwar ir-riskji koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, u skont l-Artikolu 209(4) tar-Regolament Finanzjarju, il-kontropartijiet eliġibbli li magħhom ikun ġie konkluż ftehim ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri kull sena r-rapporti finanzjarji dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti minn dan ir-Regolament, awditjati minn awditur estern indipendenti, li fihom, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar:

(a) il-valutazzjoni tar-riskju tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tal-kontropartijiet eliġibbli, inkluż informazzjoni dwar l-obbligi tal-Unjoni mkejla f'konformità mar-regoli ta' kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 80 tar-Regolament Finanzjarju u l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku;

(b) l-obbligu finanzjarju pendenti għall-Unjoni li jirriżulta mill-operazzjonijiet EFSD+ ipprovduti lill-kontropartijiet eliġibbli u l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tagħhom, imqassma skont l-operazzjoni individwali.

7. Il-kontropartijiet eliġibbli għandhom, fuq talba, jipprovdu lill-Kummissjoni bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tal-Kummissjoni skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji tal-għażla stabbiliti fl-Artikolu 35, inkluż il-konformità mad-drittijiet tal-bniedem, u l-istandards soċjali, tax-xogħol u tal-ambjent.

8. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-bord strateġiku tal-EFSD+, lill-bordijiet operazzjonali reġjonali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji, inkluż dawk implimentati mill-BEI, u l-assistenza finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 41 (4) u (5) u l-Artikoli 241 u 250 tar-Regolament Finanzjarju. Għal dak il-għan, il-kontropartijiet eliġibbli għandhom jipprovdu kull sena l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tikkonforma ma’ dawk l-obbligi tar-rapportar.

Artikolu 39

Mekkaniżmi ta' lmentar u ta' rimedju u protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Minħabba l-possibilità ta' lmentar minn partijiet terzi f'pajjiżi sħab, inkluż komunitajiet u individwi affettwati minn proġetti appoġġati mill-EFSD+ u mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissjoni u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom referenzi diretti għall-mekkaniżmi ta' lmentar tal-kontropartijiet rilevanti li jkunu kkonkludew ftehimiet mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi wkoll il-possibilità li tirċievi direttament l-ilmenti relatati mal-indirizzar ta' ilmenti mill-kontropartijiet eliġibbli. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' dik l-informazzjoni bil-ħsieb ta' kooperazzjoni futura ma' dawk il-kontropartijiet.

2. Il-persuni u l-entitajiet li jimplimentaw l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji għandhom jikkonformaw mad-dritt u l-prinċipji applikabbli tal-Unjoni u mal-istandards maqbula internazzjonali u tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 155(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk is-sistemi, ir-regoli u l-proċeduri ta' dawk il-persuni u l-entitajiet jiżgurawx protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ekwivalenti għal dik prevista fejn il-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni, b'kont debitu tal-prinċipju ta' proporzjonalità, filwaqt li jittieħed kont tan-natura tal-azzjoni u l-kondizzjonijiet li skonthom din l-azzjoni tiġi implimentata.

Artikolu 40

Parteċipazzjoni kapitali f'istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp

Il-pakkett għall-programmi ġeografiċi, imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 6(2), jista' jintuża biex jikkontribwixxi għad-dotazzjoni kapitali ta' istituzzjonijiet tal-finanzi għall-iżvilupp Ewropej u oħrajn.

Kapitolu V

Monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni

Artikolu 41

Monitoraġġ u rapportar

1. L-indikaturi għar-rapportar tal-progress tal-Istrument lejn it-twettiq tal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(2) jinsabu fl-Anness VI. Dawk l-indikaturi, skont l-indikaturi tal-SDGs, għandhom jintużaw flimkien mad-data minn evalwazzjonijiet u rapportar ta' riżultati eżistenti ieħor, bħala bażi għall-valutazzjoni ta' sa fejn dawk l-objettivi speċifiċi jkunu ntlaħqu.

2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja b'mod kontinwu l-azzjonijiet tagħha u, mill-inqas fuq bażi annwali, tirrieżamina l-progress li sar fit-twettiq tal-miri stabbiliti minn dan ir-Regolament, kif ukoll tar-riżultati mistennija, li jkopru l-outputs u l-eżiti.

Progress fir-rigward tar-riżultati mistennija għandu jiġi mmonitorjat b'mod trasparenti u fil-ħin, abbażi ta' data kwalitattiva u kwantitattiva li tkun rilevanti u li tista' titkejjel inkluża, iżda mhux limitata għal, dik li tinsab fl-Anness VI. Kull fejn possibbli, l-indikaturi għandhom jiġu diżaggregati skont is-sess, l-età u fatturi rilevanti oħra.

3. L-oqfsa tar-riżultati konġunti inklużi u maqbula fi ħdan dokumenti ta' programmazzjoni konġunta li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(4) għandhom, fejn fattibbli, jipprovdu l-bażi għall-monitoraġġ konġunt mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha tal-appoġġ kollettiv tagħhom lil pajjiż sieħeb.

Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Istrument jinġabru b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq ir-riċevituri ta' fondi tal-Unjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrument. Mill-2022 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fil-ħin u qabel sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, rapport annwali dwar il-progress lejn it-twettiq tal-objettivi tal-Istrument skont l-indikaturi, inkluż, iżda mhux limitat għal dawk li jinsabu fl-Anness VI, liema rapport ikun dwar l-attivitajiet, ir-riżultati miksuba u l-effettività ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

5. Ir-rapport annwali għandu jkun fih:

(a) informazzjoni relatata mas-sena preċedenti dwar il-miżuri ffinanzjati;

(b) ir-riżultati tal-monitoraġġ u tal-eżerċizzji ta' evalwazzjoni;

(c) l-involviment u l-livell ta' kooperazzjoni tas-sħab rilevanti, imqassma skont it-tip ta' entità kif imsemmi fl-Artikolu 62 tar-Regolament Finanzjarju kemm għall-ġestjoni diretta kif ukoll dik indiretta;

(d) l-impenji baġitarji, inkluż l-ammonti kkuntrattati, u l-approprjazzjonijiet ta' pagament, imqassma skont il-pajjiż, ir-reġjun u s-settur ta' kooperazzjoni;

(e) informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva inkluż dwar il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 9, dwar l-użu tar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti msemmija fl-Artikolu 17 u dwar l-użu ta' fondi ddedikati għall-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi abbażi tal-prestazzjoni fl-oqsma ewlenin imsemmija fl-Artikolu 20.

Ir-rapport annwali għandu jivvaluta r-riżultati tal-finanzjament tal-Unjoni billi juża, sa fejn possibbli, indikaturi speċifiċi li jistgħu jitkejlu biex juri l-progress lejn il-miri u l-objettivi tal-Istrument, kif ukoll il-progress li sar lejn l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(8). Għandu wkoll jippreżenta informazzjoni mqassma dwar il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 27. Fil-każ tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ir-rapport għandu jivvaluta wkoll, fejn possibbli u rilevanti, l-aderenza għal prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp, inkluż għal strumenti finanzjarji innovattivi.

6. Ir-rapport annwali mħejji fl-2021 għandu jkun fih informazzjoni konsolidata mir-rapporti annwali li jikkonċernaw il-perijodu mill-2014 sal-2020 dwar il-finanzjament kollu mir-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 50(2) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-dħul assenjat estern u l-kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji, il-garanziji u l-infiq imqassam skont il-pajjiż, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament, it-tip ta' entità kif imsemmi fl-Artikolu 62 tar-Regolament Finanzjarju kemm għall-ġestjoni diretta kif ukoll dik indiretta, l-impenji u l-pagamenti. Dak ir-rapport annwali għandu jirrifletti t-tagħlimiet meħuda ewlenin u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-eżerċizzji evalwattivi esterni mwettqa fis-snin preċedenti.

7. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta bħala parti mir-rapport annwali rapportar dettaljat dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, u l-funzjonament tal-EFSD+, il-ġestjoni tiegħu u l-kontribuzzjoni effettiva tiegħu għall-objettivi tagħha. Huwa għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

   (a) valutazzjoni tar-riżultati li jikkontribwixxu għall-għan u l-objettivi tal-Istrument u, fejn rilevanti, strumenti ta' finanzjament oħra kif stipulati fl-Artikolu 31(7);

(b) valutazzjoni, abbażi ta' indikaturi skont l-Artikoli 31(2) u 35(2), tal-addizzjonalità u tal-valur miżjud, il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi tas-settur privat, inkluż mill-SMEs, it-tip ta' entitajiet tas-settur privat appoġġati, l-outputs u l-eżiti stamti u reali, u l-impatt tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+ fuq bażi aggregata, inkluż l-impatt fuq il-ħolqien tal-impjiegi deċenti, il-qerda tal-faqar u fuq il-mod li bih jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali soċjo-ekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari u l-kawżi fundamentali tal-ispostament furzat; il-valutazzjoni għandha tinkludi analiżi tal-miżuri ta' riskju u l-impatt tagħhom fuq l-istabbiltà finanzjarja u ekonomika tas-sħab u analiżi tal-ġeneru tal-operazzjonijiet koperti abbażi ta' evidenza u data mqassma skont il-ġeneru, il-pajjiż u s-settur fejn possibbli;

(c) valutazzjoni tal-konformità tal-operazzjonijiet appoġġati mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+ mal-prinċipji ta' effettività tal-iżvilupp maqbula internazzjonalment;

(d) valutazzjoni tal-effett ta' *leverage* miksub mill-operazzjonijiet koperti;

(e) valutazzjoni tas-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn l-operazzjonijiet koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna taħt l-EFSD+ inkluż dawk imsemmija fl-Artikolu 36 u l-pilastri l-oħra tal-Pjan ta' Investiment Estern abbażi tar-rapporti eżistenti rilevanti, b'attenzjoni partikolari għall-progress li sar fil-governanza tajba, inkluż fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-flussi finanzjarji illeċiti, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-politiki reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, kif ukoll l-ispinta lill-intraprenditorija, l-ambjent tan-negozju lokali u s-swieq finanzjarji lokali;

(f) valutazzjoni tar-remunerazzjoni tal-garanziji u tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 155(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju;

8. Stima annwali tal-infiq globali relatat mal-azzjoni klimatika**,** id-deżertifikazzjoni u l-bijodiversità għandha ssir abbażi tad-dokumenti ta' programmazzjoni indikattiva adottati. Il-finanzjament allokat skont l-Istrument għandu jkun soġġett għal sistema ta' traċċabbiltà annwali bbażata fuq il-metodoloġija tal-OECD, jiġifieri l-indikaturi ambjentali u l-indikaturi Rio, mingħajr ma jkun eskluż l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi fejn dawn ikunu disponibbli, integrati fil-metodoloġija eżistenti għal ġestjoni tal-prestazzjoni ta' programmi tal-Unjoni, biex tkun kwantifikata n-nefqa relatata mal-ġestjoni u l-protezzjoni ambjentali, mal-azzjoni klimatika, mad-deżertifikazzjoni u mal-bijodiversità fil-livell tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 23 u rreġistrata fl-evalwazzjonijiet u fir-rapporti annwali.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp f'konformità mal-istandards rikonoxxuti internazzjonalment bħal dawk tal-ILO u tal-OECD u billi tuża l-qafas għal standard komuni żviluppat mill-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna.

9. Biex tiżgura l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Istrument lejn it-twettiq tal-objettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 44 biex temenda l-Anness VI biex tirrevedi jew tikkomplementa l-indikaturi fejn meqjus meħtieġ u tissupplementa dan ir-Regolament b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni.

Artikolu 42

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-impatt u l-effettività tal-azzjonijiet tagħha għal kull qasam ta' intervent, u l-effettività tal-programmazzjoni, fejn xieraq permezz ta' evalwazzjonijiet esterni indipendenti. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont debitu tal-proposti mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill għal evalwazzjonijiet esterni indipendenti. Fejn applikabbli, l-evalwazzjonijiet għandhom jużaw il-prinċipji ta' prattika tajba tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD, li jfittxu li jaċċertaw jekk ikunux intlaħqu l-objettivi speċifiċi u li jifformulaw rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li jittejbu l-azzjonijiet futuri.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika s-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-osservazzjonijiet u s-segwitu tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri. L-evalwazzjonijiet jistgħu jiġu diskussi fuq talba tal-Istati Membri skont l-Artikolu 45(7). Ir-riżultati għandhom jikkontribwixxu għat-tħejjija tal-programmi u azzjonijiet u l-allokazzjoni ta' riżorsi. Dawk l-evalwazzjonijiet u s-segwitu għandhom ikunu disponibbli pubblikament.

Il-Kummissjoni għandha, sa fejn ikun xieraq, tassoċja lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż il-benefiċċjarji, l-atturi tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali fil-proċess ta' evalwazzjoni tal-finanzjament mill-Unjoni previst taħt l-Istrument, u tista', fejn xieraq, tfittex li twettaq evalwazzjonijiet konġunti mal-Istati Membri u ma' sħab oħra bl-involviment mill-qrib tal-pajjiżi sħab.

2. Sal-31 ta’ Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tippreżenta evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrument. Din għandha tkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sat-tnedija ta’ dik l-evalwazzjoni. Jekk ikun xieraq, mal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandu jkun hemm proposti leġiżlattivi li jistabbilixxu l-emendi meħtieġa għal dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-Istrument fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-perijodu finanzjarju li jmiss. Dik l-evalwazzjoni għandha tanalizza u tivvaluta l-kontribuzzjoni tal-Unjoni biex jinkisbu l-objettivi tal-Istrument, filwaqt li jittieħed kont tal-indikaturi li jkejlu r-riżultati miksuba u kwalunkwe sejba u konklużjoni dwar l-impatt tal-Istrument.

4. L-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u dawk finali għandhom jindirizzaw l-effiċjenza, l-effettività, l-impatt, is-sostenibbiltà, il-valur miżjud, l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna, inkluż il-komplementarjetà u s-sinerġiji, u r-rilevanza kontinwa tal-objettivi tal-Istrument. L-evalwazzjonijiet għandhom jidentifikaw it-tagħlimiet meħuda. L-evalwazzjonijiet għandhom jivvalutaw l-ammont massimu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna stipulat fl-Artikolu 31(4) u jinkludu informazzjoni dwar il-valur miżjud tal-integrazzjoni ta' strumenti li qabel kienu separati fi strument wieħed simplifikat.

L-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u dawk finali għandu jkun fihom ukoll informazzjoni konsolidata minn rapporti annwali dwar il-finanzjament kollu rregolat minn dan ir-Regolament, inkluż dħul assenjat estern u kontribuzzjonijiet għal fondi fiduċjarji, joffru l-infiq imqassam skont il-pajjiż benefiċjarju, forom ta' finanzjament tal-Unjoni, u l-involviment tal-Istati Membri u s-sħab rilevanti, l-impenji u l-pagamenti, kif ukoll tqassim skont programmi ġeografiċi , programmi tematiċi u azzjonijiet ta' rispons rapidu, inkluż l-użu ta' fondi mmobilizzati mir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti, kif imsemmi fl-Artikolu 6.

L-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u dawk finali għandhom jitwettqu għall-għan speċifiku tat-titjib tal-finanzjament tal-Unjoni. Huma għandhom jinfurmaw deċiżjonijiet dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tat-tipi ta' azzjonijiet implimentati taħt l-Istrument.

5. Skont id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-rapportar fir-Regolament Finanzjarju, sal-31 ta' Diċembru 2024 u kull tliet snin wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tevalwa, abbażi ta' evalwazzjoni esterna, l-użu u l-funzjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, b'mod partikolari l-kontribut tagħha għall-objettivi globali, ir-riżultati miksuba u l-addizzjonalità. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport tagħha ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ma' dan ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun hemm opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri. Ir-rapport ta' evalwazzjoni u l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

TITOLU III
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 43

Estensjoni tal-ambitu ġeografiku

1. F'każijiet debitament ġustifikati u fejn l-azzjoni li għandha tiġi implimentata tkun ta' natura dinjija, tranżreġjonali jew reġjonali, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fil-programmi indikattivi pluriennali rilevanti jew fil-pjanijiet ta' azzjoni jew il-miżuri rilevanti, li testendi l-ambitu ta' azzjonijiet għall-pajjiżi u t-territorji mhux koperti minn dan ir-Regolament skont l-Artikolu 4 sabiex tiżgura l-koerenza u l-effettività tal-finanzjament tal-Unjoni jew biex trawwem il-kooperazzjoni reġjonali jew tranżreġjonali.

2. Il-Kummissjoni tista' tinkludi allokazzjoni finanzjarja speċifika biex tassisti pajjiżi sħab u reġjuni biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni ġirien tagħhom u mal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej. Għal dak il-għan, l-Istrument jista' jikkontribwixxi, fejn xieraq u abbażi ta' reċiproċità u proporzjonalità fir-rigward tal-livell ta' finanzjament mid-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea, inkluża Greenland, jew mir-Regolament Interreg, jew it-tnejn, għal azzjonijiet implimentati minn pajjiż sieħeb jew reġjun jew kwalunkwe entità oħra taħt dan ir-Regolament, minn pajjiż, territorju jew kwalunkwe entità oħra taħt id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea, inkluża Greenland, jew minn reġjun ultraperiferiku tal-Unjoni fil-qafas ta' programmi operazzjonali konġunti jew għal programmi jew miżuri ta' kooperazzjoni interreġjonali stabbiliti u implimentati taħt ir-Regolament Interreg.

Artikolu 44

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(6) u (7), fl-Artikolu 6(5), fl-Artikolu 31(4) u (5), fl-Artikolu 35(10) u fl-Artikolu 41(9) għandha tingħata lill-Kummissjoni għall-perijodu ta' validità ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 4(6) u (7), fl-Artikolu 6(5), fl-Artikolu 31(4) u (5), fl-Artikolu 35(10) u fl-Artikolu 41(9) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(6) u (7), l-Artikolu 6(5), l-Artikolu 31(4) u (5), l-Artikolu 35(10) u l-Artikolu 41(9) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 45

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Il-kumitat jista' jiltaqa' f'formati differenti inkarigati minn oqsma speċifiċi ta' kooperazzjoni u intervent, bħal azzjonijiet ġeografiċi, tematiċi u ta' rispons rapidu.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, sal-iskadenza taż-żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew jekk maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob li jsir dan.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

5. Id-deċiżjoni adottata għandha tibqa' fis-seħħ għat-tul ta' żmien tad-dokument, il-programm ta' azzjoni jew il-miżura adottata jew modifikata.

6. Osservatur mill-BEI għandu jieħu sehem fil-proċeduri tal-kumitat dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-BEI.

7. L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-eżami ta' kwalunkwe kwistjoni oħra li tikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Istrument, b'mod partikolari fir-rigward ta' dokumenti ta' programmazzjoni pluriennali inkluż reviżjonijiet u evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu jew *ad hoc*.

Artikolu 46

Informazzjoni, komunikazzjoni u viżibbiltà

1. Ir-riċevituri ta' finanzjament mill-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini ta’ dawk il-fondi u jiżguraw il-viżibbiltà ta' finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu u jirrapportaw dwar l-azzjonijiet, u r-riżultati tagħhom billi jenfasizzaw l-appoġġ li wasal mill-Unjoni b'mod viżibbli fuq materjal ta' komunikazzjoni relatat mal-azzjonijiet appoġġati skont l-Istrument, u billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiv u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż il-media u lill-pubbliku.

Ftehimiet konklużi mar-riċevituri ta' finanzjament mill-Unjoni għandhom jinkludu obbligi f'dak ir-rigward.

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-Istrument, mal-azzjonijiet meħuda skont l-Istrument u mar-riżultati miksuba. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Istrument għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u jirrapportaw dwarhom, sa fejn dawk il-prijoritajiet ikunu relatati mal-objettivi tal-Istrument.

3. L-Istrument għandu jappoġġa l-komunikazzjoni strateġika u d-diplomazija pubblika, inkluż il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, bil-ħsieb li jiġu kkomunikati l-valuri tal-Unjoni kif ukoll il-valur miżjud mill-azzjonijiet tal-Unjoni, u r-riżultati miksuba minnhom.

4. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni dwar azzjonijiet iffinanzjati taħt l-Istrument kif imsemmi fl-Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju, inkluż kif xieraq permezz ta' sit web uniku komprensiv.

5. Is-sit web imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment u l-elementi essenzjali tal-ftehimiet ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna kollha, inkluż informazzjoni dwar l-identità ġuridika tal-kontropartijiet eliġibbli, il-benefiċċji mistennija tal-iżvilupp u l-proċeduri tal-ilmenti, f'konformità mal-punt (h) tal-Artikolu 38(3), filwaqt li jittieħed kont tal-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva.

6. Kontropartijiet eliġibbli tal-EFSD+, f'konformità mal-politiki tagħhom dwar it-trasparenza u r-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u dwar l-aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni, għandhom proattivament u sistematikament iqegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq is-siti web tagħhom l-informazzjoni relatata mal-operazzjonijiet kollha ta' finanzjament u investiment koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, b'mod partikolari relatati mal-mod li bih dawk l-operazzjonijiet jikkontribwixxu għat-twettiq tal-objettivi u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fejn possibbli, tali informazzjoni għandha tiġi mqassma fil-livell ta' proġett. Tali informazzjoni għandha dejjem tieħu kont tal-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u kummerċjalment sensittiva. Il-kontropartijiet eliġibbli tal-EFSD+ għandhom jippubbliċizzaw ukoll l-appoġġ tal-Unjoni fl-informazzjoni kollha li jippubblikaw dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment koperti mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 47

Deroga mir-rekwiżiti ta' viżibbiltà

Fejn kwistjonijiet ta' sigurtà jew sensittivitajiet politiċi jistgħu jagħmluha preferibbli jew neċessarja li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà jiġu limitati f'ċerti pajjiżi jew żoni jew matul ċerti perijodi, l-udjenza mmirata u l-għodod, il-prodotti u l-kanali ta' viżibbiltà li għandhom jintużaw għall-promozzjoni ta' azzjoni partikolari għandhom jiġu determinati fuq bażi ta' każ b'każ, f'konsultazzjoni u qbil mal-Unjoni. Fejn ikun meħtieġ intervent rapidu b'reazzjoni għal kriżi għall-għarrieda, mhuwiex meħtieġ li jiġi prodott immedjatament pjan sħiħ ta' komunikazzjoni u ta' viżibbiltà. F'tali każijiet, madankollu, l-appoġġ tal-UE għandu xorta waħda jiġi indikat b'mod xieraq mill-bidu.

Artiklu 48

Klawsola tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2010/427/UE, b ' mod partikolari l-Artikolu 9 tagħha.

Artikolu 49

Emendi għad-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE

Id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-garanzija tal-UE għandha tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI ffirmati matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021.";

(2) fl-Artikolu 20, it-tieni paragrafu jinbidel b'li ġej:

"Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.";

(3) fl-Anness I, l-aħħar tliet paragrafi tal-punt D huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Fi ħdan il-limitu massimu ġenerali fiss, il-korpi governattivi tal-BEI jistgħu jiddeċiedu, wara li jikkonsultaw mal-Kummissjoni, li jirriallokaw ammonti fi ħdan u bejn ir-reġjuni.".

Artikolu 50

Tħassir u dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31(8) ta’ dan ir-Regolament, ir-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 480/2009 u (UE) Nru 2017/1601 jitħassru b'effett mill-...[ĠU irid idaħħal: l-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2022. Il-pakkett finanzjarju għall-Istrument għandu jiffinanzja l-proviżjonament tal-garanziji baġitarji awtorizzati skont ir-Regolament (UE) 2017/1601 u tal-garanziji u l-assistenza finanzjarja awtorizzati skont l-atti bażiċi li l-proviżjonament tagħhom huwa rregolat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 480/2009. Il-proviżjonament għal tali garanziji u assistenza finanzjarja lill-benefiċjarji elenkati fl-Anness rilevanti tar-Regolament IPA III għandu jiġu ffinanzjati minn dak ir-Regolament.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-Istrument jista' jkopri wkoll in-nefqiet tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn dan ir-Regolament u l-miżuri adottati taħt ir-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 480/2009, (UE) Nru 230/2014, (UE) Nru 232/2014, (UE) Nru 233/2014, (UE) No 234/2014, (UE) Nru 235/2014, (UE) Nru 236/2014, (Euratom) Nru 237/2014 u (UE) 2017/1601 u d-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE.

3. Il-pakkett finanzjarju għall-Istrument jista' jkopri n-nefqiet relatati mat-tħejjija ta' kwalunkwe Regolament futur relatat.

4. Jekk meħtieġ, jistgħu jiddaħħlu approprjazzjonijiet fil-baġit lil hinn mill-2027 biex ikopru n-nefqiet previsti fl-Artikolu 24(1), ħalli tkun possibbli l-ġestjoni ta' azzjonijiet li ma jkunux tlestew sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 51

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS I

LISTA TA' PAJJIŻI U TERRITORJI FIŻ-ŻONA ĠEOGRAFIKA TAL-VIĊINAT

Alġerija

Armenja

Ażerbajġan

Belarussja

Eġittu

Georgia

Iżrael

Ġordan

Libanu

Libja

Repubblika tal-Moldova

Marokk

Territorji Palestinjani Okkupati

Sirja

Tuneżija

Ukrajna

L-appoġġ tal-Unjoni skont dan il-qasam jista' jintuża wkoll għall-fini biex jippermetti lill-Federazzjoni Russa tipparteċipa fi programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera u fi programmi indikattivi multinazzjonali rilevanti oħra, inkluż kif imsemmi fl-Artikolu 13(6) u l-Artikolu 21.

ANNESS II

OQSMA TA' KOOPERAZZJONI GĦALL-PROGRAMMI ĠEOGRAFIĊI

Għar-reġjuni ġeografiċi kollha

IN-NIES

1. Il-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

   (a) It-tisħiħ u l-promozzjoni tad-demokrazija u ta' proċessi demokratiċi inklużivi, tal-istat tad-dritt, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, tal-governanza u tas-sorveljanza, inkluż proċessi elettorali trasparenti, inklużivi u kredibbli kif ukoll istituzzjonijiet trasparenti, responsabbli, effettivi u inklużivi fil-livelli kollha, inkluż korpi leġiżlattivi u ġudikatura indipendenti li jsaħħu parteċipazzjoni u rappreżentanza politika sinifikanti;

   (b) It-tisħiħ tal-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem; l-appoġġ u l-protezzjoni għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; l-appoġġ u l-monitoraġġ ta' mekkaniżmi tal-ilmenti u ta' rimedju fir-rigward tal-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell nazzjonali u lokali; il-kontribut għall-implimentazzjoni ta' strumenti u oqfsa globali u reġjonali, li jżidu l-kapaċitajiet tas-soċjetà ċivili bl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom;

(c) Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha u l-promozzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, b'mod partikolari l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet, id-drittijiet tat-tfal, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali (LGBTI) u tal-popli indiġeni kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP);

(d) L-appoġġ, it-tisħiħ u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ta' soċjetà ċivili ħajja bir-rwoli indipendenti, attivi u multipli tagħha fi tranżizzjonijiet politiċi, proċessi ta' riforma u trasformazzjonijiet demokratiċi, u l-promozzjoni ta' spazju miftuħ u abilitanti għas-soċjetà ċivili u l-impenn taċ-ċittadini fil-ħajja politika u fl-iskrutinju tat-teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll il-ġlieda kontra t-tnaqqis tal-ispazju demokratiku; l-appoġġ u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ta' kulħadd fil-proċessi politiċi u l-ħajja pubblika;

(e) It-titjib tal-pluraliżmu, l-indipendenza u l-professjonaliżmu ta' media ħielsa u indipendenti, kif ukoll it-tisħiħ tal-litteriżmu fil-media u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni; it-tisħiħ tad-drittijiet diġitali, inkluż id-drittijiet għall-aċċess għal informazzjoni; it-tisħiħ tad-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data;

(f) It-tisħiħ tar-reżiljenza ta' stati, soċjetajiet, komunitajiet u individwi għal pressjonijiet u xokkijiet politiċi, ekonomiċi, ambjentali, alimentari, demografiċi u soċjetali, għal diżastri naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem u għal kriżijiet tas-saħħa, inkluż pandemiji;

(g) It-tisħiħ tal-iżvilupp ta' istituzzjonijiet pubbliċi demokratiċi u inklużivi fil-livelli internazzjonali, nazzjonali u subnazzjonali, inkluż l-awtoritajiet lokali; it-tisħiħ tal-kapaċità għal ibbaġitjar u ppjanar sensittivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru; kif ukoll sistema ġudizzjarja indipendenti, effettiva, effiċjenti u responabbli, il-promozzjoni tal-istat tad-dritt, ġustizzja internazzjonali, akkontabbiltà u aċċess għal kulħadd għal ġustizzja affordabbli;

(h) L-appoġġ għal proċessi ta' riforma tal-amministrazzjoni pubblika fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali, inkluż permezz tal-użu ta' sistemi ta' servizzi elettroniċi tal-gvern iffukati fuq iċ-ċittadini u soluzzjonijiet diġitali oħra għall-bini ta' sistemi b'saħħithom, responsabbli u trasparenti tal-amministrazzjoni pubblika u tal-għoti ta' servizzi, it-tisħiħ tal-oqfsa legali u tal-istruttura istituzzjonali, sistemi u kapaċitajiet nazzjonali tal-istatistika, inkluż fir-rigward tad-diżaggregazzjoni tad-data skont l-introjtu, is-sess, l-età u fatturi oħra, il-ġestjoni tajba tal-finanzi pubbliċi inkluż awditjar estern, u l-kontribut għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-evitar tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa;

(i) L-appoġġ għal gvernijiet u amministrazzjonijiet nazzjonali u lokali biex joħolqu l-infrastruttura meħtieġa li tippermetti li r-reġistrazzjonijiet ċivili kollha (mit-twelid sal-mewt) jiġu rreġistrati b'mod preċiż, u rikonoxxuti b'mod uffiċjali, u li dokumenti duplikati jiġu ppubblikati meta jkun meħtieġ sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jeżistu b'mod uffiċjali u jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom;

(j) Il-promozzjoni ta' politiki u żvilupp territorjali, rurali u urbani inklużivi, bilanċjati u integrati permezz tat-tisħiħ ta' istituzzjonijiet u korpi pubbliċi fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali, l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' awtoritajiet lokali u l-mobilizzazzjoni tal-għarfien espert tagħhom biex jiġi promoss approċċ territorjali għall-iżvilupp lokali inkluż deċentralizzazzjoni effiċjenti, deċentralizzazzjoni fiskali u proċessi ta' ristrutturar statali;

(k) Iż-żieda tat-trasparenza u l-akkontabbiltà ta' istituzzjonijiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u subnazzjonali u tal-intrapriżi bi sjieda pubblika u t-titjib tal-aċċess għal kulħadd għal informazzjoni dwar l-affarijiet pubbliċi, it-tisħiħ tal-akkwist pubbliku inkluż it-tħeġġiġ tal-iżvilupp ta' kriterji u miri ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomiċi u l-ġestjoni finanzjarja pubblika fil-livell reġjonali, nazzjonali u dak lokali, l-appoġġ għal żvilupp u użu tas-sistemi ta' servizzi elettroniċi tal-gvern u t-tisħiħ tal-għoti ta' servizzi;

(l) L-appoġġ għall-ġestjoni sostenibbli, responsabbli, sensittiva għall-konflitti u trasparenti tas-setturi tar-riżorsi naturali u d-dħul relatat, kif ukoll riformi biex jiġu żgurati politiki tat-taxxa ġusti, effiċjenti u sostenibbli.

2. Il-qerda tal-faqar, il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni, u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-bniedem

(a) Il-qerda tal-faqar fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, inkluż permezz ta' servizzi pubbliċi għas-saħħa, in-nutrizzjoni, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali, l-indirizzar tad-diskriminazzjoni u tal-inugwaljanzi u li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

(b) L-appoġġ għall-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd biex tiżdied is-sigurtà tal-ikel, u jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi u impjiegi;

(c) It-tisħiħ tal-isforzi għall-adozzjoni ta' politiki u għal investiment xieraq biex jiġu promossi, protetti u sodisfati d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, taż-żgħażagħ u tat-tfal, u tal-persuni b'diżabbiltà, biex jiġu ffaċilitati l-involviment u l-parteċipazzjoni sinifikanti tagħhom fil-ħajja soċjali, ċivika u ekonomika, u biex jiġi żgurat il-kontribut sħiħ tagħhom għal tkabbir inklużiv u żvilupp sostenibbli;

(d) Il-promozzjoni tar-rispett, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, inkluż drittijiet ekonomiċi, soċjali u tax-xogħol, drittijiet tad-dominju ta' art, kif ukoll id-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 8(4), il-qerda tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru fil-forom kollha tagħha, inkluż prattiki dannużi bħaż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat u l-mutilazzjoni ġenitali femminili;

(e) L-indirizzar tar-rabtiet tat-tkabbir demografiku globali u l-bidliet demografiċi għal żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet rilevanti kollha inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-saħħa, il-protezzjoni soċjali, il-koeżjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-impjiegi;

(f) L-għoti ta' attenzjoni speċjali lil dawk żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati, inkluż tfal u żgħażagħ, persuni akbar fl-età, persuni b'diżabbiltà, persuni LGBTI, persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u popli indiġeni, refuġjati, persuni spostati internament, persuni affettwati minn konflitt armat u persuni apolidi;

(g) Il-promozzjoni ta' approċċ integrat għall-għoti ta' appoġġ għall-komunitajiet, b'mod partikolari l-persuni l-aktar emarġinati u vulnerabbli, l-ifqar fosthom u dawk l-iktar diffiċli biex jintlaħqu, inkluż bit-titjib tal-aċċess universali għall-ħtiġijiet u s-servizzi bażiċi, inkluż fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, in-nutrizzjoni u l-protezzjoni soċjali;

(h) L-għoti ta' appoġġ biex jinħoloq ambjent sikur li jsostni lit-tfal bħala element importanti fit-trawwim ta' popolazzjoni żagħżugħa b'saħħitha li tkun kapaċi tilħaq il-potenzjal kollu tagħha. Dan jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni minn kura tat-tfal istituzzjonali għal kura tat-tfal ibbażata fil-komunità. Dan jinkludi wkoll l-għoti lit-tfal, b'mod partikolari dawk l-aktar emarġinati, l-aħjar bidu fil-ħajja permezz ta' investiment fl-iżvilupp fit-tfulija bikrija u l-iżgurar li t-tfal li jesperjenzaw il-faqar jew l-inugwaljanza jkollhom aċċess għal servizzi bażiċi bħas-saħħa, in-nutrizzjoni, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali;

(i) L-appoġġ għal aċċess universali għal biżżejjed ikel affordabbli, sikur u sustanzjuż u dieti tajbin għas-saħħa, b'mod partikolari għal dawk fis-sitwazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, fost l-oħrajn tfal taħt l-età ta' ħames snin, adoloxxenti, kemm tfajliet kif ukoll ġuvintur, u nisa, speċjalment waqt it-tqala u t-treddigħ, kif ukoll it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ikel u tan-nutrizzjoni u tal-kontinwità tal-kura, b'mod partikolari f'pajjiżi li jiffaċċjaw kriżijiet fit-tul jew rikorrenti; il-prevenzjoni ta' nuqqas ta' żvilupp, irquqija żejda u forom oħra ta' malnutrizzjoni; it-trawwim ta' approċċi multisettorjali għall-agrikoltura li huma sensittivi għan-nutrizzjoni;

(j) L-appoġġ għal aċċess universali għal sanità sikura u suffiċjenti tal-ilma tax-xorb, kif ukoll iġjene u ġestjoni tal-ilma sostenibbli u integrata, b'mod partikolari fil-livell lokali;

(k) Il-kisba ta' kopertura universali tas-saħħa, b'aċċess ekwu għal kull individwu u għal kull komunità għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità u affordabbli, inkluż servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom, permezz tal-appoġġ għall-bini ta' sistemi tas-saħħa inklużivi, b'saħħithom, ta' kwalità u reżiljenti li huma aċċessibbli għal kulħadd, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet għal twissija bikrija, tnaqqis tar-riskju, ġestjoni tar-riskju u rkupru; l-ikkomplementar tal-azzjoni permezz tal-programm qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġi indirizzat it-theddid globali għas-saħħa, jiġu żviluppati vaċċini, mediċini u trattamenti sikuri, effiċjenti u affordabbli kontra l-mard relatat mal-faqar u l-mard traskurat, u biex jitjiebu r-reazzjonijiet għall-isfidi tas-saħħa inkluż il-mard li jittieħed, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-mard u l-epidemiji emerġenti;

(l) L-appoġġ għal protezzjoni soċjali universali u ekwa kif ukoll it-tisħiħ ta' xbieki ta' sikurezza soċjali, networks u sistemi ta' appoġġ biex jiġi ggarantit introjtu bażiku, jiġi evitat il-faqar estrem u tinbena r-reżiljenza;

(m) Promozzjoni ta' żvilupp urban sostenibbli inklużiv biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza urbana, b'fokus fuq dawk li jinsabu l-aktar fil-bżonn;

(n) L-appoġġ għal awtoritajiet lokali, inkluż permezz tal-kooperazzjoni deċentralizzata, l-iżvilupp ta' kapaċitajiet u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi, biex fiż-żoni urbani u rurali tittejjeb il-lokalizzazzjoni tal-SDGs permezz tal-għoti u r-rispons ta' servizzi bażiċi, l-aċċess ekwu għas-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, l-abitazzjoni aċċessibbli, deċenti u affordabbli u l-kwalità tal-ħajja, b'mod partikolari għal dawk li jgħixu f'insedjamenti informali u f'bassifondi, it-tisħiħ u l-promozzjoni ta' parteċipazzjoni aċċessibbli u mekkaniżmi tal-ilmenti, speċjalment għal persuni u gruppi żvantaġġati u esklużi;

(o) Il-promozzjoni tat-twettiq tal-għanijiet maqbula fuq il-livell internazzjonali fl-edukazzjoni, b'fokus partikolari fuq it-tisħiħ tas-sistemi tal-edukazzjoni mingħajr ħlas, permezz ta' edukazzjoni ta' kwalità li tkun inklużiva u ekwa, formali, informali u mhux formali u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd, u fil-livelli kollha, b'mod partikolari matul it-tfulija bikrija u s-snin tal-primarja, taħriġ tekniku u vokazzjonali, kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi, u b'attenzjoni speċjali għan-nisa u l-bniet; u anki permezz ta' taħriġ u żvilupp professjonali għall-għalliema, u l-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jittejbu t-tagħlim u l-apprendiment fl-edukazzjoni;

(p) L-appoġġ għal azzjonijiet tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, għall-mobilità fit-tagħlim bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab jew bejn il-pajjiżi sħab stess, kif ukoll għall-kooperazzjoni u d-djalogu politiku ma' istituzzjonijiet, organizzazzjonijiet, korpi u awtoritajiet lokali ta' implimentazzjoni, minn dawk il-pajjiżi;

(q) Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija u r-riċerka, li b'mod partikolari jindirizzaw it-tibdil relatat mal-faqar u t-tibdil tas-soċjetà, id-data miftuħa, il-big data, l-intelliġenza artifiċjali u l-innovazzjoni, filwaqt li jiġi evitat il-fenomenu tal-eżodu ta' mħuħ;

(r) L-intensifikazzjoni ta' koordinazzjoni fost l-atturi rilevanti kollha fil-livelli kollha biex tingħata għajnuna lit-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' emerġenza naturali jew ikkawżata mill-bniedem għal fażi ta' żvilupp; l-iżgurar ta' ppjanar u programmazzjoni konġunti ta' interventi ta' kooperazzjoni, li jkunu koerenti mal-għajnuna umanitarja, u, fejn rilevanti, mal-azzjonijiet ta' konsolidazzjoni tal-paċi, abbażi ta' analiżi konġunta;

(s) L-appoġġ għal libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon jew tat-twemmin, inkluż permezz ta' miżuri biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' mibegħda, intolleranza u diskriminazzjoni bbażati fuq reliġjon jew twemmin u bit-trawwim tat-tolleranza u r-rispett tad-diversità reliġjuża u kulturali fi ħdan u bejn is-soċjetajiet;

(t) Il-promozzjoni ta' djalogu interkulturali u diversità kulturali fil-forom kollha tagħhom, u l-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali, u l-isfruttar tal-potenzjal tal-industriji kreattivi għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli;

(u) L-appoġġ għal azzjonijiet, u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni, fil-qasam tal-isport li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, taż-żgħażagħ, tal-individwi u tal-komunitajiet kif ukoll għall-objettivi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-inklużjoni soċjali tal-Aġenda 2030;

(v) Il-promozzjoni tad-dinjità u tar-reżiljenza ta' persuni spostati fit-tul, kif ukoll tal-inklużjoni tagħhom fil-ħajja ekonomika u soċjali tal-pajjiżi u tal-komunitajiet ospitanti, inkluż fil-livell lokali.

3. Il-migrazzjoni, l-ispostament furzat u l-mobbiltà

(a) It-tisħiħ tas-sħubijiet bilaterali, reġjonali u internazzjonali dwar il-migrazzjoni, l-ispostament furzat u l-mobbiltà abbażi ta' approċċ integrat u bilanċjat, li jkopru l-aspetti kollha tal-migrazzjoni inkluż l-għajnuna fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet bilaterali jew reġjonali tal-Unjoni, djalogi u arranġamenti, inkluż dawk dwar ir-ritorn u r-riammissjoni, perkorsi legali u sħubijiet ta' mobbiltà, b'rispett sħiħ għall-obbligi tad-dritt internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem;

(b) Sostenn għar-riintegrazzjoni sostenibbli tal-migranti li jirritornaw u l-familji tagħhom, kif ukoll ritorni sikuri u dinjitużi fost il-pajjiżi sħab b'rispett sħiħ tal-obbligi umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem skont id-dritt internazzjonali u tal-Unjoni;

(c) L-indirizzar u l-mitigazzjoni tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament furzat;

(d) L-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari u tal-ispostament sfurzat; it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet fil-kuntest tal-migrazzjoni inkluż dawk ikkawżati mit-traffikar ta' bnedmin u mill-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin, kif ukoll l-inklużjoni ta' miżuri ta' appoġġ biex jipproteġu vittmi ta' sfruttament u abbuż; u l-intensifikazzjoni ta' kooperazzjoni dwar ġestjoni integrata tal-fruntieri skont id-dritt internazzjonali u tal-Unjoni, id-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju u l-istandards tal-protezzjoni tad-data;

(e) It-tisħiħ xjentifiku, tekniku, tal-kapaċità istituzzjonali u tal-bniedem għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, inkluż taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem, appoġġ għall-proċeduri ta' pajjiżi sħab ta' akkoljenza, pproċessar, ażil u ritorn; it-tisħiħ ta' kooperazzjoni transfruntiera dwar l-iskambju ta' informazzjoni f'konformità mal-istandards tal-protezzjoni tad-data u l-obbligi relatati mad-dritt għall-privatezza skont id-dritt internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; u l-appoġġ għall-ġbir u l-użu ta' data preċiża u diżaggregata bħala bażi għal politiki bbażati fuq l-evidenza sabiex jiġu ffaċilitati l-migrazzjoni u l-mobbiltà ordnati, sikuri, regolari u responsabbli;

(f) L-appoġġ għal politiki ta' migrazzjoni effettivi u bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, fil-livelli kollha, inkluż programmi ta' protezzjoni;

(g) Il-promozzjoni ta' kondizzjonijiet għall-faċilitazzjoni, kif xieraq, tal-migrazzjoni legali u l-mobbiltà ġestita tajjeb, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri, u l-kuntatti bejn il-persuni, inkluż fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-iskambju kulturali u d-djalogu interkulturali, inkluż billi tingħata informazzjoni preċiża u f'waqtha, li jimmassimizza l-impatt għall-iżvilupp tal-migrazzjoni legali;

(h) It-titjib ta' fehim komuni tar-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, li jirrikonoxxi li l-migrazzjoni u l-mobbiltà ordnati, sikuri, regolari u responsabbli, il-paċi, il-governanza tajba, l-istabbiltà, it-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli huma interkonnessi b'mod qawwi, u l-insegwiment ta' sinerġiji f'dawn id-diversi dimensjonijiet;

(i) L-iżgurar tal-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, ir-refuġjati, il-persuni spostati u l-persuni spostati internament kollha, inkluż dawk spostati minħabba t-tibdil fil-klima, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għal gruppi vulnerabbli;

(j) L-appoġġ għal soluzzjonijiet orjentati lejn l-iżvilupp għal persuni spostati, persuni spostati internament u l-komunitajiet ospitanti tagħhom, inkluż permezz tal-inklużjoni soċjo-ekonomika b'aċċess għas-suq tax-xogħol, impjiegi deċenti, edukazzjoni u servizzi, biex jippromwovi d-dinjità, ir-reżiljenza u l-awtodipendenza ta' persuni spostati;

(k) L-appoġġ għal involviment tad-dijaspora fil-pajjiżi ta' oriġini biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż permezz tal-involviment ta' awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jittieħed kont tal-potenzjal tagħhom għal investimenti, b'appoġġ għall-inizjattivi ta' solidarjetà u intraprenditorjali tagħhom;

(l) Il-promozzjoni ta' trasferimenti ta' rimessa aktar veloċi, irħas u aktar sikuri kemm fil-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll f'dawk riċevituri, biex b'hekk jiġi sfruttat il-potenzjal tagħhom għall-iżvilupp.

Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam ser tiġi ġestita f'koerenza mar-regolamenti rilevanti tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni, b'rispett sħiħ għall-prinċipju ta' koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.

IL-PJANETA

4. Ambjent u tibdil fil-klima

(a) It-tisħiħ tal-kapaċità xjentifika, teknika, istituzzjonali u tal-bniedem għall-ġestjoni, l-integrazzjoni u l-monitoraġġ tal-klima u tal-ambjent; it-tisħiħ tal-governanza klimatika u ambjentali reġjonali, nazzjonali u lokali, u l-faċilitazzjoni tal-aċċess għal sorsi pubbliċi u privati għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, għall-ekosistemi u għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u għall-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll għall-assigurazzjoni;

(b) L-appoġġ għal adattament għat-tibdil fil-klima, b'enfasi speċjali fuq stati u popolazzjonijiet partikolarment vulnerabbli; l-għoti ta' kontribut għall-isforzi tas-sħab biex isegwu l-impenji tagħhom b'rabta mat-tibdil fil-klima, l-ekosistemi u l-konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluż fil-livell lokali, skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. Dawk l-isforzi jinkludu l-implimentazzjoni tal-NDCs u pjanijiet ta' azzjoni rigward il-mitigazzjoni u l-adattament, inkluż sinerġiji bejn l-adattament u l-mitigazzjoni, permezz ta' inizjattivi globali bħas-Sħubija dwar l-NDC, kif ukoll l-impenji tagħhom skont ftehimiet ambjentali multilaterali oħra, bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni;

(c) L-iżvilupp u/jew it-tisħiħ ta' tkabbir ekoloġiku u tkabbir blu sostenibbli u ekonomija ċirkolari fis-setturi ekonomiċi kollha;

(d) Il-promozzjoni ta' aċċess għall-enerġija sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; it-tisħiħ ta' kooperazzjoni fl-enerġija rinnovabbli sostenibbli, f'konformità sħiħa mal-ogħla standards internazzjonali inkluż għall-valutazzjoni tal-impatti ambjentali u tas-sikurezza kemm nazzjonali kif ukoll transkonfinali. Il-promozzjoni u ż-żieda ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija u l-produzzjoni u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli; il-promozzjoni ta' aċċess għal servizzi tal-enerġija affidabbli, sikuri, affordabbli, nodfa u sostenibbli; l-appoġġ, b'mod partikolari għal soluzzjonijiet fuq skala żgħira, ta' grilja żgħira u dawk mhux kollegati ma' grilja, ta' valur ambjentali u ta' żvilupp għoli, u soluzzjonijiet lokali u deċentralizzati li jiżguraw aċċess għall-enerġija għal persuni li jgħixu fil-faqar u f'żoni remoti;

(e) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex jiġu integrati l-objettivi tas-sostenibbiltà ambjentali u tat-tibdil fil-klima, u l-insegwiment tat-tkabbir ekoloġiku fl-istrateġiji tal-iżvilupp nazzjonali u lokali, inkluż l-appoġġ għal kriterji tas-sostenibbiltà fl-akkwist pubbliku;

(f) Il-promozzjoni ta' eliminazzjoni gradwali ta' sussidji għal karburanti fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent, swieq tal-enerġija stabbli u trasparenti u t-tnedija ta' grilji intelliġenti u l-użu ta' teknoloġiji diġitali għall-ġestjoni tal-enerġija sostenibbli;

(g) Il-promozzjoni ta' responsabbiltà soċjali korporattiva, diliġenza dovuta fil-ktajjen tal-provvista, u l-applikazzjoni konsistenti tal-prinċipji ta’ "approċċ prekawzjonarju" u ta' "min iniġġes iħallas";

(h) Il-promozzjoni ta' prattiki agrikoli ambjentalment sostenibbli, inkluż l-agroekoloġija u l-bijodiversità kif ukoll biex jissaħħu l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u jiġu promossi r-reżiljenza ambjentali u soċjali u ekosistemi b'saħħithom;

(i) It-titjib tan-networks u s-servizzi lokali, nazzjonali, reġjonali u kontinentali tat-trasport multimodali biex ikomplu jissaħħu l-opportunitajiet għal żvilupp ekonomiku u ħolqien tal-impjiegi sostenibbli u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, bil-ħsieb li jsir żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. It-tisħiħ tal-faċilitazzjoni u l-liberalizzazzjoni tat-trasport, titjib tas-sostenibbiltà, tas-sikurezza fit-toroq u tar-reżiljenza tad-dominji tat-trasport;

(j) It-tisħiħ tal-involviment tal-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali u l-popli indiġeni fir-risponsi għat-tibdil fil-klima, fil-ġlieda kontra t-telf tal-bijodiversità u l-kriminalità marbuta mal-organiżmi selvaġġi, fil-konservazzjoni ta' ekosistemi u fil-governanza sensittiva għall-konflitti ta' riżorsi naturali, inkluż permezz tat-titjib fil-ġestjoni taż-żamma tal-art u tar-riżorsi tal-ilma. Il-promozzjoni ta' żvilupp urban sostenibbli u tar-reżiljenza fiż-żoni urbani; it-tisħiħ u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u l-aċċess għal mekkaniżmi tal-ilmenti u ta' rimedju fil-livell nazzjonali u lokali, speċjalment għall-popli indiġeni kif stabbilit fl-UNDRIP;

(k) Il-promozzjoni tal-edukazzjoni għall-iżvilupp sostenibbli biex in-nies jingħataw is-setgħa li jittrasformaw is-soċjetà u jibnu futur sostenibbli;

(l) Il-promozzjoni tal-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-użu sostenibbli u sensittivi għall-konflitti u r-restawr ta' riżorsi naturali u ta' ekosistemi terrestri u mhux terrestri b's aħħithom, u t-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità, il-protezzjoni tal-organiżmi selvaġġi, inkluż il-ġlieda kontra l-kaċċa illegali u t-traffikar illeċitu ta' organiżmi selvaġġa; it-tisħiħ tal-konsultazzjoni u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni transkonfinali reġjonali u l-iżgurar ta' kunsens ħieles u infurmat minn qabel u l-parteċipazzjoni effettiva ta' popli indiġeni kif stabbilit fl-UNDRIP;

(m) Il-promozzjoni tal-ġestjoni integrata, sostenibbli, parteċipatorja u sensittiva għall-konflitti tar-riżorsi tal-ilma u l-kooperazzjoni transkonfinali dwar l-ilma f'konformità mad-dritt internazzjonali, li tinvolvi fejn rilevanti awtoritajiet lokali;

(n) Il-promozzjoni tal-konservazzjoni u t-tisħiħ tal-ħażniet tal-karbonju permezz ta' ġestjoni sostenibbli tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija, u l-ġlieda kontra d-degradazzjoni ambjentali, id-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art u tal-foresti, u n-nixfa, li tinvolvi fejn rilevanti awtoritajiet lokali;

(o) Il-promozzjoni tat-tisġir u l-protezzjoni tal-foresti naturali; it-tnaqqis tad-deforestazzjoni u l-promozzjoni tal-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali , u l-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u kontra l-kummerċ illegali tal-injam u ta' prodotti tal-injam.

L-appoġġ għal governanza aħjar u għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluż permezz ta' gvernijiet subnazzjonali; l-appoġġ għan-negozjar u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija volontarja;

(p) L-appoġġ għall-governanza tal-oċeani, inkluż il-protezzjoni, ir-restawr u l-preservazzjoni taż-żoni kostali u tal-baħar fil-forom kollha tagħhom, inkluż l-ekosistemi, il-ġlieda kontra l-iskart tal-baħar, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat u l-protezzjoni tal-bijodiversità marittima f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar;

(q) It-tisħiħ reġjonali għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, it-tħejjija u r-reżiljenza, inkluż permezz tal-investiment u permezz tal-promozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq il-komunità u ċċentrat fuq il-persuni, b'sinerġija ma' politiki u azzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima;

(r) Il-promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi u l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, b'mod partikolari tul il-katina tal-provvista kollha, lejn it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, inkluż billi jitrażżan l-użu ta' riżorsi naturali għall-finanzjament tal-konflitti, u billi tiġi appoġġata l-konformità tal-partijiet ikkonċernati ma' inizjattivi rilevanti; l-indirizzar tat-tniġġis, it-tnaqqis tas-sustanzi li jniġġsu l-arja, b'mod partikolari l-karbonju iswed u l-promozzjoni ta' ġestjoni tajba ta' sustanzi kimiċi u tal-iskart;

(s) L-appoġġ għal sforzi għat-titjib tad-diversifikazzjoni ekonomika sostenibbli, il-kompetittività, il-valur miżjud lokali fil-ktajjen tal-provvista u l-kummerċ ġust, l-iżvilupp tas-settur privat b'fokus partikolari fuq it-tkabbir ekoloġiku b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, l-SMEs u l-kooperattivi, filwaqt li jiġu sfruttati l-benefiċċji ta' ftehimiet kummerċjali eżistenti mal-Unjoni għall-iżvilupp sostenibbli;

(t) Il-promozzjoni tat-twettiq ta' impenji rigward il-konservazzjoni tal-bijodiversità fi ftehimiet internazzjonali;

(u) It-titjib tal-integrazzjoni u l-integrazzjoni tal-objettivi dwar it-tibdil fil-klima u dawk ambjentali permezz ta' appoġġ għall-ħidma metodoloġika u ta' riċerka;

(v) L-indirizzar tal-effetti globali u transreġjonali tat-tibdil fil-klima li għandhom impatt potenzjalment destabbilizzanti fuq l-iżvilupp, il-paċi u s-sigurtà.

IL-PROSPERITÀ

5. Tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli, kif ukoll impjiegi deċenti

(a) L-appoġġ lill-intraprenditorija, inkluż permezz tal-mikrofinanzjament, impjiegi u impjegabbiltà deċenti permezz tal-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi, tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, tat-titjib tal-applikazzjoni sħiħa tal-istandards internazzjonali tax-xogħol u inkluż id-djalogu soċjali u l-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal, kundizzjonijiet tax-xogħol f'ambjent tajjeb għas-saħħa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, pagi li jiggarantixxu l-għajxien u l-ħolqien ta' opportunitajiet b'mod partikolari għaż-żgħażagħ kif ukoll għan-nisa;

(b) L-appoġġ lill-perkorsi għall-iżvilupp nazzjonali u lokali li jimmassimizzaw l-eżiti u l-impatti soċjali pożittivi, inaqqsu r-riskju tal-esklużjoni u l-emarġinazzjoni ta' ċerti gruppi, il-promozzjoni ta' tassazzjoni u politiki pubbliċi ridistributtivi ġusti, effiċjenti u sostenibbli, u l-istabbiliment u t-tisħiħ ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali sostenibbli u skemi ta' assigurazzjoni soċjali sostenibbli; l-appoġġ għal sforzi fil-livelli nazzjonali u internazzjonali biex jiġu miġġielda l-evażjoni tat-taxxa u r-rifuġji fiskali;

(c) It-titjib tal-ambjent kummerċjali u tal-klima ta' investiment fil-livell lokali u dak nazzjonali, filwaqt li jinħoloq ambjent regolatorju li jippermetti l-iżvilupp ekonomiku u jingħata appoġġ lill-kumpanniji, b'mod partikolari lill-SMEs, inkluż negozji ġodda, kif ukoll kooperattivi, intrapriżi soċjali u l-intraprendituri nisa fl-espansjoni tan-negozju tagħhom u fil-ħolqien ta' impjiegi, u jingħata appoġġ għall-iżvilupp ta' ekonomija solidali u t-tisħiħ tal-imġiba responsabbli fin-negozju u tal-akkontabbiltà tas-settur privat;

(d) Il-promozzjoni tal-akkontabbiltà korporattiva u ta' mekkaniżmi ta' rimedju għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatati ma' attivitajiet tas-settur privat; l-appoġġ għal sforzi fil-livell lokali, reġjonali u globali biex tiġi żgurata l-konformità korporattiva mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u mal-iżviluppi regolatorji, inkluż dwar diliġenza dovuta obbligatorja, u ma' impenji internazzjonali dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem;

(e) It-tisħiħ tas-sostenibbiltà soċjali u ambjentali, tal-inklużività, tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u tal-imġiba responsabbli fin-negozju, u r-rispett u l-promozzjoni tal-istandards u l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem tul il-ktajjen kollha tal-valur, l-appoġġ għat-titjib tal-valur kondiviż u għall-kundizzjonijiet kummerċjali ġusti;

(f) Iż-żieda fir-relevanza, fl-effettività u fis-sostenibbiltà tan-nefqa pubblika, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-akkwist pubbliku sostenibbli; u l-promozzjoni ta' użu aktar strateġiku tal-finanzi pubbliċi, inkluż permezz ta' strumenti ta' taħlit biex jiġi attirat investiment addizzjonali mis-settur pubbliku u mis-settur privat;

(g) L-għoti ta' spinta lill-potenzjal tal-bliet bħala ċentri għal tkabbir u innovazzjoni sostenibbli u inklużivi;

(h) Il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna, li ssawwar rabtiet aktar b'saħħithom bejn iż-żoni urbani u dawk rurali u li tiffaċilita l-iżvilupp kemm tal-industriji kreattivi kif ukoll ta' settur tat-turiżmu sostenibbli bħala *leverage* għall-iżvilupp sostenibbli;

(i) L-għoti ta' spinta u d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-valur sostenibbli u inklużivi tal-agrikoltura u tal-ikel, filwaqt li jiġu promossi s-sigurtà tal-ikel u d-diversifikazzjoni ekonomika, it-titjib tal-valur, l-integrazzjoni reġjonali, il-kompetittività u l-kummerċ ġust, u jissaħħu l-innovazzjonijiet sostenibbli, b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima;

(j) L-iffukar fuq l-intensifikazzjoni agrikola ekoloġikament effiċjenti għal bdiewa żgħar, u b'mod partikolari n-nisa, billi jiġi pprovdut appoġġ għal politiki, strateġiji u oqfsa legali nazzjonali effettivi u sostenibbli, u għal aċċess ekwu u sostenibbli għar-riżorsi, inkluż l-art u d-dritt ta' art, l-ilma, inputs agrikoli oħra u l-(mikro)kreditu, u għall-ġestjoni ta' dawn ir-riżorsi;

(k) L-appoġġ għal parteċipazzjoni akbar tas-soċjetà ċivili, inkluż fil-livell reġjonali, u b'mod partikolari l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet tal-bdiewa fit-tfassil tal-politika u l-programmi ta' riċerka u t-titjib tal-involviment tagħhom fl-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-programmi tal-gvern;

(l) L-appoġġ għal ġestjoni sostenibbli tas-sajd u akkwakultura sostenibbli u l-promozzjoni tagħhom;

(m) It-trawwim ta' aċċess universali għal enerġija affordabbli, affidabbli u sostenibbli, filwaqt li tiġi promossa ekonomija ċirkolari b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u effiċjenti fir-riżorsi, f'konformità mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030;

(n) Il-promozzjoni ta' mobbiltà intelliġenti, sostenibbli, inklużiv u sikura, kif ukoll it-titjib tal-konnettività tat-trasport mal-Unjoni;

(o) Il-promozzjoni ta' konnettività diġitali aċċessibbli, affordabbli, inkluživa, affidabbli u sikura u t-tisħiħ tal-ekonomija diġitali; il-promozzjoni tal-litteriżmu u l-ħiliet diġitali; it-trawwim ta' intraprenditorija diġitali u l-ħolqien tal-impjiegi; il-promozzjoni tal-użu ta' teknoloġiji diġitali bħala faċilitatur għall-iżvilupp sostenibbli; l-indirizzar taċ-ċibersigurtà, il-privatezza tad-data u kwistjonijiet regolatorji oħra marbuta mad-diġitalizzazzjoni;

(p) L-iżvilupp u t-tisħiħ tas-swieq u tas-setturi b'tali mod li jissaħħu tkabbir inkluživ, sostenibbli u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u kummerċ ġust, kif ukoll titnaqqas l-emarġinazzjoni soċjo-ekonomika tal-gruppi vulnerabbli;

(q) L-appoġġ lill-aġenda dwar l-integrazzjoni reġjonali u lil politiki kummerċjali ottimali favur żvilupp inkluživ u sostenibbli, it-tisħiħ tal-kapaċità tal-pajjiżi li jinnegozjaw, u l-appoġġ għall-konsolidazzjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali bejn l-Unjoni u s-sħab tagħha, inkluż ftehimiet olistiċi u asimmetriċi mal-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw, f'konformità mal-istandards dwar id-drittijiet tal-bniedem; il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-multilateraliżmu, ta' kooperazzjoni ekonomika sostenibbli, kif ukoll ta' miżuri mmirati lejn il-promozzjoni u t-tisħiħ tar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

(r) Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija u r-riċerka, id-diġitalizzazzjoni, id-data miftuħa, il-big data u l-intelliġenza artifiċjali u l-innovazzjoni, inkluż l-iżvilupp tad-diplomazija tax-xjenza;

(s) Il-promozzjoni ta' djalogu interkulturali u diversità kulturali fil-forom kollha tagħhom, l-iżvilupp ta' artiġjanat lokali kif ukoll ta' arti kontemporanja u espressjonijiet kulturali, il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali, l-isfruttament tal-potenzjal tal-industriji kreattivi għal żvilupp sostenibbli, soċjali u ekonomiku, u l-iżgurar kif ukoll it-tisħiħ tad-drittijiet tal-popli indiġeni kif stabbilit fl-UNDRIP, u tal-komunitajiet lokali u l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom;

(t) It-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa biex ikollhom rwol akbar fl-ekonomija u fit-teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż fil-livell lokali;

(u) It-titjib tal-aċċess għal impjieg deċenti għal kulħadd f'ambjent b'saħħtu, u l-ħolqien ta' swieq tax-xogħol u politiki dwar l-impjieg aktar inklużivi u li jiffunzjonaw sew, u li jkunu orjentati lejn impjiegi deċenti, lejn ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol, inkluż pagi li jiggarantixxu l-għajxien, għal kulħadd, speċjalment għan-nisa u ż-żgħażagħ;

(v) Il-promozzjoni ta' aċċess għas-setturi estrattivi li jkun ġust, sostenibbli, mingħajr distorsjoni, sensittiv għall-konflitti u mhux korrott, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem; it-titjib tat-trasparenza, id-diliġenza dovuta u r-responsabbiltà tal-investitur filwaqt li tiġi promossa l-akkontabbiltà tas-settur privat; l-applikazzjoni ta' miżuri li jakkumpanjaw lir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn konflitti u ta' riskju għoli (ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1).

IL-PAĊI

6. Paċi, stabbiltà u prevenzjoni ta' konflitti

(a) L-għoti ta' kontribut għall-paċi, il-prevenzjoni ta' konflitti u għalhekk l-għoti ta' kontribut għall-istabbiltà permezz tat-tisħiħ tar-reżiljenza ta' stati, gvernijiet subnazzjonali, soċjetajiet, komunitajiet u individwi għal pressjonijiet u xokkijiet politiċi, ekonomiċi, ambjentali, alimentari, demografiċi, tas-sigurtà u soċjetali, inkluż permezz tal-ġlieda kontra t-theddid ibridu u l-appoġġ għal valutazzjonijiet tar-reżiljenza mfassla biex jiġu identifikati l-kapaċitajiet lokali fis-soċjetajiet li jippermettulhom jirreżistu u jadattaw għal dawn il-pressjonijiet u x-xokkijiet u jirkupraw malajr minnhom; l-indirizzar tal-esklużjoni politika u ekonomika u ta' kawżi fundamentali u strutturali fit-tul oħra għall-konflitti, l-insigurtà u l-instabbiltà;

(b) Il-promozzjoni ta' kultura ta' nonvjolenza, inkluż billi jingħata appoġġ lill-edukazzjoni formali informali dwar il-paċi;

(c) L-appoġġ għall-prevenzjoni ta' konflitti, it-twissija bikrija u l-konsolidazzjoni tal-paċi permezz tal-medjazzjoni u d-djalogu, il-ġestjoni ta' kriżijiet u l-istabbilizzazzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara konflitt, inkluż rwol imsaħħaħ għan-nisa f'dawn l-istadji kollha; il-promozzjoni, l-iffaċilitar u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fit-tisħiħ tal-fiduċja, il-medjazzjoni, id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni, ir-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u miżuri oħra li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti, b'mod partikolari fir-rigward ta' tensjonijiet interkomunitarji emerġenti kif ukoll miżuri ta' konċiljazzjoni bejn segmenti ta' soċjetajiet u konflitti u kriżijiet imtawla;

(d) L-appoġġ għar-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni tal-vittmi ta' konflitti armati, l-appoġġ għad-diżarm, id-demobilizzazzjoni u r-riintegrazzjoni ta' dawk li kienu kumbattenti u l-familji tagħhom fis-soċjetà u l-indirizzar tal-effetti soċjali tar-ristrutturazzjoni tal-forzi armati, inkluż il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa;

(e) It-tisħiħ tal-parteċipazzjoni sistematika tan-nisa u ż-żgħażagħ, inkluż fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tagħhom, fin-negozjati ta' paċi, fil-proċessi ta' rikonċiljazzjoni, fil-prevenzjoni ta' konflitti u fil-konsolidazzjoni tal-paċi, u l-inklużjoni tagħhom, il-parteċipazzjoni ċivili u politika sinifikanti tagħhom u r-rikonoxximent soċjali tagħhom f'konformità mal-UNSCR 1325 (2000), b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet u f'pajjiżi fraġli, b'konflitt u ta' wara konflitt, anki sabiex jiġi indirizzat l-impatt sproporzjonat tal-konflitt vjolenti fuqhom u sabiex jitqiesu aħjar il-ħtiġijiet speċjali tagħhom waqt konflitt;

(f) Il-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż l-użu tal-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra;

(g) L-appoġġ għal riforma tas-settur tas-sigurtà sensittiva għall-kwistjonijiet tal-ġeneru u għall-konflitti li tiggarantixxi r-rispett, il-promozzjoni u t-twettiq tal-valuri fundamentali u l-prinċipji ta' governanza tajba tal-Unjoni u li tipprovdi gradwalment kapaċitajiet u strumenti ta' sigurtà aktar effettivi, demokratiċi u responsabbli għall-iżvilupp sostenibbli u l-paċi għall-individwi, is-soċjetà ċivili u l-istat;

(h) L-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' atturi militari b'sostenn għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp, f'konformità mal-Artikolu 9;

(i) L-appoġġ għal inizjattivi ta' diżarm reġjonali u internazzjonali u għal sistemi u mekkaniżmi ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi;

(j) L-appoġġ għal inizjattivi lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali li jikkontribwixxu għas-sigurtà, l-istabbiltà u l-paċi, inkluż inizjattivi ta' diżarm u sistemi u mekkaniżmi ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-armi, it-tneħħija tal-mini u l-azzjoni kontra l-mini kif ukoll il-kollegament ta' dawn l-inizjattivi differenti, u l-indirizzar tal-impatt soċjo-ekonomiku tal-mini kontra l-persunal, ta' mezzi splussivi attivi jew ta' fdalijiet splussivi tal-gwerra fuq il-popolazzjoni ċivili, inkluż il-ħtiġijiet tan-nisa;

(k) Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu, kif ukoll il-protezzjoni tal-individwi minn tali theddid, inkluż permezz ta' azzjonijiet li jkunu speċifiċi għall-kuntest, sensittivi għall-kwistjonijiet tal-ġeneru u sensittivi għall-konflitti;

(l) L-appoġġ għal tribunali lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali *ad hoc*, u għal kummissjonijiet u mekkaniżmi għall-verità u r-rikonċiljazzjoni;

(m) Il-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza, korruzzjoni, kriminalità organizzata u ħasil tal-flus;

(n) Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni transkonfinali fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli, sensittiva għall-konflitti u parteċipatorja ta' riżorsi naturali kondiviżi f'konformità mad-dritt internazzjonali u dak tal-Unjoni, filwaqt li jiġu rrispettati u promossi d-drittijiet tal-bniedem tal-individwi u l-gruppi affettwati, inkluż tal-popli indiġeni kif stabbilit fl-UNDRIP u tal-komunitajiet lokali;

(o) Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-użu paċifiku tal-enerġija nukleari fl-oqsma tas-saħħa, l-agrikoltura u s-sikurezza tal-ikel, filwaqt li tkun żgurata l-konformità sħiħa mal-ogħla standards internazzjonali; kif ukoll l-appoġġ lill-azzjonijiet soċjali li jindirizzaw il-konsegwenzi fuq il-popolazzjoni fil-pajjiżi l-aktar esposti għal kwalunkwe inċident radjoloġiku u li għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom; il-promozzjoni tal-ġestjoni tal-għarfien, it-taħriġ u l-edukazzjoni f'oqsma relatati man-nukleari. Fejn applikabbli, dawn l-attivitajiet għandhom ikunu koerenti ma' dawk tal-Istrument Ewropew għall-Kooperazzjoni Internazzjonali dwar is-Sikurezza Nukleari;

(p) It-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza marittimi sabiex ikunu possibbli oċeani bla periklu, sikuri, nodfa u ġestiti b'mod sostenibbli;

(q) L-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fiċ-ċibersigurtà, f'networks diġitali reżiljenti, u fil-protezzjoni u l-privatezza tad-data, f'konformità mal-istandards u l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem.

IS-SĦUBIJA

7. Sħubija

(a) It-tisħiħ tas-sjieda nazzjonali, tas-sħubija u tad-djalogu kostruttiv, inkluż mas-soċjetà ċivili, sabiex jingħata kontribut għal aktar effettività fid-dimensjonijiet kollha tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (b'kunsiderazzjoni speċjali għall-isfidi speċifiċi tal-LDCs u tal-pajjiżi affettwati minn konflitti u mill-fraġilità, kif ukoll għall-isfidi tranżizzjonali tal-pajjiżi bi dħul medju u tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati), filwaqt li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, li jiġbor fih id-drittijiet tal-bniedem kollha u jiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

(b) L-approfondiment tad-djalogu politiku, ekonomiku, soċjali, ambjentali u kulturali bejn l-Unjoni, il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' impenji bilaterali u internazzjonali;

(c) It-trawwim ta' inklużività u kollaborazzjoni akbar tal-atturi kollha fl-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-politiki dwar l-azzjoni esterna, filwaqt li jsir sforz biex it-tagħlimiet meħuda jiġu kondiviżi, u l-kapaċitajiet, il-valur miżjud, l-eċċellenza u l-esperjenza jiġu mmassimizzati, biex b'hekk jissaħħu l-għanijiet, il-valuri u l-interessi komuni u l-ambizzjoni ta' ħidma mtejba flimkien;

(d) It-tisħiħ ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat, ta' integrazzjoni reġjonali, ta' konnettività msaħħa, ta' kooperazzjoni u ta' djalogu inklużiv u kostruttiv, inkluż, fost l-oħrajn, kooperazzjoni reġjonali msaħħa fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE dwar il-konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja, l-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali, is-Sħubija UE-Afrika, il-kooperazzjoni reġjonali tal-Baħar l-Iswed, il-kooperazzjoni dwar l-Artiku u d-Dimensjoni tat-Tramuntana;

(e) L-appoġġ għall-kooperazzjoni u t-tisħiħ tagħha minn pajjiżi u reġjuni sħab ma' reġjuni ultraperiferiċi tal-viċinat tal-Unjoni u ma' pajjiżi u territorji extra-Ewropej;

(f) Il-promozzjoni ta' ambjent abilitanti għall-organizzazzjonijiet u l-fondazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni sinifikanti, kontinwa u strutturata tagħhom fil-politiki domestiċi u dawk internazzjonali u l-kapaċità tagħhom li jwettqu r-rwoli tagħhom bħala atturi indipendenti fl-iżvilupp u l-governanza; u t-tisħiħ ta'approċċi b'diversi partijiet ikkonċernati u ta' modi ġodda ta' sħubija mal-atturi tas-soċjetà ċivili, inkluż l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa; l-appoġġ għad-demokrazija u l-espansjoni tal-ispazju ċiviku; il-promozzjoni ta' djalogu sostantiv u strutturat mal-Unjoni u l-użu u l-implimentazzjoni effettivi tal-pjanijiet direzzjonali tal-pajjiżi għall-involviment tal-Unjoni mas-soċjetà ċivili;

(g) L-involviment mal-awtoritajiet lokali u l-appoġġ għar-rwol tagħhom bħala dawk li jfasslu l-politika u jieħdu d-deċiżjonijiet, biex tingħata spinta lill-iżvilupp lokali, inkluż lill-ambjent kummerċjali, u lil governanza mtejba, kif ukoll atturi tal-iżvilupp u l-governanza; il-promozzjoni ta' qafas regolatorju u istituzzjonali li jippermetti lill-awtoritajiet lokali jeżerċitaw il-mandat tagħhom, isaħħaħ il-parteċipazzjoni sinifikanti, kontinwa u strutturata tagħhom fil-politiki domestiċi u internazzjonali; u t-tisħiħ ta' approċċi ta' governanza b'diversi partijiet ikkonċernati u f'diversi livelli u modi ġodda ta' sħubija ma' awtoritajiet lokali;

(h) L-involviment aktar effettiv mal-popolazzjoni, inkluż id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, f'pajjiżi terzi, inkluż billi jsir użu sħiħ mid-diplomazija ekonomika, kulturali u pubblika;

(i) L-involviment ta' pajjiżi industrijalizzati u ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, beni pubbliċi u sfidi globali, inkluż fil-qasam tal-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u dik triangolari;

(j) Tħeġġiġ ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali b'mod orjentat lejn ir-riżultati, permezz ta' appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali u d-djalogu;

(k) Il-bini ta' sħubijiet mas-settur privat biex jinħolqu l-impjiegi u jissaħħaħ l-għajxien f'pajjiżi sħab.

ANNESS III

OQSMA TA' INTERVENT GĦALL-PROGRAMMI TEMATIĊI

1. OQSMA TA' INTERVENT GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U D-DEMOKRAZIJA

L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-avvanz tal-valuri fundamentali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità, l-indiviżibbiltà u l-interdipendenza tad-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-NU u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

1. Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għal kulħadd, li jikkontribwixxi għall-bini ta' soċjetajiet li fihom ikunu prevalenti l-parteċipazzjoni, it-tolleranza, in-nondiskriminazzjoni, id-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza, il-ġustizzja soċjali, il-ġustizzja internazzjonali u l-akkontabbiltà. Dan jinkludi żewġ assi ewlenin:

   (a) Il-monitoraġġ, il-promozzjoni u t-tisħiħ tar-rispett u għad-drittijiet kollha tal-bniedem u l-osservanza tagħhom, sew jekk huma drittijiet ċivili u politiċi, sew jekk huma drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali.

Dan għandu jinkludi, fost l-oħrajn, azzjonijiet: għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, għall-promozzjoni tal-ġlieda kontra l-għajbien sfurzat, għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tat-tortura, tat-trattament ħażin u ta' pieni jew trattamenti krudili, inumani u degradanti oħra, għall-promozzjoni tal-libertà ta' espressjoni, ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon jew tat-twemmin; għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet fl-oqsma kollha tal-ħajja, inkluż fl-edukazzjoni, is-saħħa u dawk l-oqsma u d-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 8(4), tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u tal-miżuri ta' appoġġ biex tiġi eliminata kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet; għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, tan-nisa, taż-żgħażagħ, tal-persuni LGBTI, inkluż miżuri għad-dekriminalizzazzjoni tal-omosesswalità, tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali jew etniċi, reliġjużi u lingwistiċi, tal-popli indiġeni kif imsemmi fil-UNDRIP, u tal-persuni b'diżabbiltajiet, u għall-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe raġuni. Fl-ambitu speċifikat, l-assistenza tal-Unjoni għandha tindirizza b'mod partikolari l-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem l-aktar sensittivi għall-kuntest, tirreaġixxi għall-ispazju li qed jiċkien tas-soċjetà ċivili attiva fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll tiġġieled kontra sfidi emerġenti u kumplessi oħra;

(b) Il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha, b'mod partikolari fil-pajjiżi fejn in-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huwa partikolarment evidenti u sistematiku, inkluż fejn ikunu ġew introdotti miżuri restrittivi biex jiġu limitati l-azzjonijiet tagħhom u l-azzjoni tagħhom tkun kruċjali biex jissaħħaħ il-qafas istituzzjonali u legali tad-drittijiet tal-bniedem. Assistenza ta' emerġenza għal żmien medju u fit-tul kif ukoll miżuri sostenibbli għandhom jingħataw lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lis-soċjetà ċivili, b'mod partikolari lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lis-soċjetà ċivili lokali, inkluż permezz ta' mekkaniżmu dedikat għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, biex dawn iwettqu l-ħidma tagħhom mingħajr xkiel.

2. L-iżvilupp, l-appoġġ, il-konsolidazzjoni u l-protezzjoni tad-demokrazija, l-indirizzar ta' kull aspett tal-governanza demokratika, inkluż it-tisħiħ tal-pluraliżmu, ir-rappreżentanza u l-akkontabbiltà politiċi, it-tisħiħ tad-demokrazija fil-livelli kollha, it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili, l-appoġġ lil proċessi elettorali kredibbli, inklużivi u trasparenti kif ukoll l-appoġġ lill-kapaċità taċ-ċittadini fil-monitoraġġ ta' sistemi demokratiċi u elettorali, permezz tal-appoġġ għall-organizzazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali taċ-ċittadini domestiċi u n-networks reġjonali tagħhom . Id-demokrazija għandha tissaħħaħ permezz tar-rispett tal-pilastri prinċipali tas-sistemi demokratiċi, tan-normi u l-prinċipji demokratiċi, ta' media ħielsa, indipendenti u pluralistika, kemm online kif ukoll offline, tal-libertà tal-internet, tal-ġlieda kontra ċ-ċensura, ta' istituzzjonijiet responsabbli għal għemilhom u inklużivi, li jinkludu parlamenti u partiti politiċi, u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-assistenza tal-Unjoni għandha tappoġġa l-azzjoni tas-soċjetà ċivili fit-tisħiħ tal-istat tad-dritt, il-promozzjoni tal-indipendenza tal-ġudikatura u tal-leġiżlatura, l-appoġġ u l-evalwazzjoni tar-riformi legali u istituzzjonali u l-implimentazzjoni tagħhom, il-monitoraġġ ta' sistemi demokratiċi u elettorali u l-promozzjoni tal-aċċess għal ġustizzja affordabbli għal kulħadd, inkluż għal mekkaniżmi effettivi u aċċessibbli tal-ilmenti u ta' rimedju fil-livell nazzjonali u lokali.

L-osservazzjoni elettorali għandha taqdi rwol sħiħ fl-appoġġ usa' għall-proċessi demokratiċi. F'dan il-kuntest, l-osservazzjoni elettorali tal-UE għandha tkompli tkun komponent ewlieni tal-programm, bħalma għandu jkun il-każ ukoll tas-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE.

L-oqsma ta' intervent 1 u 2 għandhom jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u tas-sħubija mas-soċjetà ċivili li taħdem fuq id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, inkluż f'sitwazzjonijiet sensittivi, u għat-trawwim ta' sinerġiji reġjonali u transreġjonali ġodda, permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien, inkluż il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, u l-bini ta' networks fost is-soċjetà ċivili lokali u bejn is-soċjetà ċivili u korpi u mekkaniżmi rilevanti oħra tad-drittijiet tal-bniedem biex jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom, inkluż ir-reżiljenza tagħhom, u biex tiġi żviluppata narrattiva konvinċenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija b'effett multiplikatur.

3. Il-promozzjoni ta' multilateraliżmu effettiv u ta' sħubija strateġika, li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-istrumenti u l-mekkaniżmi internazzjonali, reġjonali u nazzjonali fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Is-Sħubiji Strateġiċi għandhom jingħataw spinta, b'attenzjoni partikolari għall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-mekkaniżmi internazzjonali, reġjonali u nazzjonali rilevanti oħra għad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, il-programm għandu jippromwovi l-edukazzjoni u r-riċerka dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, inkluż permezz tal-Kampus Globali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. OQSMA TA' INTERVENT GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI

1. Soċjetà ċivili inklużiva, parteċipatorja, responsabbilizzata u indipendenti u spazju demokratiku fil-pajjiżi sħab

(a) Il-ħolqien ta' ambjent abilitanti u aċċessibbli għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-azzjoni tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz ta' fondazzjonijiet bl-appoġġ lill-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili fi djalogi ta' politika u l-konsolidazzjoni ta' pjattaformi ta' djalogu għall-atturi mhux statali;

(b) L-appoġġ lill-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet u l-fondazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u t-tisħiħ tagħhom, biex huma stess jaġixxu kemm bħala atturi għall-iżvilupp kif ukoll għal governanza tajba;

(c) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-appoġġ tagħhom ta' gruppi vulnerabbli u emarġinati bl-għoti ta' servizzi soċjali bażiċi bħas-saħħa - inkluż in-nutrizzjoni, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali u l-aċċess għal ilma sikur, sanità u iġjene;

(d) L-appoġġ u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-organizzazzjonijiet tan-nisa u ta' organizzazzjonijiet rilevanti oħra li jaħdmu fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll tan-nisa impenjati fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem biex ikollhom l-opportunità li jaħdmu u jkunu protetti minn theddid u vjolenza;

(e) It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tan-networks, il-pjattaformi u l-alleanzi tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab;

(f) L-għoti ta' kapaċità lis-soċjetà ċivili biex twettaq il-ħidma tagħha, permezz, fost l-oħrajn, tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, tal-koordinazzjoni u t-tisħiħ istituzzjonali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filwaqt li jittieħed kont tal-importanza ta' spazju abilitanti għall-azzjonijiet tagħhom u li jkollhom aċċess għal finanzjament, inkluż għall-involviment fi ħdan l-organizzazzjonijiet tagħhom u bejn tipi differenti ta' partijiet ikkonċernati. It-trawwim tad-djalogu bejn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-gvernijiet dwar l-ordni pubbliku.

2. Djalogu inklużiv u miftuħ mal-atturi tas-soċjetà ċivili u bejniethom

(a) Il-promozzjoni ta' fora ta' djalogu inklużivi b'diversi partijiet ikkonċernati, inkluż interazzjoni u koordinazzjoni bejn iċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali, l-Istati Membri, il-pajjiżi sħab, is-settur privat u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra tal-iżvilupp;

(b) Il-possibbiltà ta' kooperazzjoni u skambju ta' għarfien u esperjenza bejn u ma' atturi tas-soċjetà ċivili fil-livell domestiku u dak internazzjonali;

(c) It-trawwim ta' kooperazzjoni u sħubiji ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ma' organizzazzjonijiet intergovernattivi internazzjonali, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet bil-għan li tiġi promossa u mmonitorjata l-implimentazzjoni ta' strumenti internazzjonali u reġjonali, inkluż dawk li jikkonċernaw id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja, l-istat tad-dritt u d-demokrazija;

(d) L-iżgurar ta' djalogu sostantiv strutturat u li jibqa' għaddej u ta' sħubiji mal-Unjoni.

3. Sensibilizzazzjoni, fehim, għarfien u involviment taċ-ċittadini Ewropej fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' żvilupp

(a) It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-persuni biex jiżdied l-involviment tagħhom fi kwistjonijiet ta' żvilupp u l-SDGs, inkluż permezz tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, il-promozzjoni ta' edukazzjoni formali, informali u mhux formali għall-iżvilupp, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u l-promozzjoni tal-kondiviżjoni ta' għarfien bejn l-atturi rilevanti, b'enfasi fuq l-Istati Membri tal-Unjoni, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali;

(b) Il-mobilizzazzjoni tal-appoġġ pubbliku fl-Unjoni, fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali għal strateġiji ta' żvilupp sostenibbli u inklużivi, inkluż it-tnaqqis tal-faqar, fil-pajjiżi sħab.

3. OQSMA TA' INTERVENT GĦALL-PAĊI, L-ISTABBILTÀ U L-PREVENZJONI TA' KONFLITTI

1. Assistenza għall-prevenzjoni ta' konflitti, il-konsolidazzjoni tal-paċi u t-tħejjija għal kriżijiet

L-Unjoni għandha tipprovdi assistenza teknika u finanzjarja li tkopri appoġġ għal miżuri li huma sensittivi għall-konflitti u mmirati lejn il-bini u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab biex janalizzaw ir-riskji, jipprevjenu l-konflitti, jikkonsolidaw il-paċi u jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' qabel u ta' wara kriżi f'koordinazzjoni mill-qrib man-NU u organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sottoreġjonali oħra, kif ukoll mal-Istat u ma' atturi tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali, fir-rigward tal-isforzi tagħhom prinċipalment fl-oqsma li ġejjin, inkluż billi tingħata attenzjoni speċifika lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżgurar tal-parteċipazzjoni effettiva u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u taż-żgħażagħ:

(a) twissija bikrija u analiżi tar-riskju li tkun sensittiva għall-konflitti fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni tal-politika;

(b) il-faċilitazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fit-tisħiħ tal-fiduċja, il-medjazzjoni, id-djalogu u miżuri ta' rikonċiljazzjoni, inkluż fil-livell komunitarju, b'attenzjoni partikolari għal tensjonijiet interkomunitarji emerġenti, speċjalment bil-ħsieb għall-prevenzjoni tal-ġenoċidju u r-reati kontra l-umanità;

(c) il-prevenzjoni ta' konflitti;

(d) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-parteċipazzjoni u l-iskjerament f'missjonijiet ta' stabbilizzazzjoni ċivili, taż-żamma tal-paċi u tal-konsolidazzjoni tal-paċi;

(e) it-titjib tal-irkupru ta' wara l-konflitti kif ukoll tal-irkupru ta' wara d-diżastri b'rilevanza għas-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà;

(f) appoġġ għall-istabbilizzazzjoni, is-sikurezza tal-individwi u l-miżuri ta' restawr tas-sigurtà tal-bniedem, inkluż azzjoni kontra l-mini, it-tneħħija tal-mini u l-ġustizzja tranżizzjonali f'konformità ma' ftehimiet multilaterali rilevanti;

(g) appoġġ għal azzjonijiet għall-konsolidazzjoni tal-paċi u għall-bini tal-Istat, bl-involviment, fejn ikun meħtieġ, ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, stati u organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-istat u s-soċjetà;

(h) kontribut għall-iżvilupp ulterjuri ta' djalogu strutturali dwar kwistjonijiet tal-konsolidazzjoni tal-paċi f'diversi livelli, bejn is-soċjetà ċivili u pajjiżi sħab, u mal-Unjoni;

(i) rispons u stat ta' tħejjija għal kriżijiet;

(j) trażżin tal-użu tar-riżorsi naturali għall-finanzjament ta' konflitti, u appoġġ biex il-partijiet ikkonċernati jkunu konformi ma' inizjattivi bħall-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Proċessi Kimberley, inkluż atti legali bħar-Regolament (UE) 2017/821, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni ta' kontrolli domestiċi effiċjenti fuq il-produzzjoni u l-kummerċ ta' riżorsi naturali;

(k) bini tal-kapaċitajiet tal-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp, f'konformità mal-Artikolu 9;

(l) appoġġ għal azzjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-UNSCRs 1325 (2000) u 2250 (2015) kif ukoll il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza tan-nisa u ż-żgħażagħ fi proċessi ta' paċi formali u informali;

(m) promozzjoni ta' kultura ta' nonvjolenza, inkluż billi jingħata appoġġ lill-edukazzjoni formali informali dwar il-paċi;

(n) appoġġ għal azzjonijiet li jsaħħu r-reżiljenza tal-istati, is-soċjetajiet, il-komunitajiet u l-individwi, inkluż valutazzjonijiet tar-reżiljenza mfassla biex jidentifikaw il-kapaċitajiet endoġeni fis-soċjetajiet li jippermettulhom jirreżistu u jadattaw għal pressjonijiet u xokkijiet u jirkupraw malajr minnhom;

(o) appoġġ għat-tribunali kriminali internazzjonali u tribunali nazzjonali *ad hoc*, kummissjonijiet tal-verità u tar-rikonċiljazzjoni, il-ġustizzja tranżizzjonali u mekkaniżmi oħra għas-soluzzjoni legali ta' talbiet marbutin mad-drittijiet tal-bniedem u l-asserzjoni u l-aġġudikazzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà;

(p) appoġġ għall-miżuri biex jiġi miġġieled l-użu illegali ta' armi tan-nar, armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-aċċess għalihom;

(q) appoġġ għat-trasferiment ta' kompetenzi, l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prassi, l-istima tar-riskju jew tat-theddid, ir-riċerka u l-analiżi, is-sistemi ta' twissija bikrija, it-taħriġ u t-twettiq ta' servizzi.

2. Għajnuna fl-indirizzar ta' theddid globali u transreġjonali u theddid emerġenti

L-Unjoni għandha tipprovdi assistenza teknika u finanzjarja biex tappoġġa l-isforzi tas-sħab u l-azzjonijiet tal-Unjoni fl-indirizzar ta' theddid globali u transreġjonali u theddid emerġenti, prinċipalment fl-oqsma li ġejjin:

(a) theddid għal-liġi u l-ordni, u għas-sigurtà u s-sikurezza tal-individwi, inkluż it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità organizzata, iċ-ċiberkriminalità, it-theddid ibridu, it-traffikar, il-kummerċ u t-tranżitu illeċiti; b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ċivili involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, inkluż iċ-ċiberkriminalità;

(b) theddid għall-ispazji pubbliċi, infrastruttura kritika, inkluż it-trasport internazzjonali, kif ukoll it-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija, l-attivitajiet tal-enerġija u d-distribuzzjoni tal-enerġija, iċ-ċibersigurtà;

(c) theddid għas-saħħa pubblika, inkluż epidemiji mhux mistennija b'impatt potenzjalment tranżnazzjonali;

(d) theddid għall-istabbiltà ambjentali, theddid għas-sigurtà marittima, theddid li jkollu impatt potenzjalment destabbilizzanti fuq il-paċi u s-sigurtà, li jirriżulta minn impatti tat-tibdil fil-klima;

(e) mitigazzjoni kontra riskji, kemm jekk ikunu ta' oriġini intenzjonali, aċċidentali jew naturali, relatati ma' materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari, jew aġenti u riskji relatati ma' installazzjonijiet jew siti, jew fdalijiet esplożivi ta' gwerer u konflitti, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

   (i) appoġġ u promozzjoni tal-attivitajiet ċivili ta' riċerka bħala alternattiva għar-riċerka relatata mad-difiża;

   (ii) tisħiħ tal-prassi tas-sikurezza marbutin ma' faċilitajiet ċivili fejn jinħażnu jew jiġu ġestiti materjali jew aġenti sensittivi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari fil-kuntest ta' programmi ċivili ta' riċerka;

(iii) appoġġ, fil-qafas tal-politiki ta' kooperazzjoni tal-Unjoni u tal-objettivi tagħhom, għall-istabbiliment ta' infrastruttura ċivili u għal studji ċivili rilevanti, neċessarji għaż-żarmar, ir-rimedju jew il-konverżjoni ta' faċilitajiet u siti marbutin mal-armi meta dawn jiġu ddikjarati bħala li ma għadhomx parti minn programm ta' difiża;

(iv) tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet ċivili kompetenti involuti fl-iżvilupp u l-infurzar tal-kontroll effettiv tat-traffikar illegali ta' materjali jew aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (inkluż it-tagħmir għall-produzzjoni jew il-kunsinna tagħhom);

(v) żvilupp tal-qafas legali u tal-kapaċitajiet istituzzjonali għall-istabbiliment u l-infurzar tal-kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni, b'mod partikolari fuq prodotti b'użu doppju, inkluż miżuri ta' kooperazzjoni reġjonali u fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi u l-promozzjoni tal-adeżjoni miegħu;

(vi) żvilupp ta' stat ta' tħejjija effettiva taċ-ċivil għad-diżastri, l-ippjanar u r-rispons għal emerġenzi, u l-kapaċitajiet għal miżuri ta' tindif.

Fejn applikabbli, dawn l-attivitajiet għandhom ikunu koerenti ma' dawk tal-Istrument Ewropew għall-Kooperazzjoni Internazzjonali dwar is-Sikurezza Nukleari;

(f) bini tal-kapaċitajiet tal-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp, f'konformità mal-Artikolu 9.

Għandha tingħata prijorità lill-kooperazzjoni transreġjonali li tinvolvi żewġ pajjiżi terzi jew aktar li urew li għandhom rieda politika ċara biex jindirizzaw it-theddid imsemmi hawn fuq.

Il-miżuri għandhom ipoġġu enfasi partikolari fuq governanza tajba u għandhom ikunu f'konformità mad-dritt internazzjonali. Il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu tista' ssir ukoll ma' pajjiżi, reġjuni jew organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sub-reġjonali individwali.

Fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lil awtoritajiet involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, għandha tingħata prijorità lill-miżuri ta' appoġġ li jikkonċernaw l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-liġijiet dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi finanzjarja, il-liġi doganali u l-liġi dwar l-immigrazzjoni, l-iżvilupp tal-proċeduri ta' infurzar tal-liġi li jkunu allinjati mal-ogħla standards internazzjonali u li jkunu f'konformità mad-dritt internazzjonali, it-tisħiħ tal-kontroll demokratiku u tal-mekkaniżmi ta' superviżjoni istituzzjonali, u l-prevenzjoni ta' radikaliżmu vjolenti.

Fir-rigward ta' għajnuna relatata mal-problema tad-drogi, għandha tingħata attenzjoni xierqa lill-kooperazzjoni internazzjonali li għandha l-għan li tippromwovi l-aħjar prassi marbuta mat-tnaqqis fit-talba, fil-produzzjoni u fil-ħsara.

4. OQSMA TA' INTERVENT GĦALL-ISFIDI GLOBALI

A. IN-NIES

1. Saħħa

(a) Żvilupp ta' elementi kruċjali ta' sistema tas-saħħa effettiva u komprensiva, inkluż mard li jittieħed, li jistgħu jiġu indirizzati aħjar fil-livell globali biex jiġi żgurat aċċess ekwu, affordabbli, inklużiv u universali għas-servizzi tas-saħħa, inkluż dawk imsemmija fl-Artikolu 8(4);

(b) Promozzjoni, forniment u espansjoni tas-servizzi essenzjali u tas-servizzi ta' appoġġ psikoloġiku għall-vittmi tal-vjolenza, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal vittmi ta' stupru;

(c) Rinforz ta' inizjattivi globali ewlenin li jippermettu kopertura universali tas-saħħa, permezz ta' tmexxija globali f'approċċ "is-saħħa fil-politiki kollha" b'kontinwità tal-kura, inkluż il-promozzjoni tas-saħħa mill-prevenzjoni sa wara t-trattament;

(d) Indirizzar tas-sigurtà tas-saħħa globali u r-reżistenza għall-antimikrobiċi permezz ta' riċerka dwar mard li jittieħed, inkluż mard relatat mal-faqar u mard ittraskurat u li jista' jiġi evitat bit-tilqim, u tal-kontroll tiegħu, u permezz tal-ġlieda kontra mediċini foloz, filwaqt li l-għarfien jissarraf fi prodotti sikuri, aċċessibbli u affordabbli (inkluż mediċini ġeneriċi) u dijanjostika u teknoloġiji relatati mas-saħħa, u permezz ta' politiki li jindirizzaw il-piż tal-mard dejjem jinbidel (mard li ma jittiħidx, il-forom kollha ta' malnutrizzjoni u fatturi ta' riskju ambjentali), u billi s-swieq globali jissawru b'tali mod biex jittejjeb l-aċċess għal komoditajiet u servizzi tas-saħħa essenzjali u affordabbli, inkluż dawk imsemmija fl-Artikolu 8(4);

(e) Appoġġ għal inizjattivi globali għall-iżvilupp ta' vaċċini sikuri, effiċjenti u affordabbli.

2. Edukazzjoni

(a) Promozzjoni tal-ilħuq ta' għanijiet tal-edukazzjoni maqbula fil-livell internazzjonali permezz ta' sforzi globali konġunti għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità aċċessibbli, inkluživ u ekwitabbli, inkluż għall-għalliema, fil-livelli kollha, għal kull età, anke f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi u billi tingħata prijorità partikolari għat-tisħiħ ta' sistemi tal-edukazzjoni mingħajr ħlas;

(b) Tisħiħ tal-għarfien, il-ħiliet u l-valuri permezz ta' sħubiji u alleanzi, inkluż appoġġ għad-data u l-analiżi, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-iskambju ta' għarfien fil-qasam tal-edukazzjoni kif ukoll għan-networks tal-edukazzjoni, għal ċittadinanza attiva u soċjetajiet produttivi, edukati, demokratiċi, inklużivi u reżiljenti;

(c) Appoġġ għall-azzjonijiet globali għat-tnaqqis tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi fid-dimensjonijiet kollha, bħad-differenzi bejn il-bniet/in-nisa u s-subien/l-irġiel, u bejn gruppi differenti tas-soċjetà, biex jiġi żgurat li kulħadd ikollu opportunità ugwali biex jipparteċipa fil-ħajja ekonomika, politika, soċjali u kulturali;

(d) Appoġġ għall-edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità f'ambjenti fraġli;

(e) Appoġġ għal azzjonijiet u promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-isport sabiex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u taż-żgħażagħ, l-individwi u l-komunitajiet.

3. Ugwaljanza bejn il-ġeneri u tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet

(a) Impenn għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bniet u n-nisa fl-isferi kollha; inkluż appoġġ biex jiġi stabbilit ambjent ekonomiku, politiku u soċjali aktar favorevoli għat-twettiq tad-drittijiet tal-bniet u tan-nisa li jippermettulhom jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà, ikollhom opportunitajiet ugwali ta' tmexxija fil-ħajja soċjali, ekonomika, politika u ċivili u jkunu mutur tal-iżvilupp;

(b) Tmexxija u appoġġ ta' sforzi globali, sħubiji u alleanzi globali favur id-drittijiet tan-nisa u l-bniet, kif stabbilit fil-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-Protokoll Fakultattiv tagħha biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet, inkluż l-esklużjoni li n-nisa jbatu fl-oqsma differenti tal-ħajja privata u pubblika tagħhom bħalma huma s-suq tax-xogħol u l-aċċess għas-servizzi soċjali u tas-saħħa;

(c) Tmexxija u appoġġ ta' sforzi, sħubiji u alleanzi globali favur id-drittijiet tan-nisa sabiex jiġu eliminati l-forom kollha ta' vjolenza, prattiki li jagħmlu ħsara lin-nisa u lill-bniet, inkluż vjolenza fiżika, psikoloġika, sesswali u bbażata fuq il-ġeneru, mutilazzjoni ġenitali femminili, kif ukoll żwieġ furzat u bikri u tat-tfal u vjolenza u diskriminazzjoni ekonomiċi, politiċi u ta' tip ieħor, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif ukoll l-esklużjoni li n-nisa jsofru f'oqsma differenti tal-ħajja privata u pubblika tagħhom;

(d) Indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri bħala mezz ta' appoġġ għall-prevenzjoni ta' konflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi; promozzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, inkluż fir-rwoli tagħhom bħala atturi għall-iżvilupp u bennejja tal-paċi;

(e) Promozzjoni tal-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet kollha tan-nisa u tal-bniet, inkluż dawk imsemmija fl-Artikolu 8(4);

(f) Promozzjoni tal-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, inkluż id-drittijiet ekonomiċi, politiċi, tax-xogħol u soċjali u dawk imsemmija fl-Artikolu 8(4).

4. Tfal u Żgħażagħ

(a) Promozzjoni tal-aċċess universali għas-servizzi kollha tas-saħħa u dawk soċjali, għat-tfal u ż-żgħażagħ, inkluż dawk l-aktar emarġinati, b'enfasi fuq is-saħħa, in-nutrizzjoni, l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, u l-iżvilupp bikri tat-tfal, inkluż permezz ta' servizzi ddedikati għaż-żgħażagħ;

(b) Promozzjoni ta' inizjattivi ġodda biex jiġu żviluppati sistemi aktar b'saħħithom ta' protezzjoni tat-tfal f'pajjiżi terzi, li jiżguraw li t-tfal jibdew ħajjithom bl-aħjar mod possibbli u jkunu protetti mill-vjolenza, l-abbużi u n-negliġenza fl-oqsma kollha, inkluż billi tiġi promossa t-tranżizzjoni minn indukrar istituzzjonali tat-tfal għal indukrar tat-tfal ibbażat fil-komunità;

(c) Promozzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ billi jinfetħu spazji għall-parteċipazzjoni attiva u sinifikanti tagħhom fi kwistjonijiet li jikkonċernawhom, b'mod partikolari fil-ħajja politika u fil-proċess ta' paċi u fl-isforzi ta' medjazzjoni, billi jiġu appoġġati inizjattivi ta' djalogu interkulturali fost l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u jiġu evitati l-emarġinazzjoni u l-esklużjoni;

(d) Żieda fl-għajnuna għaż-żgħażagħ biex tgħinhom jiksbu ħiliet rilevanti u jaċċessaw impjiegi diċenti u ta' kwalità permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali u tekniku, kif ukoll it-teknoloġiji diġitali;

(e) Promozzjoni tat-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażagħ u taċ-ċittadinanza responsabbli, billi jinfetħu spazji għall-parteċipazzjoni attiva u sinifikanti tagħhom fil-ħajja politika u fil-proċess ta' paċi u fl-isforzi ta' medjazzjoni, billi jiġu appoġġati inizjattivi ta' djalogu interkulturali fost l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u jiġu evitati l-emarġinazzjoni u l-esklużjoni;

(f) Ħolqien ta' ambjent favorevoli li jipprovdi opportunitajiet ġodda u innovattivi għal involviment ċiviku taż-żgħażagħ, intraprenditorija taż-żgħażagħ u impjiegi għaż-żgħażagħ.

5. Il-migrazzjoni, l-ispostament furzat u l-mobbiltà

(a) L-iżgurar tat-tmexxija kontinwa tal-Unjoni fit-tiswir tal-aġenda globali dwar il-governanza tal-migrazzjoni u tal-ispostament sfurzat fid-dimensjonijiet kollha tagħha, partikolarment biex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni ordnata, sikura, regolari u responsabbli, skont id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati u d-dritt umanitarju internazzjonali;

(b) Tmexxija u appoġġ lid-djalogi ta' politika globali u transreġjonali, inkluż dwar migrazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar, u l-iskambju u l-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat;

(c) L-għoti ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u l-ispostament sfurzat, inkluż fil-livell tan-NU;

(d) Titjib tal-bażi globali tal-evidenza, inkluż ir-rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, u bidu ta' azzjonijiet ta' karattru pilota bl-għan li jiġu żviluppati approċċi operazzjonali innovattivi fil-qasam tal-migrazzjoni u taċ-ċaqliq sfurzat;

(e) Spinta lil sħubijiet strateġiċi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti biex jappoġġaw il-kooperazzjoni internazzjonali u l-governanza tal-migrazzjoni skont id-drittijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati.

Il-kooperazzjoni f'dan il-qasam ser tiġi ġestita f'koerenza mar-regolamenti rilevanti tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni, b'rispett sħiħ għall-prinċipju ta' koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.

6. Xogħol diċenti, protezzjoni soċjali, inugwaljanza u inklużjoni

(a) Formazzjoni tal-aġenda globali u appoġġ għal inizjattivi tal-integrazzjoni ta' pilastru b'saħħtu dwar l-ekwità u l-ġustizzja soċjali, f'konformità mal-valuri Ewropej;

(b) Kontribut għall-aġenda globali dwar xogħol diċenti għal kulħadd f'ambjent san, fuq il-bażi tal-istandards tax-xogħol ewlenin tal-ILO, inkluż id-djalogu soċjali, paga li tiggarantixxi l-għajxien u l-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, b'mod partikolari biex il-ktajjen tal-valur ikunu sostenibbli u responsabbli, u biex jittejjeb l-għarfien dwar politiki tax-xogħol effettivi, li jintegraw id-dimensjoni tal-ġeneru u jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jippromwovu l-inklużjoni soċjo-ekonomika, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tul il-ħajja;

(c) appoġġ għal inizjattivi globali favur in-negozji u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-akkontabbiltà ta' rendikont korporattiv għall-ksur tad-drittijiet u l-aċċess għar-rimedji;

(d) Appoġġ għal inizjattivi globali dwar il-protezzjoni soċjali universali li jirrispettaw il-prinċipji tal-effiċjenza, is-sostenibbiltà u l-ekwità; inkluż appoġġ għall-indirizzar tal-inugwaljanza sabiex jittejbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari bl-istabbiliment u t-titjib ta' sistemi tal-protezzjoni soċjali u skemi tas-sigurtà soċjali sostenibbli;

(e) Kontinwità tar-riċerka u l-iżvilupp globali permezz tal-innovazzjoni soċjali li ssaħħaħ l-inklużjoni soċjali u tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi u d-drittijiet tat-taqsimiet l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà;

(f) Promozzjoni u appoġġ għall-isforzi biex il-ħajja soċjali, politika u ekonomika ssir aktar inklużiva u biex jiġu indirizzati l-instigaturi soċjo-ekonomiċi tal-konflitti.

7. Kultura

(a) Promozzjoni ta' inizjattivi għad-diversità kulturali, id-djalogu interkulturali u interreliġjuż għal relazzjonijiet interkomunitarji paċifiċi;

(b) Appoġġ għall-kultura bħala katalist għal żvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli u għar-rinforz tal-kooperazzjoni rigward il-patrimonju kulturali, u l-preservazzjoni tiegħu;

(c) Żvilupp tal-artiġjanat lokali, bħala mezz biex jiġi ppreservat il-patrimonju kulturali lokali u jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli;

(d) Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar is-salvagwardja, il-konservazzjoni u t-titjib tal-patrimonju kulturali, inkluż il-preservazzjoni ta' patrimonju kulturali partikolarment vulnerabbli, b'mod partikolari minn komunitajiet minoritarji u iżolati u popli indiġeni kif stipulat fl-UNDRIP;

(e) L-għoti ta' appoġġ għar-ritorn ta' proprjetà kulturali lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom;

(f) Appoġġ għall-kooperazzjoni kulturali, inkluż permezz ta' skambji, sħubiji u inizjattivi oħra u rikonoxximent tal-professjonaliżmu tal-awturi, l-artisti u l-operaturi kulturali u kreattivi;

(g) Appoġġ għall-kooperazzjoni u s-sħubiji fost l-organizzazzjonijiet tal-isport.

B. IL-PJANETA

1. Żgurar ta' ambjent san u indirizzar tat-tibdil fil-klima

(a) Tisħiħ tal-klima globali u tal-governanza ambjentali, l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Konvenzjoni tan-NU għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni u ta' ftehimiet ambjentali multilaterali oħra;

(b) Kontribut għall-projezzjoni esterna tal-politiki ambjentali u l-politiki tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima;

(c) Integrazzjoni tal-objettivi ambjentali, il-preservazzjoni tal-ekosistemi u l-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-istat ta' tħejjija fil-politiki, il-pjanijiet u l-investimenti inkluż permezz ta' għarfien u informazzjoni mtejba;

(d) Implimentazzjoni ta' inizjattivi internazzjonali u tal-Unjoni li jippromwovu l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tal-effetti tiegħu kif ukoll l-iżvilupp b'emissjonijiet baxxi li jkun reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż bl-implimentazzjoni tal-NDCs u strateġiji fit-tul għal emissjonijiet baxxi u li jkunu reżiljenti għat-tibdil fil-klima, promozzjoni tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, indirizzar tad-degradazzjoni ambjentali u t-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità, promozzjoni tal-preservazzjoni u tal-użu sostenibbli u l-ġestjoni tal-ekosistema tal-art u tal-baħar u ta' riżorsi naturali rinnovabbli, inkluż l-art, l-ilma, l-oċeani, is-sajd u l-foresti, promozzjoni tat-tisġir u protezzjoni tal-foresti naturali, indirizzar tad-deforestazzjoni, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-qtugħ illegali ta' siġar għall-injam u t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi, ġlieda kontra t-tniġġis, inkluż l-iskart fil-baħar, u żgurar ta' ambjent san, indirizzar tal-kwistjonijiet tal-klima u dawk ambjentali, inkluż iċ-ċaqliq minħabba diżastri naturali, promozzjoni tal-konsum u l-produzzjoni effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi, ġestjoni integrata tar-riżors tal-ilma u ġestjoni għaqlija ta' sustanzi kimiċi u tal-iskart u appoġġ għat-tranżizzjoni għal ekonomiji b'emissjonijiet baxxi, reżiljenti għat-tibdil fil-klima, ekoloġiċi u ċirkolari, kif ukoll promozzjoni tar-responsabbiltà korporattiva u ta' mġiba responsabbli fin-negozju;

(e) Promozzjoni ta' prattiki agrikoli ambjentalment sostenibbli, li jinkludu l-agroekoloġija, sabiex jiġu protetti l-ekosistemi u l-bijodiversità u tissaħħaħ ir-reżiljenza ambjentali u soċjali għat-tibdil fil-klima, b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ għall-bdiewa żgħar, il-ħaddiema u l-artiġjani;

(f) Implimentazzjoni ta' inizjattivi internazzjonali u tal-Unjoni li jindirizzaw it-telf tal-bijodiversità, il-promozzjoni tal-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u l-ġestjoni tal-ekosistemi tal-art u tal-baħar u l-bijodiversità assoċjata;

(g) Promozzjoni ta' eliminazzjoni gradwali ta' sussidji fuq karburanti fossili li huma ta' ħsara għall-ambjent, inkoraġġiment tal-adozzjoni ta' tariffi li jirriflettu l-kostijiet mill-utilitajiet tal-enerġija, u esplorazzjoni ta' alternattivi aktar kosteffettivi u li ma jagħmlux ħsara lill-klima għall-protezzjoni soċjali.

2. Enerġija Sostenibbli

(a) Appoġġ għall-isforzi, l-impenji, is-sħubiji u l-alleanzi globali, inkluż it-tranżizzjoni lejn l-enerġija sostenibbli;

(b) Promozzjoni tas-sigurtà tal-enerġija għal pajjiżi sħab u l-komunitajiet lokali, inkluż id-diversifikazzjoni tas-sorsi u tar-rotot, il-konsiderazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-volatilità tal-prezzijiet, il-potenzjal tat-tnaqqis tal-emissjonijiet, it-titjib tas-swieq u t-trawwim tal-interkonnessjonijiet u l-kummerċ tal-enerġija u b'mod partikolari tal-elettriku;

(c) Inkoraġġiment lill-gvernijiet sħab biex jadottaw politika għas-settur tal-enerġija u riformi tas-suq biex jistabbilixxu ambjent li jwassal għat-tkabbir inklużiv u għal investimenti li jżidu l-aċċess għal kulħadd għal servizzi tal-enerġija li ma jagħmlux ħsara lill-klima, li jkunu affordabbli, moderni, affidabbli u sostenibbli, filwaqt li tingħata prijorità lill-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija;

(d) Esplorazzjoni, identifikazzjoni, integrazzjoni globali u appoġġ lil mudelli kummerċjali finanzjarjament sostenibbli b'potenzjal li jiġu skalati jew replikati li jipprovdu teknoloġiji diġitali u innovattivi permezz ta' riċerka innovattiva li tiżgura aktar effiċjenza, b'mod partikolari għal approċċi deċentralizzati li jipprovdu aċċess għall-enerġija permezz ta' enerġija rinnovabbli, inkluż f'żoni fejn il-kapaċità tas-suq lokali tkun limitata.

C. IL-PROSPERITÀ

1. Tkabbir sostenibbli u inklużiv, impjiegi deċenti u involviment tas-settur pubbliku

(a) Promozzjoni ta' investiment privat sostenibbli permezz ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi u kondiviżjoni tar-riskju;

(b) Titjib tal-ambjent tan-negozju u tal-klima tal-investiment, bl-iżvilupp ta' settur privat lokali responsabbli mil-lat soċjali u ekoloġiku, appoġġ biex jittejjeb id-djalogu pubbliku-privat u biex jissaħħu l-kapaċitajiet, il-kompetittività u r-reżiljenza ta' SMEs u ta' negozji ġodda lokali, kif ukoll ta' kooperattivi u intrapriżi soċjali, u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekonomija lokali, reġjonali u globali;

(c) Promozzjoni ta' inklużjoni finanzjarja billi jitrawwem l-aċċess għal u l-użu effettiv tas-servizzi finanzjarji, bħall-mikrokreditu u t-tfaddil, il-mikroassigurazzjoni u t-trasferiment tal-pagamenti, mill-SMEs u l-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari l-gruppi żvantaġġati u vulnerabbli;

(d) Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' politika kummerċjali tal-Unjoni u għall-ftehimiet kummerċjali, f'konformità mal-iżvilupp sostenibbli; tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-pajjiżi sħab fil-kummerċ u titjib tal-aċċess għas-swieq tal-pajjiżi sħab u billi tingħata spinta lill-kummerċ ġust, lill-investiment b'responsabbiltà u lill-opportunitajiet ta' negozju għall-kumpanniji mill-Unjoni, filwaqt li jiġu eliminati l-ostakli għall-aċċess għas-suq u l-investiment, kif ukoll bil-għan li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-klima, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm kemm jista' jkun possibbli kondiviżjoni tal-valur miżjud u diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista, b'kont meħud tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp;

(e) Promozzjoni ta' taħlita ta' politika effettiva li tappoġġa d-diversifikazzjoni ekonomika, iż-żieda fil-valur u l-integrazzjoni reġjonali, u l-ekonomiji ekoloġiċi u blu sostenibbli;

(f) Trawwim ta' aċċess għal teknoloġiji diġitali, inkluż promozzjoni tal-aċċess għall-finanzi u l-inklużjoni finanzjarja, kif ukoll il-kummerċ elettroniku;

(g) Promozzjoni tal-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u teknoloġiji u prattiki innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet, effiċjenti fir-riżorsi, u l-ekonomija ċirkolari;

(h) Tisħiħ tas-sostenibbiltà soċjali u ambjentali, tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u ta' mġiba responsabbli fin-negozju tul il-ktajjen kollha tal-valur;

(i) Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-flussi finanzjarji illeċiti kif ukoll l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa. Promozzjoni tat-tassazzjoni progressiva, il-miżuri kontra l-korruzzjoni u politiki għal infiq pubbliku ridistributtiv;

(j) Promozzjoni tat-tkabbir inklużiv, inkluż bil-promozzjoni u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni tan-nisa u ż-żgħażagħ u billi jiġu identifikati u indirizzati b'mod proattiv l-emarġinazzjoni ekonomika ta' gruppi speċifiċi.

2. Sigurtà alimentari u nutrizzjonali

(a) Appoġġ u influwenza fuq strateġiji, organizzazzjonijiet, mekkaniżmi u atturi internazzjonali li jniedu kwistjonijiet u oqfsa ta' politika globali maġġuri relatati mas-sigurtà alimentari u nutrizzjonali sostenibbli, tnaqqis tal-frammentazzjoni fl-arkitettura nutrizzjonali globali u kontribut għall-akkontabbiltà ta' rendikont rigward impenji internazzjonali dwar is-sigurtà alimentari, in-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli;

(b) Titjib tal-prodotti pubbliċi globali bil-ħsieb li jintemmu l-ġuħ u l-malnutrizzjoni; żgurar ta' aċċess ekwu għall-ikel inkluż billi tingħata għajnuna biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-finanzjament għan-nutrizzjoni, inkluż permezz ta' għodod bħan-Network Globali dwar il-Kriżijiet tal-Ikel biex tittejjeb il-kapaċità biex jingħata rispons adegwat għal kriżijiet tal-ikel u n-nutrizzjoni;

(c) Titjib ta' sforzi transsettorjali b'mod koordinat u aċċellerat sabiex tiżdied il-kapaċità għall-produzzjoni tal-ikel lokali u reġjonali diversifikata, tiġi żgurata s-sigurtà nutrizzjonali u alimentari u l-aċċess għall-ilma tax-xorb, u tissaħħaħ ir-reżiljenza ta' dawk l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari fil-pajjiżi li jiffaċċjaw kriżijiet fit-tul jew rikorrenti;

(d) Riaffermazzjoni fil-livell globali tar-rwol ċentrali tal-agrikoltura u s-sajd u l-akkwakultura sostenibbli, inkluż l-agrikoltura fuq skala żgħira, it-trobbija tal-bhejjem u l-pastoraliżmu għal sigurtà alimentari akbar, għall-qerda tal-faqar, il-ħolqien tal-impjiegi, l-aċċess ekwu u sostenibbli għar-riżorsi u l-ġestjoni tagħhom, inkluż l-art u d-drittijiet tal-art, l-ilma, iż-żrieragħ b'sors miftuħ u kontributi agrikoli oħra u l-(mikro)kreditu, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza u ekosistemi sani;

(e) Forniment ta' innovazzjonijiet permezz ta' riċerka internazzjonali u rinforz tal-għarfien u tal-għarfien espert globali, promozzjoni u tisħiħ tal-istrateġiji ta' adattament lokali u awtonomi, b'mod partikolari dawk relatati mal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-agrobijodiversità, il-ktajjen tal-valur globali u inklużivi, il-kummerċ ġust, is-sikurezza alimentari, investimenti responsabbli, il-governanza tal-art u d-dominju ta' riżorsi naturali.

D. SĦUBIJIET

1. Tisħiħ tar-rwol tal-awtoritajiet lokali bħala atturi tal-iżvilupp, permezz ta':

(a) Iż-żieda tal-kapaċità istituzzjonali u operattiva tal-awtoritajiet lokali Ewropej u tal-pajjiżi sħab u tan-networks u l-alleanzi tagħhom, bħala atturi tal-iżvilupp u sħab fit-tfassil ta' politika biex jikkontribwixxu għall-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politiki u ftehimiet b'enfasi fuq l-interessi ta' komunitajiet lokali; it-tisħiħ tar-rwol tagħhom fis-sensibilizzazzjoni dwar ir-riforma ta' deċentralizzazzjoni, u l-iżvilupp lokali u urban; l-iżgurar ta' djalogu dwar politika strutturat sostantiv u kontinwu fil-qasam tal-iżvilupp u l-promozzjoni ta' governanza demokratika, b'mod partikolari permezz tal-Approċċ Territorjali għall-Iżvilupp Lokali inkluż il-proċessi ta' deċentralizzazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-akkontabbiltà;

(b) Żieda fl-interazzjonijiet maċ-ċittadini Ewropej dwar l-Edukazzjoni u s-Sensibilizzazzjoni dwar l-Iżvilupp (inkluż il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-involviment), b'mod partikolari b'relazzjoni mal-SDGs, inkluż fl-Unjoni u t-territorji assoċjati kif ukoll fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali.

2. Promozzjoni ta' soċjetajiet inklużivi u inizjattivi b'diversi partijiet ikkonċernati, governanza ekonomika tajba, inkluż mobilizzazzjoni ġusta u inklużiva tad-dħul domestiku, speċjalment fil-kuntest ta' kooperazzjoni internazzjonali dwar it-taxxa bl-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa, ġestjoni trasparenti tal-finanzi pubbliċi u nefqa pubblika effettiva u inklużiva f'konformità mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji ta' governanza tajba.

3. Appoġġ għall-valutazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tas-sħubiji u l-effettività.

ANNESS IV

OQSMA TA' INTERVENT GĦAL AZZJONIJIET TA' RISPONS RAPIDU

1. Azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni ta' konflitti f'sitwazzjonijiet ta' urġenza, ta' kriżi emerġenti, waqt kriżi u wara kriżi, inkluż dawk li jistgħu jirriżultaw minn flussi migratorji u spostament sfurzat.

   L-azzjonijiet ta' rispons rapidu li jissemmew fil-punt (a) tal-Artikolu 4 (4) għandhom jitfasslu biex l-Unjoni tagħti rispons effettiv, effiċjenti, integrat u sensittiv għall-konflitti fis-sitwazzjonijiet eċċezzjonali u imprevisti li ġejjin:

   (a) sitwazzjoni ta' urġenza, ta' kriżi, ta' fraġilità, ta' theddid ibridu, ta' kriżi emerġenti jew ta' diżastri naturali, fejn rilevanti għall-istabbiltà, il-paċi u s-sigurtà;

   (b) sitwazzjoni li tippreżenta theddida għall-paċi, għad-demokrazija, għal-liġi u l-ordni, għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, jew għas-sigurtà u s-sikurezza ta' individwi, b'mod partikolari dawk esposti għal vjolenza sesswali u vjolenza bbażata fuq il-ġeneri f'sitwazzjonijiet ta' instabbiltà;

   (c) sitwazzjoni li thedded li jkun hemm eskalazzjoni għal konflitt armat jew għal destabbilizzazzjoni severa f'pajjiż terz jew fil-pajjiżi kkonċernati.

Dawk l-azzjonijiet ta’ rispons rapidu jistgħu jkopru dan li ġej:

(a) appoġġ, permezz tal-provvista ta' għajnuna teknika u loġistika, għall-isforzi mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u lokali u mill-Istat u l-atturi tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tal-bini tal-fiduċja, il-medjazzjoni, id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni, il-ġustizzja tranżizzjonali, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u ż-żgħażagħ, partikolarment fir-rigward ta' tensjonijiet fil-komunità u konflitti fit-tul;

(b) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-UNSCRs dwar in-nisa, iż-żgħażagħ, il-paċi u s-sigurtà;

(c) appoġġ għall-istabbiliment u l-funzjonament ta' amministrazzjonijiet interim awtorizzati f'konformità mad-dritt internazzjonali;

(d) appoġġ għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet statali pluralistiċi u demokratiċi, inkluż miżuri biex jissaħħaħ ir-rwol tan-nisa f'tali istituzzjonijiet, amministrazzjoni ċivili effettiva u sorveljanza ċivili tas-sistema tas-sigurtà, kif ukoll miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-forom kollha ta' traffikar illegali;

(e) appoġġ għat-tribunali kriminali internazzjonali u t-tribunali nazzjonali *ad hoc*, għall-kummissjonijiet tal-verità u tar-rikonċiljazzjoni, għall-ġustizzja tranżizzjonali u mekkaniżmi oħra għas-soluzzjoni legali ta' talbiet marbutin mad-drittijiet tal-bniedem u d-dikjarazzjoni u l-aġġudikazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà;

(f) appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istat - quddiem pressjonijiet sinifikanti biex jibni, iżomm jew jirrestawra malajr il-funzjonijiet ewlenin tiegħu, u għall-koeżjoni soċjali u politika bażika;

(g) appoġġ għal miżuri meħtieġa biex jingħata bidu għar-riabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni ta' infrastruttura ewlenija, tad-djar, tal-bini pubbliku u tal-assi ekonomiċi, u l-kapaċità produttiva essenzjali, u miżuri oħra biex jerġa' jingħata bidu għall-attività ekonomika, biex jinħolqu impjiegi u biex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet minimi meħtieġa għal żvilupp soċjali sostenibbli;

(h) appoġġ għal miżuri ċivili relatati mad-demobilizzazzjoni u mar-riintegrazzjoni tal-eks kumbattenti u l-familji tagħhom fis-soċjetà ċivili, u fejn xieraq, mar-ripatrijazzjoni tagħhom, kif ukoll għal miżuri li jindirizzaw il-problema tas-suldati tfal u tal-kumbattenti nisa;

(i) appoġġ għal miżuri biex itaffu l-effetti soċjali tar-ristrutturazzjoni tal-forzi armati;

(j) appoġġ għal miżuri biex, fil-qafas tal-politiki tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni u tal-objettivi tagħhom, jindirizzaw l-impatt soċjo-ekonomiku tal-mini tal-art kontra l-bniedem, ta' splussivi attivi jew ta' fdal esplożiv ieħor tal-gwerra fuq il-popolazzjoni ċivili. L-attivitajiet iffinanzjati taħt l-Istrument jistgħu jkopru, fost l-oħrajn, edukazzjoni dwar riskji, il-kxif u t-tneħħija ta' mini u wkoll il-qerda ta' ħażniet;

(k) appoġġ għal miżuri biex, fil-qafas tal-politiki tal-Unjoni dwar il-kooperazzjoni u tal-objettivi tagħhom, jiġi miġġieled l-użu illegali tal-armi tan-nar, tal-armi ħfief u tal-armi ta' kalibru żgħir u l-aċċess għalihom;

(l) appoġġ għal miżuri li jiżguraw li l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' konflitt, inkluż l-esponiment tagħhom għal vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, jiġu ssodisfati b'mod adegwat;

(m) appoġġ għar-riabilitazzjoni u r-riintegrazzjoni tal-vittmi ta' konflitt armat, inkluż il-miżuri li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u tat-tfal;

(n) appoġġ għal miżuri li jippromwovu u jiddefendu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, u l-istrumenti internazzjonali relatati;

(o) appoġġ għal miżuri soċjo-ekonomiċi li jippromwovu l-aċċess ekwu għar-riżorsi naturali f'sitwazzjoni ta' kriżi jew ta' kriżi emerġenti, inkluż il-konsolidazzjoni tal-paċi, u l-ġestjoni trasparenti tagħhom;

(p) appoġġ għal miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt potenzjali ta' ċaqliq għall-għarrieda ta' popolazzjonijiet b'rilevanza għall-qagħda politika u tas-sigurtà, inkluż miżuri li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-komunitajiet li jilqgħuhom;

(q) appoġġ għal miżuri li jippromwovu l-iżvilupp u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-parteċipazzjoni tagħha fil-proċess politiku, inkluż il-miżuri li jsaħħu r-rwol tan-nisa f'tali proċessi u miżuri li jippromwovu mezzi tal-informazzjoni indipendenti, pluralista u professjonali;

(r) appoġġ għal miżuri ta' rispons għal diżastri naturali jew diżastri kkaġunati mill-bniedem li jheddu l-istabbiltà, u għal theddid għas-saħħa pubblika marbut ma' pandemiċi, meta ma jkunx hemm għajnuna umanitarja u ta' protezzjoni ċivili mill-Unjoni jew billi jikkomplementawha;

(s) bini tal-kapaċitajiet tal-atturi militari b'appoġġ għall-iżvilupp u s-sigurtà għall-iżvilupp, f'konformità mal-Artikolu 9.

2. Azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-reżiljenza u li jorbtu l-għajnuna umanitarja, l-azzjonijiet għall-iżvilupp u, fejn rilevanti, il-konsolidazzjoni tal-paċi

L-azzjonijiet ta' rispons rapidu msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 4(4) għandhom jitfasslu biex effettivament isaħħu r-reżiljenza u jżidu l-koordinazzjoni, il-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-għajnuna umanitarja, l-azzjonijiet tal-iżvilupp u, fejn rilevanti, il-konsolidazzjoni tal-paċi li ma jistgħux jiġu indirizzati malajr permezz ta' programmi ġeografiċi u tematiċi.

Dawk l-azzjonijiet ta' rispons rapidu jistgħu jkopru dan li ġej:

(a) tisħiħ tar-reżiljenza, indirizzar ta' fatturi ta' fraġilità u ta' instigaturi potenzjali ta' konflitt billi jingħata appoġġ lil individwi, komunitajiet, istituzzjonijiet, u pajjiżi biex iħejju aħjar, jiffaċċjaw, jadattaw u jirkupraw malajr minn pressjonijiet u xokkijiet politiċi, ekonomiċi u soċjetali, diżastri naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem, konflitti, pandemiji u theddid globali, inkluż permezz tal-identifikazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom; billi tissaħħaħ il-kapaċità ta' stat - quddiem pressjonijiet sinifikanti biex malajr jibni, iżomm jew jirrestawra l-funzjonijiet ewlenin tiegħu, u koeżjoni bażika soċjali u politika, kif ukoll billi jingħata appoġġ lil soċjetajiet, komunitajiet u individwi biex jiġġestixxu opportunitajiet u riskji b'mod paċifiku u li jkun sensittiv għall-konflitti, u biex jibnu, iżommu jew jirrestawraw l-għajxien tagħhom u s-servizzi soċjali quddiem pressjonijiet kbar billi jingħata appoġġ għal inizjattivi internazzjonali u multilaterali rilevanti li jkollhom l-istess finijiet;

(b) il-mitigazzjoni tal-effetti avversi fit-terminu qasir li jirriżultaw minn xokkijiet eżoġeni li joħolqu instabbiltà makroekonomika, bl-għan li jiġu ssalvagwardjati r-riformi soċjo-ekonomiċi u n-nefqa pubblika ta' prijorità għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku u t-tnaqqis tal-faqar;

(c) it-twettiq ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni fit-terminu qasir biex il-vittmi ta' diżastri naturali jew ta' diżastri kkawżati mill-bniedem, ta' konflitti u ta' theddid globali jkunu jistgħu jibbenefikaw minn livell minimu ta' standards soċjo-ekonomiċi u, mill-aktar fis possibbli, joħolqu l-kondizzjonijiet għat-tkomplija tal-iżvilupp abbażi ta' objettivi fit-tul stabbiliti mill-pajjiżi u r-reġjuni kkonċernati u l-popolazzjonijiet affettwati; dan jinkludi l-indirizzar tal-ħtiġijiet urġenti u immedjati li jirriżultaw mill-ispostament ta' nies u l-komunitajiet li jospitawhom wara diżastri naturali u diżastri kkawżati mill-bniedem;

(d) assistenza għar-reġjuni, u l-istati, fil-livell nazzjonali jew lokali, jew organizzazzjonijiet rilevanti internazzjonali jew tas-soċjetà ċivili, biex jistabbilixxu mekkaniżmi fit-terminu qasir għall-prevenzjoni ta' diżastri u t-tħejjija għalihom, inkluż għat-tbassir u t-twissija bikrija, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-konsegwenzi tad-diżastri;

(e) miżuri ta' appoġġ li jħaddmu approċċi integrati b'mod partikolari billi jtejbu l-koordinazzjoni u l-applikazzjoni ta' approċċi sensittivi għall-konflitti permezz ta' atturi umanitarji, tal-iżvilupp u, fejn rilevanti, ta' konsolidazzjoni tal-paċi.

3. Azzjonijiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera tal-Unjoni

L-azzjonijiet ta' rispons rapidu biex jingħata appoġġ lill-objettivi stipulati fil-punt (c) tal-Artikolu 4(4) għandhom jappoġġaw il-politika estera tal-Unjoni fi kwistjonijiet relatati mal-politika, mal-ekonomija u mas-sigurtà. Dawk l-azzjonijiet għandhom jippermettu lill-Unjoni taġixxi fejn ikun hemm interess urġenti jew imperattiv ta' politika barranija, jew inkella possibbiltà ta' opportunità biex jinkisbu l-objettivi tagħha, li jkunu jeħtieġu reazzjoni rapida u ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati faċilment b'mezzi oħra.

Dawk l-azzjonijiet ta’ rispons rapidu jistgħu jkopru dan li ġej:

(a) appoġġ għall-istrateġiji ta' kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u interreġjonali tal-Unjoni, promozzjoni tad-djalogu ta' politika u żvilupp ta' approċċi u risponsi kollettivi għal sfidi ta' tħassib globali, bħall-migrazzjoni u l-ispostament furzat, it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet ta' sigurtà, inkluż il-medjazzjoni, u l-isfruttar ta' possibbiltajiet ta' opportunità f'dan ir-rigward;

(b) appoġġ għall-politika kummerċjali tal-Unjoni u n-negozjar, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' ftehimiet kummerċjali; u għat-titjib tal-aċċess għas-swieq tal-pajjiżi sħab u biex tingħata spinta lill-opportunitajiet ta' kummerċ, investiment u negozju għall-kumpanniji tal-Unjoni, b'mod partikolari l-SMEs, filwaqt li jiġu eliminati l-ostakli għall-aċċess għas-suq u l-investiment u jiġu protetti d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, permezz ta' diplomazija ekonomika, kooperazzjoni kummerċjali u regolatorja, bl-adattamenti neċessarji għas-sitwazzjoni speċifika tal-pajjiż sieħeb, filwaqt li jittieħed kont tal-prinċipju tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp kif stabbilit fl-Artikoli 208 u 212 TFUE u l-impenji internazzjonali msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament;

(c) kontributi għall-implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-politiki interni tal-Unjoni bħal, fost l-oħrajn, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, ix-xjenza u l-edukazzjoni u kooperazzjoni rigward il-ġestjoni u l-governanza tal-oċeani kif ukoll appoġġ għall-konverġenza regolatorja;

(d) promozzjoni ta' fehim u viżibbiltà wiesgħa tal-Unjoni u tar-rwol tagħha fix-xena dinjija, permezz ta' komunikazzjoni strateġika, diplomazija pubblika, kuntatti bejn in-nies, diplomazija kulturali, kooperazzjoni fi kwistjonijiet edukattivi u akkademiċi, u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni biex jiġu promossi l-valuri u l-interessi tal-Unjoni.

Dawk l-azzjonijiet ta' rispons rapidu għandhom jeżegwixxu politiki jew inizjattivi innovattivi, li jikkorrispondu għal ħtiġijiet, opportunitajiet u prijoritajiet attwali jew evolventi fit-terminu qasir jew medju, inkluż bil-potenzjal li jinfurmaw azzjonijiet fil-futur taħt programmi ġeografiċi jew tematiċi. Dawk l-azzjonijiet għandhom jiffukaw fuq l-approfondiment tar-relazzjonijiet u d-djalogu tal-Unjoni kif ukoll fuq il-bini ta' sħubiji u ta' alleanzi ma' pajjiżi ewlenin ta' interess strateġiku, speċjalment dawk l-ekonomiji emerġenti u l-pajjiżi bi dħul medju li għandhom rwol dejjem aktar importanti fix-xena dinjija, fil-governanza globali, fil-politika estera, fl-ekonomija internazzjonali u fil-fora multilaterali.

ANNESS V

OQSMA TA' PRIJORITÀ TAL-OPERAZZJONIJIET TAL-EFSD+ KOPERTI MILL-GARANZIJA GĦALL-AZZJONI ESTERNA

L-operazzjonijiet tal-EFSD+ eliġibbli għall-appoġġ mill-Garanzija għall-azzjoni esterna għandhom ikunu mmirati b'mod partikolari lejn l-oqsma ta' prijorità li ġejjin:

(a) jipprovdu finanzjament u appoġġ għall-iżvilupp tas-settur privat u dak kooperattiv li jikkonforma mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 209(2) tar-Regolament Finanzjarju f'konformità mal-fini tal-Artikolu 31(2) ta' dan ir-Regolament, b'enfasi partikolari fuq kumpanniji lokali u fuq SMEs, fuq il-promozzjoni tal-ħolqien ta' impjiegi diċenti abbażi tal-istandards ewlenin tal-ILO dwar ix-xogħol u fuq l-inkoraġġiment għall-kumpanniji Ewropej biex jikkontribwixxu għall-fini tal-EFSD+;

(b) jindirizzaw il-konġestjonijiet għall-investimenti privati billi jipprovdu strumenti finanzjarji, li jistgħu jkunu ddenominati fil-munita lokali tal-pajjiż sieħeb ikkonċernat, inkluż garanziji kontra l-ewwel telf għall-portafolli, garanziji għal proġetti fis-settur pubbliku bħal garanziji għal self għal SMEs, u garanziji għal riskji speċifiċi għal proġetti ta' infrastruttura u kapital ta' riskju ieħor;

(c) jagħtu rinforz (*leverage*) lill-finanzjament tas-settur privat, b'enfasi partikolari fuq SMEs, billi jindirizzaw konġestjonijiet u ostakli għall-investiment;

(d) isaħħu s-setturi u l-oqsma soċjo-ekonomiċi u l-infrastruttura pubblika u privata relatata u l-konnettività sostenibbli, inkluż l-enerġija rinnovabbli u sostenibbli, l-ilma u l-ġestjoni tal-ilma, it-trasport, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, kif ukoll l-ambjent, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, l-agrikoltura sostenibbli u l-ekonomija blu, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u r-restawr tal-pajsaġġi, l-infrastruttura soċjali, is-saħħa u l-kapital uman, sabiex jitjieb l-ambjent soċjo-ekonomiku;

(e) jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika u għall-ħarsien u l-ġestjoni tal-ambjent;

(f) jikkontribwixxu billi jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, biex jindirizzaw il-kawżi fundamentali soċjo-ekonomiċi speċifiċi tal-migrazzjoni irregolari u l-kawżi fundamentali tal-ispostament sfurzat, u jikkontribwixxu għar-riintegrazzjoni sostenibbli ta' migranti ritornati fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, kif ukoll irawmu r-reżiljenza tal-komunitajiet ta' tranżitu u dawk ospitanti, bl-attenzjoni dovuta għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem.

ANNESS VI

LISTA TA' INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI

F'koerenza mal-SDGs, il-lista mhux eżawrjenti li ġejja ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandha tintuża biex tgħin fil-kejl tal-kontribut tal-Unjoni biex jinkisbu l-objettivi speċifiċi tal-Istrument:

(1) Il-punteġġ tal-Istat tad-Dritt fir-rigward ta' pajjiżi li jibbenefikaw minn għajnuna tal-Unjoni.

(2) Proporzjon tal-popolazzjoni taħt il-linja tal-faqar internazzjonali skont is-sess, l-età, l-istatus tal-impjieg u l-pożizzjoni ġeografika (urban/rurali).

(3) Għadd ta' nisa ta' età riproduttiva, tfajliet adoloxxenti, u tfal ta' inqas minn 5 snin li għandhom aċċess għal programmi ta' nutrizzjoni bl-appoġġ tal-Unjoni.

(4) Għadd ta' bdiewa b'azjenda agrikola żgħira li għandhom aċċess għal interventi appoġġati mill-Unjoni bl-għan li tiżdied il-produzzjoni sostenibbli tagħhom, l-aċċess għas-swieq u/jew is-sigurtà tal-art.

(5) Għadd ta' trabi ta' sena mlaqqma kompletament bl-appoġġ tal-Unjoni.

(6) Għadd ta' studenti rreġistrati fl-edukazzjoni: (a) l-edukazzjoni primarja (b) l-edukazzjoni sekondarja; u għadd ta' persuni li bbenefikaw minn interventi ta’ edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali / interventi ta’ żvilupp ta' ħiliet, ibbażati f’istituzzjoni jew fil-post tax-xogħol, appoġġati mill-Unjoni.

(7) Emissjonijiet tal-gassijiet serra evitati (Ktons CO2eq) bl-appoġġ tal-Unjoni.

(8) Ekosistemi tal-baħar, tal-art u tal-ilma ħelu protetti u/jew li jinsabu taħt ġestjoni sostenibbli bl-appoġġ tal-Unjoni.

(9) Rinforz finanzjarju (*leverage*) ta' investimenti u l-effett multiplikatur miksub.

(10) Għadd ta' individwi li jibbenifikaw direttament minn interventi appoġġati mill-Unjoni maħsuba speċifikament biex jappoġġaw il-bini tal-paċi ċivili wara l-konflitt jew il-prevenzjoni ta' konflitti.

(11) Għadd ta' proċessi relatati mal-prattiki tal-pajjiż sieħeb fir-rigward tal-kummerċ, l-investiment u n-negozju, jew li jippromwovu d-dimensjoni esterna tal-politiki interni tal-Unjoni jew l-interess tal-Unjoni, li ġew influwenzati.

(12) Għadd ta' individwi b'aċċess għal sors tal-ilma tax-xorb u/jew faċilitazzjoni tas-sanità mtejjeb bl-appoġġ tal-Unjoni.

(13) Għadd ta' migranti, refuġjati u persuni spostati internament jew individwi minn komunitajiet ospitanti protetti jew megħjuna bl-appoġġ tal-Unjoni.

(14) Għadd ta' pajjiżi u bliet li (a) żviluppaw jew (b) implimentaw strateġiji dwar it-tibdil fil-klima u/jew għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, bl-appoġġ tal-Unjoni.

(15) Għadd ta' SMEs li japplikaw prattika sostenibbli ta' konsum u produzzjoni bl-appoġġ tal-Unjoni.

(16) Kapaċità tal-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli installata (MW) bl-appoġġ tal-Unjoni.

(17) Proporzjon ta' kooperazzjoni ffinanzjata mill-Unjoni li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa.

(18) Għadd ta' vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jibbenefikaw direttament minn għajnuna ffinanzjata mill-Unjoni.

(19) Għadd ta' inizjattivi ffinanzjati mill-Unjoni li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali u ftehimiet konġunti f'pajjiżi sħab.

L-indikaturi kollha li jirreferu għal individwi għandhom ikunu diżaggregati, kull meta jkun possibbli, skont is-sess, b'mod partikolari biex jiġi mmonitorjat il-progress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u skont l-età.

L-indikaturi kollha għandhom jiġu diżaggregati, kull meta jkun possibbli, skont iż-żoni ġeografiċi tal-Istrument.